# Illum Il-Festa Tagħna!

# Unità Didattika Għat-Tagħlim

# Tal-Ilsien Malti Fil-Livell Sekondarju

Yurgen Sciberras

Teżi mressqa

lill-Fakultà tal-Edukazzjoni

bi twettiq parzjali għall-grad ta'

Master in Teaching and Learning

Ġunju 2022

L-Università ta' Malta

**University of Malta Library – Electronic Thesis & Dissertations (ETD) Repository**

The copyright of this thesis/dissertation belongs to the author. The author's rights in respect of this work are as defined by the Copyright Act (Chapter 415) of the Laws of Malta or as modified by any successive legislation.

Users may access this full-text thesis/dissertation and can make use of the information contained in accordance with the Copyright Act provided that the author must be properly acknowledged. Further distribution or reproduction in any format is prohibited without the prior permission of the copyright holder.

# Is-Sintesi


Illum il-Festa Tagħna!

Yurgen Sciberras

Il-festi Maltin jagħmlu parti ewlenija mill-kultura Maltija. Il-wirt lingwistiku u letterarju marbut magħhom għandu potenzjal pedagoġiku kbir, anki jekk sa issa d-dokumenti kurrikulari prinċipali, jiġifieri l-Kurrikulu Nazzjonali (Ministeru tal-Edukazzjoni u x-Xogħol, 2012) u s-Sillabu tal-Malti (MATSEC, 2020) ftit li xejn jagħtuhom importanza diretta. Din id-dissertazzjoni hi msejsa fuq proġett kurrikulari li jipproponi għażla mifruxa u mtarrġa ta' kontenut b'rabta mal-festi Maltin skont xi prinċipji ta' unità didattika, bl-isem, 'Illum il-Festa Tagħna!'. B'hekk, l-istudenti Maltin tad-disa' sena jiżviluppaw il-lingwa Maltija f'kuntest li jintrabat mal-esperjenzi tagħhom, jistimulaw l-attenzjoni, u jqanqlu l-ħsieb kritiku tagħhom. Mifruxa fuq għaxar lezzjonijiet, din l-unità didattika tinkludi attivitajiet inklussivi, riżorsi teknoloġiċi, u taħriġiet innovattivi li jqiegħdu lill-istudenti fiċ-ċentru tal-esperjenza tat-tagħlim. Din l-unità didattika toffri lehmiet dwar l-assessjar tul disa' lezzjonijiet u kampjun ta' test bil-għan li jitwettaq fi tmiemha. Dan kollu se jwassal biex l-istudenti, bħala ċittadini Maltin ta' għada, jiksbu konsapevolezza, japprezzaw u jivvalurizzaw aktar dak li hu kulturalment Malti. Din l-unità didattika se sservi wkoll biex l-istudenti jiżviluppaw elementi ta' ħsieb kritiku meta jintalbu jgħarblu xi aspetti tal-festi Maltin. B'hekk, dan il-wirt kulturali u nazzjonali Malti jinżamm ħaj u jagħraf jaġġorna u jiġġenera ruħu. Din id-dissertazzjoni tagħlaq billi tistabbilixxi l-merti tar-riċerka li twassal għar-riflessjoni tar-riċerkatur fuq il-proċess u l-prodott finali ta' dan il-proġett kurrikulari.

Ġunju 2022



**Is-superviżur**: Dr Terence Portelli B.Ed. (bl-Unuri), M.A., Ph.D. (Birm.)

**Il-kliem miftuħ**: It-Tagħlim tal-Malti; Il-Festi Maltin; Il-Livell Sekondarju; Il-Ħiliet u l-Oqsma tal-Lingwa tal-Malti; Proġett Kurrikulari, Unità Didattika.

*Lin-nanniet tiegħi*

*Alfred Sultana*

*(1947–2021)*

*u Ġorġa Sultana*

*(1951–2021)*

*bi mħabba.*

# Radd il-Ħajr

Nistqarr li kieku ma kellix l-għajnuna ta' diversi persuni ma stajtx nippreżenta dan l-istudju. Għalhekk inħoss id-dmir li nirringrazzja lil dawk kollha li kienu dejjem hemm biex jgħinuni f'kull mument li kont ninsab fih, speċjalment fil-mumenti ta' qtigħ il-qalb. B'mod speċjali nirringrazzja lit-tutur tiegħi Dr Terence Portelli li f'dawn l-aħħar sentejn dejjem wera l-ħeġġa biex jgħinni u għaddieli pariri siewja biex stajt inkompli bl-istudju tiegħi.

M'hemmx ringrazzjament biżżejjed lill-ġenituri tiegħi, Mark u Yvonne! Huma ggwidawni f'kull pass li kien meħtieġ li nieħu. Nixtieq nesprimi l-gratitudni tiegħi lejn ommi talli minn età żgħira dejjem rawmet fija l-imħabba għall-ilsien Malti u fl-istess ħin ħeġġitni biex nimpenja ruħi f'attivitajiet bħalm'huma dawk tal-abbatini u l-baned. Żgur li mingħajr id-dedikazzjoni tagħha m'iniex fejn qiegħed illum.

B'mod speċjali rrodd ħajr lil ħija Darren li b'paċenzja kbira kien jieqaf minn xogħlu biex jiġi jaqra partijiet mid-dissertazzjoni tiegħi.

Nixtieq nirringrazzja wkoll lis-Sur Keith Attard għall-qari tal-provi u lil dawk l-għalliema tal-Malti li bis-saħħa tagħhom inġbidt lejn din il-professjoni u llum grat li ħadt dal-pass.

Fl-aħħar nett, irrodd ħajr lil Santa Marija, il-Patruna ta' Ħ'Attard, li dejjem żammitni taħt il-ħarsien tagħha.

# Werrej

Is-Sintesi ....................................................................................................ii

Radd il-Ħajr ...................................................................................................iv

Werrej.......................................................................................................... 1

Il-Lista ta' Tabelli u Figuri ............................................................................ 5

Daħla............................................................................................................ 6

1. Il-Festi Maltin: Drawwiet u Ħajja.............................................................. 9

1.1 Xi karatteristiċi tal-festa ............................................................................ 9

1.1.1 Il-Festa Maltija minn festa reliġjuża għal festa lajka............................. 10

1.1.2 Differenza bejn festa u ċelebrazzjoni .................................................. 12

1.1.3 Għaliex il-bniedem iħobb l-atmosfera festiva u ċelebrattiva?................ 12

1.2 Ir-rabta bejn il-lingwa u l-kultura ............................................................. 13

1.3 It-tagħlim tal-kultura fil-lezzjonijiet tal-ewwel lingwa .................................. 15

1.3.1 X'għandu jiġi mgħallem fil-lezzjonijiet tal-kultura................................. 16

1.4 Il-festi fit-tagħlim tal-Malti: Ħarsa kritika lejn xi riċerka lokali........................ 16

1.5 Il-festi fil-kotba tal-iskola ......................................................................... 18

1.6 Il-pedagoġija mħaddma........................................................................... 20

1.7 L-għeluq ................................................................................................. 20

2. Il-Festi Maltin f'Kuntest Kurrikulari: Analiżi ta' xi Dokumenti Ewlenin................. 22

2.1 It-tliet dokumenti...................................................................................... 22

2.2 Il-kultura f'kuntesti kurrikulari barranin ........................................................ 23

2.3 Id-definizzjoni ta' Kurrikulu ........................................................................ 25

2.3.1 Il-kultura fil-Kurrikulu Nazzjonali ta' Malta (2012)................................. 26

2.3.2 Il-festi fil-Kurrikulu Nazzjonali ta' Malta ................................................ 27

2.4 L-Istrateġija Nazzjonali tal-Litteriżmu ......................................................... 28

2.4.1 Il-kultura fl-Istrateġija Nazzjonali tal-Litteriżmu .................................... 28

2.4.2 Il-festi fl-Istrateġija Nazzjonali tal-Litteriżmu.......................................... 29

2.5 L-Iskaluni.................................................................................................... 29

2.5.1 Il-kultura fl-Iskaluni.................................................................................. 30

2.5.2 Il-festi fl-Iskaluni........................................................................................ 31

2.5.3 Il-festi fil-Kisbiet tat-Tagħlim.................................................................. 32

2.6 Is-Sillabu tal-Malti tal-iskejjel tal-Istat ......................................................... 34

2.6.1 It-tfassil ta' Sillabu...................................................................................... 34

2.6.2 Xi għamliet differenti ta' Sillabu............................................................. 35

2.6.3 Il-kultura fis-Sillabi tal-Istudji Soċjali, tar-Reliġjon u tal-Istorja............... 36

2.6.4 Il-kultura fis-Sillabi tal-Malti .................................................................... 37

2.6.5 Il-festi fis-Sillabu taċ-ĊES ......................................................................... 39

2.6.6 Il-festi bħala parti mis-Sillabu tal-Malti .................................................. 39

2.7 L-għeluq ..................................................................................................... 40

3. L-Unità Didattika għat-Tagħlim tal-Festi fil-Livell Sekondarju............................. 41

3.1 Il-bżonn ta' din l-unità didattika.................................................................. 41

3.2 L-unità didattika: Illum il-Festa Tagħna ..... 43

3.3 Il-pjan ta’ ħidma tal-unità didattika ..... 44

3.4 Ħarsa ġenerali lejn il-lezzjonijiet tal-unità didattika ..... 46

3.4.1 L-iskaluni u l-kisbiet mit-tagħlim tal-unità didattika ..... 48

3.4.2 L-għanijiet tal-unità didattika ..... 49

3.4.3 Analiżi tar-reġistru ġdid ..... 51

3.5 Ir-riżorsi ..... 52

3.6 L-importanza tal-assessjar u tal-evalwar ..... 54

3.6.1 L-evalwar summattiv ..... 54

3.6.2 L-assessjar formattiv ..... 55

3.7 L-għeluq ..... 56

4. Riflessjoni Fuq Dan l-Istudju ..... 57

4.1 Xi merti ta’ din il-proposta ..... 57

4.2 Xi implikazzjonijiet ta’ dan l-istudju ..... 58

4.2.1 Xi implikazzjonijiet għal min ifassal is-Sillabu tal-Malti ..... 59

4.2.2 Xi implikazzjonijiet għall-għalliema tal-Malti ..... 60

4.2.3 Xi implikazzjonijiet ta’ dan il-proġett għall-istudenti tal-Malti ..... 61

4.2.4 Xi implikazzjonijiet għall-ġenituri u l-kustodji ..... 62

4.2.5 Xi implikazzjonijiet għall-komunità ..... 62

4.3 Skop għal aktar riċerka ..... 64

4.4 Uħud mil-limitazzjonijiet ta’ din il-proposta ..... 66

4.5 L-għeluq ta' dan l-istudju ..... 67

Il-lista ta' referenzi ..... 69

Appendiċi A ..... 84

# Il-Lista ta' Tabelli u Figuri

Tabella 2A: Il-festi Maltin fl-Iskaluni. .......... 32

Tabella 2B: Kif tiġi mgħallma l-kultura barra minn Malta. .......... 34

Tabella 2Ċ: Tipi differenti ta' Sillabu .......... 36

Tabella 3A: L-għaxar lezzjonijiet li se jsawru l-unità didattika – Illum il-Festa Tagħna .......... 45

Tabella 3B: L-iskaluni li se jintużaw fl-unità didattika .......... 49

Tabella 3Ċ: Il-Kisbiet mit-Tagħlim immirati għad-disa' sena .......... 49

Tabella 3D: L-għanijiet ġenerali li se jsawru l-unità didattika .......... 50

Tabella 3E: L-għanijiet li se jintużaw għal kull lezzjoni .......... 51

Tabella 3F: Ir-reġistru ġdid marbut ma' kull lezzjoni fl-unità didattika .......... 52

Figura 4A: It-teorija ta' Bronfenbrenner .......... 65

# Daħla

Minn mindu kont tifel żgħir, fit-tliet xhur tas-sajf, kont immur mal-ġenituri tiegħi ndur il-festi madwar Malta. Kien l-għors tiegħi nisma' l-marċi Maltin jindaqqu mill-banda. Kont nistenna l-jum tal-Ħadd biex nara l-vara titulari tixref mill-bieb prinċipali tal-knisja. Għamilt żmien bħala abbati, u kont nipparteċipa fil-festa tar-raħal bħala fratell, u kont nieħu sehem f'diversi purċissjoniijet f'Malta.

Nista' ngħid li tfuliti qattajtha fl-atmosfera festiva. Niftakar li meta kont żgħir, ta' kull sena kont nistenna b'ħerqa l-15 ta' Awwissu u b'daqstant ieħor ħeġġa nistenna l-wasla tal-festa tal-Vitorja. Waranofsinhar konna nitilgħu n-Naxxar, minn fejn hu missieri, ħalli jibdew it-tħejjijiet għall-ħruġ tal-purċissjoni. Peress li missieri kien jerfa' fil-vara titulari, ta' tifel li kont, kien moħħni biex nittawwal ġewwa l-knisja ħalli nara fejn waslet il-vara tal-Bambina. Malli l-banda tibda ddoqq l-innu popolari u l-Każin tal-Peace jaħraq il-kaxxa infernali, kont nara lil missieri u lir-reffiegħa l-oħra, bil-lasta fuq spallithom joħorġu lil Marija Bambina fuq iz-zuntier tal-knisja tan-Naxxar. Fost il-ħafna għajjat, ċapċip, daqq tal-banda u tal-qniepen, jien kont inħossni tassew ferħan u kburi.

Minbarra l-festi tal-irħula, minn mindu kont żgħir, flimkien ma' ħuti, kont nieħu sehem f'diversi purċissjonijiet tal-Ġimgħa l-Kbira, fosthom in-Naxxar, Raħal Ġdid, Ħaż-Żebbuġ u l-Belt Valletta. Meta kont għadni nilbes fil-purċissjoni, kont nistenna li jasal Ras ir-Randan ħalli nkunu minn tal-ewwel li mmorru ninkitbu u nġibu l-vestwarju

d-dar. Maż-żmien bdejt nieħu sehem quddiem ir-Redentur mal-banda tal-Iscouts tal-Marsa biex imbagħad bdejt indoqq il-marċi funebri mal-każini tal-baned.

Peress li dejjem xtaqt li nkun parti mill-banda, meta kelli tnax-il sena bdejt nitgħallem l-ewwel strument tiegħi tal-banda li huwa t-tanbur. Wara sentejn iddeċidejt li nbiddel l-istrument u qlibt għall-awfonju, strument tar-ram li għadni ndoqq sal-lum. Inħossni sodisfatt li qed inkompli dak li ħadmu għalih l-antenati tagħna u llum, bħala għalliem prospettiv tal-Malti, xtaqt nesplora mal-istudenti tal-Malti ftit mis-sbuħija u r-rikkezza tal-festi Maltin.

Permezz ta’ dan il-proġett kurrikulari se nkun qiegħed nuri li l-festi għandhom ikunu parti mit-tfassil tal-kurrikulu biex l-istudenti jkunu jistgħu jiksbu konsapevolezza u japprezzaw dak li hu kulturalment tagħhom. Il-festi jagħmlu parti importanti mill-identità Maltija. Mill-esperjenza edukattiva tiegħi, kważi qatt ma ġiet diskussa din it-tema waqt il-lezzjonijiet tal-Malti. Donnu fis-sistema edukattiva lokali, jorbtu l-festi Maltin mat-tagħlim tal-Istudji Soċjali, tar-Reliġjon, u tal-Istorja ta’ Malta biss. Biex nindirizza dak li f’għajnejja hu nuqqas, f’din id-dissertazzjoni se nkun qiegħed norbot il-festa Maltija mat-tagħlim tal-lingwa Maltija fl-iskola sekondarja. F’dan l-istudju se nistħarreġ u nesplora l-valur li għandhom il-festi fit-tagħlim tal-ħiliet u l-oqsma tal-lingwa Maltija. Rusu u Kantonla (2016: 1) juru li l-atmosfera festiva u ċelebrattiva hija karatteristika ewlenija fil-ħajja tal-bnedmin għax bis-saħħa tagħha jkunu jistgħu jaqtgħu mir-rutina li s-soċjetà titlob minnhom. Dan il-proġett kurrikulari huwa mmirat għall-istudenti tad-disa’ sena u se juri l-benefiċċji li jistgħu joffru l-festi Maltin fit-tagħlim tal-ilsien nattiv. Il-qofol tar-riċerka se tkun qed tippreżenta l-punt organizzattiv ta’ unità didattika biex il-festi Maltin – bil-wirt lingwistiku, letterarju u kulturali li għandi tagħhom – jaslu b’mod strutturat u pedagoġikament stimulanti għand l-istudenti fil-livell sekondarju.

Ix-xewqa tiegħi hija li dan l-istudju jagħti deskrizzjoni ta' possibbiltà pedagoġika li l-għalliema tal-Malti tajjeb jispiraw ruħhom u jiddakkru minnha biex dan l-ilsien tant għażiż jibqa' ħaj fost l-istudenti Maltin tal-lum u għada f'kuntest ċelebrattiv bħalm'huma l-festi Maltin.

# 1. Il-Festi Maltin: Drawwiet u Ħajja

## 1.1 Xi karatteristiċi tal-festa

Mill-perspettiva antropoloġika, il-festa hija "special meals (food out of the ordinary in kind or quantity) shared among an enlarged circle of people" (Nahum-Claudel, 2016) u twassal biex ikun hemm avvenimenti mużikali, talb u sagrifiċċji (Nahum-Claudel, 2016). Id-definizzjoni ta' festa tinbidel skont soċjetajiet u kuntesti kulturali differenti. Madanakollu, Mauss (2002: 49-101) juri li l-festi, b'xi mod jew ieħor, kollha kemm huma marbutin ma' avvenimenti "reliġjużi, mitoloġiċi, ekonomiċi, soċjali, u estetiċi" (Mauss, 2002). Fi kliem ieħor, hemm qbil bejn il-festi u r-ritwali marbutin magħhom. Friggieri (1988: 17-18) isostni li l-poplu Malti jinqeda bil-festa tar-raħal biex jiekol, jixrob, jilbes pulit u jżejjen id-djar. B'hekk, din turi li l-festa Maltija hija importanti f'ħajjet il-poplu Malti.

Aquilina (1987: 327) jaqsam il-festa Maltija fi tnejn. L-ewwel, il-festa esterna li hi meqjusa bħala "the festivities held outside the church on the occasion of a village festa" (Aquilina, 1987: 327), u l-festa interna jiġifieri "the religious celebrations held inside the church on the occasion of a village festa" (Aquilina, 1987: 327).

Matul il-ġimgħa tal-festa, hemm diversi elementi li jispikkaw fosthom il-vara kemm dik titulari jew sekondarja, il-knisja mżejna, in-nar, il-każini tal-banda u l-gabbani li jkunu armati qrib il-knisja u t-toroq prinċipali. Fil-jum tal-festa, il-familji Maltin, flimkien mal-qraba tagħhom, kienu jinġabru fil-gallariji tagħhom biex jaraw il-purċissjoni għaddejja minn quddiem id-djar tagħhom (Zammit, 2016: 28). Dan kollu

kien isir waqt li t-tfal tagħhom kienu jitfgħu l-karti kkuluriti mill-gallariji biex joħolqu l-atmosfera festiva. Dan kollu juri li l-festa Maltija mhijiex hemm biex turi min għandu l-aħjar nar, l-iktar nies jew l-isbaħ armar. Il-festa, suppost, qiegħda hemm biex raħal jew belt partikolari jiċċelebraw il-qaddis/a tal-komunità. B'hekk, kif juri Cassar Pullicino (2005: 35), il-festa tasal biex "thenni, tlewwen u ssebbaħ il-ħajja Maltija".

### *1.1.1 Il-Festa Maltija minn festa reliġjuża għal festa lajka*

Friggieri (1988: 17-18) iqis lill-festa Maltija bħala dik il-ħaġa li għandha l-ingredjenti kollha li juru l-ħajja tal-Maltin bħala Maltin, "u mhux biss tal-Maltin bħala Nsara". Fid-definizzjoni tiegħu, Friggieri (1988: 17-18) isostni l-fatt li l-Maltin jinqdew b'din id-drawwa marbuta mal-fidi Nisranija biex jiddevertu u "jagħmlu espressjoni kulturali" u jkunu qed "joħolqu l-kultura bis-saħħa ta' fidi li tgħaqqadhom" (Friggieri, 1988: 17-18). B'dan il-mod, il-festi kisbu valur sekulari. Bosta attivitajiet li jsiru fil-ġimgħa tal-festa, saru marbuta mal-kontenut kulturali aktar milli mal-aspett reliġjuż. Donnu l-festa esterna biss li qed toħloq dan l-avveniment u bil-mod il-mod il-festa saret tieħu bixra sekulari. Minħabba diversi raġunijiet, fosthom "id-deċiżjonijiet arbitrarji li jieħdu ċerti rjus kbar fil-kurja; il-kritika negattiva u nibbiexa minn ċerti ġurnalisti (sic) fuq il-mezzi tax-xandir; in-nuqqas ta' interess mill-awtoritajiet ċivili, speċjalment fejn jidħlu fondi pubbliċi u d-diżorganizzazzjoni ta' ċerti kumitati tal-festa" (Saliba, 2014: 47-48), il-poplu Malti sar jagħti kas aktar il-festa lajka u materjalista milli dik spiritwali u devozzjonali.

Minn festa għall-oħra, l-armar u n-nar jibqgħu jiżdiedu u b'hekk tkompli tagħmel il-festa aktar materjalista. Farrugia (2011: 10) juri li meta wieħed "jisma' u jħoss in-nar" ikun diġà qed jesperjenza l-festa għax "fil-fatt tkun qed tisma' l-festa". Il-fatt li l-festi huma ħajjin, ovvja li se jkun hemm xi karatteristiċi li se jinbidlu, imma

huwa ta' bżonn li jkun hemm nies professjonali u jifhmu fil-qasam li jimmaniġġjaw l-avvenimenti kollha li jsiru fil-ġimgħa tal-festa. Saliba (2014: 47-18) juri li għalkemm il-Knisja tgħid li l-festi esterni huma relatati magħha, fil-verità dawn "jagħmilhom il-poplu, taħt il-kappa tal-Knisja" b'konsegwenza li qed tkun aktar faċli jkun hemm kontroll fil-festi interni minn dawk esterni. B'konsegwenza ta' hekk, is-soċjetà qed issir aktar lajka u b'mod inevitabbli qed taffettwa dawn it-tradizzjonijiet reliġjużi.

Borg (1995: 37) juri li l-piki huma element kruċjali li qed iħallu impatt negattiv fuq il-festi interni peress li minħabba fihom l-importanza dejjem qed tkun fuq il-festi esterni. Skont Farrugia (2011: 7) il-festa sekulari qed twassal biex joħroġ il-karattru festiv tal-poplu Malti anke fil-mod ta' "kif inħobbu nimpikaw mal-ġirien, il-mod kif festa tkun trid tispikka minn dawk ta' madwarha u allura jidħol il-karattru Malti li ma jaqtax qalbu u jpoġġi quddiemu sfidi akbar minn tas-sena ta' qabel". Mill-banda l-oħra, Cassar Pullicino (2005: 35) jikteb li f'daż-żminijiet, il-piki saru bla rażan u għalhekk iwasslu biex ikun hemm ksur ta' regolamenti. Barra minn hekk, il-festi tas-sajf qed iġibu bosta kritika fis-soċjetà speċjalment fuq l-istorbju żejjed li jġibu magħhom. Għalkemm il-festi Maltin huma parti mill-kultura, ma tfissirx li kulħadd japprezzahom bl-istess mod. B'hekk mhuwiex ġust li fil-ġimgħa tal-festa jkun hemm id-daqq tal-baned u tal-qniepen, il-briju, u l-logħob tan-nar f'ħinijiet eċċessivi. Il-Kummissjoni Interdjoċesana Ambjent (2011) tissuġġerixxi li waqt iċ-ċelebrazzjonijiet tal-festa, il-kappillani għandhom jaraw li "d-daqq tal-qniepen isir b'moderazzjoni kemm fil-ħinijiet (meta jindaqqu) kif ukoll fit-tul (kemm idumu jindaqqu)" biex b'hekk il-festi xorta waħda jibqgħu jsiru waqt li ma jdejqux wisq lil dawk li ma jattendux għalihom.

### *1.1.2 Differenza bejn festa u ċelebrazzjoni*

Il-festi huma avveniment marbutin mal-kultura u diversi antropoloġisti jorbtu dan it-terminu mar-ritwali (Droogers, 2012: 125-132). Droogers (2012: 132) iqis il-festa bħala "the moment in which, or the occasion on which people, in the structuring of time and the course of an individual's life cycle, give special ritual form to occurences that mark personal and social existence". Dan kollu juri li l-festa għandha orjentament reliġjuż, filosofiku u ideoloġiku (Post, 2001: 37).

Mill-banda l-oħra, mhux kull ritwal iġib miegħu festa għax hemm każijiet fejn ir-ritwali jintrabtu ma' ċelebrazzjonijiet, għalkemm huma ekkleżjali. Fost dawn hemm ir-ritwali tad-dfin u tal-Ġimgħa Mqaddsa, li skont Droogers (2012: 133) dawn huma marbutin ma' ċelebrazzjonijiet. Dwar iċ-ċelebrazzjonijiet, Shalinsky (1985: 1) turi li dawn l-avvenimenti mhux dejjem iġibu magħhom atmosfera ferriħija, peress li f'xi kuntesti, iċ-ċelebrazzjonijiet joffru "a unified focus for learning about history, government, community, social interaction, traditional values, and social change".

Fil-kuntest lokali, l-unika ħaġa li hija marbuta biss mal-festa hija x-xalata, u rigward iċ-ċelebrazzjonijiet jintużaw mal-karnival u l-Halloween peress li dawn mhumiex meqjusa bħala festi. B'hekk ma hemmx terminu wieħed biss li huwa marbut ma' avvenimenti reliġjużi. Dan kollu juri li apparti dawn id-differenzi, hemm similarità bejn dawn iż-żewġ termini.

### *1.1.3 Għaliex il-bniedem iħobb l-atmosfera festiva u ċelebrattiva?*

Il-festa hija karatteristika li tidher madwar id-dinja kollha għax twassal biex toħloq sens ta' moralità, valuri, u għarfien kulturali li jsawru l-identità tal-pajjiż (Nahum-Claudel, 2016). Il-bniedem jistenna li f'perjodi differenti ta' ħajtu jgħaddi minn avvenimenti festivi fejn fihom ikun jista' jiċċelebra għax b'hekk jaqta' mir-rutina

normali li s-soċjetà timponi fuqu (Rusu & Kantola, 2016:1). Fil-fatt, f'ċerti każijiet, is-safar isir biex dak li jkun jesperjenza l-element ċelebrattiv li jafu joffru pajjiżi oħra (Somerville Chambers, 2000: 5-6).

## 1.2 Ir-rabta bejn il-lingwa u l-kultura

Il-lingwa umana hija dik il-karatteristika li tagħmilna differenti mill-kumplament tal-annimali. Hi sistema b'diversi simboli arbitrarji li jagħmlu sens għall-bniedem. Kramsch (2003: 3) juri li dawn is-simboli tal-lingwa jwasslu għall-valur kulturali. It-tagħlim tal-ewwel lingwa huwa proċess li jibda minn qabel it-tarbija titwieled, u mbagħad, jibdew iqabblu l-kliem li qed jingħad mal-għamla tax-xufftejn kif ukoll mal-espressjoni tal-wiċċ (Bochner & Jones,2005: 11). Dan juri li l-proċess tat-tagħlim tal-ewwel lingwa jibda minn stat bikri li jwassalhom biex jiltaqgħu mal-kliem, li huma simboli arbitrarji, u jibdew joħolqu l-lessiku u l-istruttura ta' sentenzi bażiċi (Wolraich, 2008: 177).

Crystal (1995: 454) jiddefinixxi l-lingwa bħala "the systematic, conventional use of sounds, signs or written symbols in a human society for communication and self-expression". Għalhekk il-bniedem jasal biex jitħaddet, jaqra, jisma', jikteb u juża dik il-lingwa biex jikkomunika mal-oħrajn; erba' ħiliet li jwasslu lill-bniedem iħaddan dik il-lingwa partikolari. B'rabta ma' din l-istqarrija, Dash u Dash (2007: 1) juru li s-smigħ, it-taħdit, il-qari u l-kitba jwasslu biex ikun hemm attività mentali abbażi l-lingwa.

B'rabta mal-kultura, Jandt (1988: 8) tiddefeniha bħala dik il-karatteristika li "you would need to know and do so as not to stand out as a stranger in a foreign land... All these cultural elements are learned through interaction with others in the culture". Dan kollu jseħħ peress li l-kultura hija "proċess li jgħaddi minnu kulma hu

naturali bħala riżultat tal-ħidma tal-moħħ tal-bniedem" (Friggieri, 2010: 396). Sue (1982) juri li għalkemm il-kultura tinħoloq b'mod naturali, xorta waħda hemm spazju fejn il-bniedem jikseb aktar għarfien kulturali permezz ta' tliet kompetenzi ewlenin li huma l-għarfien, l-attitudnijiet u l-ħiliet. Kompetenzi kulturali li huma "the belief that people should not only appreciate and recognize other cultural groups, but also be able to effectively work with them" (Sue, 1988: 441).

Fil-każ ta' Malta, meta wieħed ikollu l-għarfien kulturali tal-gżejjer Maltin tfisser li dak li jkun ikun jaf fatti ġeografiċi fosthom il-klima u d-distanzi, elementi storiċi bħalma huma l-ħakmiet li kien hawn f'Malta, karatteristiċi lingwistiċi kemm fil-lingwa mitkellma kif ukoll fil-lingwa miktuba. L-għarfien kulturali jikkonsisti wkoll minn għarfien ta' fatti artistiċi marbutin mal-mużika, pittura, arkitettura u teatru (Friggieri, 2010: 396). Byram (1989: 41) juri li dawn l-elementi artistiċi jiddefenixxu l-identità kulturali tan-nies. Hu jisħaq li dawn il-valuri tal-kultura huma preżenti fil-lingwa u b'hekk tinħoloq rabta qawwija bejn il-lingwa u l-kultura peress li l-lingwa hija influwenzata mill-kultura (Byram: 1994). L-apprezzament kulturali ma għandux jieqaf mal-kultura tal-lokal għax meta wieħed jasal biex japprezza kulturi barranin jasal għat-tielet kompetenza kulturali peress li b'hekk ikun jista' jikkomunika u jitgħallem minn esperjenzi kulturali oħra. Fil-każ ta' Malta hawn diversi sottokulturi li xorta waħda huma parti mill-kultura tal-pajjiż u jridu jiġu apprezzati mill-istudenti.

Dan kollu juri li hemm rabta bejn il-lingwa u l-kultura tant li Kramsch (2003: 3) jemmen li "language symbolizes cultural reality". L-istess ħsieb jidher f'Portelli u Camilleri Grima (2001: 130) meta jiktbu li l-"kultura ssawwar il-ħajja tagħna ta' kuljum u ssawwar u tiġi msawra mil-lingwa ta' kuljum" u din twassal biex il-lingwa "toħloq id-dinja kulturali għal min jitkellimha" (Mifsud Chircop, 2000: 99-101). Min-naħa l-oħra, il-kultura mhijiex biss il-lingwa u l-lingwa ma toħloqx biss il-kultura tal-pajjiż. Mifsud

Chircop (2000: 99-101) jargumenta li bħalma l-lingwa hija ħaġa ħajja, hekk ukoll hija l-kultura, u għalhekk fil-kultura stess wieħed isib livelli differenti.

## 1.3 It-tagħlim tal-kultura fil-lezzjonijiet tal-ewwel lingwa

It-tagħlim tal-lingwa ma jikkonsistix biss mit-tagħlim ta' kliem ġdid, il-grammatika u l-letteratura. Hemm ħiliet u oqsma oħra tal-lingwa, bħalma huma l-istorja tal-lingwa, is-smigħ, il-qari u l-kultura stess, li huma importanti fil-programm edukattiv tal-istudenti rigward it-tagħlim tal-lingwa. Byram (1994: 5-6) iqis li l-kultura għandha sehem ewlieni fil-lezzjonijiet tal-ilsien, peress li l-lingwa hi influwenzata mill-kultura. Tant hu hekk, li jisħaq li t-tagħlim tal-ewwel lingwa bilfors irid jinkludi fih lezzjonijiet fuq il-kultura (Byram, 1994: 5-6).

Kramsch (2003: 25) juri li l-lingwa hija l-aktar ħaġa fundamentali li twassal biex wieħed jifhem il-kultura ta' pajjiż partikolari. Dan sar fi studju fil-gżejjer tat-Trobriand fejn l-użanzi kulturali tal-pajjżi setgħu jinftiehmu meta tgħallmu l-lingwa. Dan wera li anki l-kliem, l-użanzi u t-twemmin huwa marbut mal-kultura tagħhom. Dan kollu juri kemm it-tagħlim tal-kultura huwa essenzjali u ta' benefiċċju waqt il-lezzjonijiet tal-lingwa. Brown (1994) turi li:

> "A language is a part of a culture and a culture is a
> part of a language; the two are intricately interwoven
> so that one cannot separate the two without losing the
> significance of either language or culture."

Fil-fatt anki l-Istrateġija Nazzjonali tal-Litteriżmu (Ministeru tal-Edukazzjoni u x-Xogħol, 2014: 10) taqbel ma' din l-istqarrija meta turi li l-litteriżmu bilanċjat, li tfisser ikollok tħaddim tal-lingwa b'mod adekwat, iwassal biex l-istudenti japprezzaw u jifhmu l-kultura u l-identità tagħhom. Din id-definizzjoni tkompli turi l-importanza li l-lingwa u l-kultura għandhom jiġu mgħallma flimkien, sinkronikament.

### *1.3.1 X'għandu jiġi mgħallem fil-lezzjonijiet tal-kultura*

L-importanza tat-tagħlim tal-kultura fil-lezzjonijiet tal-lingwa tidher f'diversi pajjiżi barranin, speċjalment dawk Ewropej. Jekk din il-mentalità tiġi implimentata wkoll fl-edukazzjoni Maltija, il-kunċett tal-kultura ma jibqax bħala xi ħaġa iżolata mit-tagħlim tal-lingwa. Din twassal biex it-tagħlim tal-lingwa jimxi 'l quddiem u jkun hemm konsapevolezza aktar ħajja fuq l-identità nazzjonali kif ukoll dik personali.

Fis-sitwazzjoni preżenti f'Malta, fl-istess klassi jista' jkun hemm studenti li jiċċelebraw festi oħra differenti minn dawk li l-istudenti Maltin huma mdorrijin bihom. B'hekk, waqt li tiġi diskussa t-tema tal-festa Maltija, tajjeb li l-għalliema jirreferu għall-festi li jiġu ċċelebrati barra minn Malta. Pereżempju għar-reliġjon Nisranija, it-twelid tal-Madonna li jiġi ċċelebrat fit-8 ta' Settembru, jista' jitqabbel mal-festa Musulmana Mawlid Al-Nabi li hija wkoll festa reliġjuża u tfakkar it-twelid tal-profeta Muhammed. Hu jitfakkar bejn it-18 u d-19 ta' Ottubru.

It-tagħlim tal-kultura fil-lezzjonijiet huwa ta' benefiċċju għall-istudenti. Kif juru Johnson u Rinvolucri (2010: 7), l-istudenti jindunaw li l-kultura hija kunċett preżenti l-ħin kollu magħhom u hija l-kultura stess li tgħin fil-progress tas-soċjetà.

## 1.4 Il-festi fit-tagħlim tal-Malti: Ħarsa kritika lejn xi riċerka lokali

It-tema tal-festa ġiet mistħarrġa f'diversi riċerki. F'Giles u Grech (2011) kien hemm żewġ lezzjonijiet ippjanati minnhom li trattaw it-tema tal-festa. Fil-fatt, lezzjoni minnhom semmewha 'Nitgħallmu Dwar il-Festi Maltin' fejn l-għanijiet tal-lezzjoni jduru kollha fuq il-festi Maltin biex ikunu jistgħu jużaw l-informazzjoni fil-futur, sew fil-kitba, kif ukoll fit-taħdit. It-tema tal-festi ġiet diskussa f'lezzjoni oħra, din id-darba

tkellmu dwar u ddeskrivew il-festi, bl-iktar ħaġa li tispikka f'din il-lezzjoni hija l-logħob tal-ġigġifogu. B'hekk ġiet diskussa t-tema tal-logħob tan-nar li jkunu preżenti fil-festi.

Fi Grech (2012) hemm rabta bejn l-unità didattika 'Ġejja l-Banda!' mat-tema tal-festi. F'din ir-riċerka ġiet diskussa l-banda f'Malta. Bħala parti mir-riżorsi ntuża filmat li juri l-banda qiegħda ddoqq waqt festa Maltija. Dan jgħin lill-istudenti jifhmu aħjar fuq xiex ikunu qed jitkellmu. Barra minn hekk, f'din ir-riċerka t-tema tal-festa saret b'rabta mal-qasam tal-grammatika.

It-tema tal-festi hija preżenti fi wħud mill-kanzunetti Maltin u b'hekk tista' tintuża wkoll fil-lezzjonijiet. Dan il-kunċett esprimieh Spiteri (2013) fejn uża l-kanzunetta *Il-Festa* miktuba minn Joe Friggieri biex joħroġ ir-rabta li hemm bejn il-festi Maltin u l-kultura Maltija. Fl-istudju ta' Spiteri (2013), intrabtu l-festi Maltin mal-ħila tal-kitba fejn għax-xogħol għad-dar l-istudenti kienu mitluba biex jiktbu żewġ paragrafi fuq il-fatturi tal-festi Maltin li huma marbutin mal-kultura.

F'Attard (2012) ġiet diskussa t-tema tal-festi b'rabta mad-devozzjoni lejn il-qaddisin. B'dan il-mod l-istudenti ġew konxji liema hi dik ir-raġuni għala jiġu ċċelebrati l-festi fl-irħula Maltin. Barra minn hekk, din ir-riċerka abbinat ukoll il-festa reliġjuża mal-leġġendi li jinqraw fil-klassi.

Karatteristika prominenti f'dawn ir-riċerki hija li rabtu l-festa mal-kultura, u għalhekk ikomplu jsaħħu l-idea ta' diversi teoristi u folkloristi Maltin. Hemm riċerki li l-idea tal-festi ma rabtuhiex biss mal-festi tas-sajf imma daħlu wkoll festi oħra bħalma huma l-Milied u l-Għid. Din l-idea tidher f'Muscat (2011) fejn ir-riċerka tagħha kienet tiffoka fuq żewġ awturi Maltin u permezz tal-kitbiet tagħhom assoċjat il-festa reliġjuża tal-Għid bil-għan li jaslu għall-isfond storiku u kulturali.

Il-festi nazzjonali, bħalma hija l-Indipendenza, ġiet trattata fl-istudju ta' Haber (2013) fejn uża diversi siltiet letterarji li kienu marbutin ma' dawn il-festi. Bis-saħħa tal-festa tal-Vitorja, Haber kellu jdaħħal il-festa reliġjuża ma' dik nazzjonali u b'hekk l-istudenti setgħu jindunaw li hemm uħud mill-festi reliġjużi li huma marbutin ma' avvenimenti nazzjonali. Fil-każ tat-8 ta' Settembru, Malta tiċċelebra t-tmiem tat-Tieni Gwerra Dinjija u l-Bambina.

Għalkemm dawn l-istudji trattaw b'mod ħafif it-tema tal-festa Maltija, xorta waħda għandhom il-limitazzjonijiet tagħhom. Kif intwera fl-istudju ta' Attard (2012), il-festa hija relatata mal-aspett reliġjuż b'rabta mat-twemmin Nisrani. Madanakollu, ma ġietx identifikata r-rabta li teżisti bejn il-festa u l-kultura Maltija. Dan in-nuqqas kien preżenti fil-biċċa l-kbira tar-riċerki l-oħra. Limitazzjoni oħra tidher fl-istudju ta' Haber (2013). Din ir-riċerka ffukat fuq ir-rabta li hemm bejn xi festi nazzjonali u l-aspett reliġjuż tagħhom. Hu ffoka biss fuq il-festa tat-8 ta' Settembru. Barra din il-festa, hemm ukoll il-festa ta' Santa Marija li fil-15 ta' Awwissu Malta tfakkar id-dħul tal-Konvoj fil-Port il-Kbir kif ukoll mill-aspett reliġjuż tfakkar it-tlugħ fis-sema ta' Marija.

Dan kollu wera li l-festi Maltin huma utli waqt il-lezzjonijiet biex jintlaħqu l-għanijiet tat-tagħlim. Meta l-festi Maltin ikunu aktar frekwenti matul it-tagħlim tal-Malti, l-istudenti jkunu jistgħu japprezzaw aktar il-wirt kulturali ta' pajjiżhom stess. Meta l-istudenti jipparteċipaw u jieħdu gost fil-lezzjonijiet, ikunu jistgħu jwasslu l-apprezzament tal-kultura Maltija lill-istudenti l-oħra li ma jkunux daqshekk konxji kif ukoll aktar 'il quddiem jgħaddu din l-imħabba lill-ġenerazzjonijiet futuri.

## 1.5 Il-festi fil-kotba tal-iskola

Fil-kotba tal-iskola li jintużaw preżentement, ma hemmx testi letterarji li jittrattaw it-tema tal-festa b'mod dirett. Din ma tfissirx li qatt ma ġiet indirizzata f'kotba

li kienu jintużaw qabel fl-iskejjel. Fost dawn kien hemm is-sensiela *Id-Denfil* (Dipartiment tal-Edukazzjoni, 1985-1991), li kienu kotba tal-qari tal-iskejjel primarji bl-għan li t-tfal ta' Malta "jitrawmu fis-sengħa tal-qari bil-ħeffa u bla tbatija" (Dipartiment tal-Edukazzjoni, 1985). Fis-sensiela kollha, hemm diversi kotba li fihom hemm xi novelli jew poeżiji li l-festa Maltija tkun it-tema prinċipali. Fost dawn hemm il-poeżija 'Il-Festa' (1989: 83) fit-tieni ktieb ta' din is-sensiela. Hija poeżija li turi xi jkun hemm fil-festa bħalma huma l-banda u l-vara. Din turi kemm il-festa Maltija kienet tema li l-istudenti Maltin jiltaqgħu magħha fil-bidu tal-iskola primarja. It-tema tal-festa tibqa' preżenti sal-ħames ktieb ta' din is-sensiela fejn hemm in-novella 'L-għada tal-festa' ta' Scicluna (1985: 71-73) li turi lit-tfal li ma għandhomx joqogħdu jilagħbu bil-logħob tan-nar tant li Salvu, il-protagonista tal-istorja, jispiċċa biex jitlef id waħda.

Anki fis-sensiela *Il-Ġojjin* (Cutajar, 1985-1988) hemm diversi kitbiet li jduru fuq it-tema tal-festa Maltija. Fost dawn insibu l-poeżiji 'Ilbieraħ Mort il-Festa' ta' Mifsud (1985: 106) u 'Il-Purċissjoni' ta' Sciberras (1985: 107). Żewġ poeżiji li jinstabu fir-raba' ktieb immirati għar-raba' sena tal-primarja.

Anki fil-kotba li jintużaw fil-medja u s-sekondarja ma tantx hemm referenza għall-festi. Fil-ktieb *2.mt* (Azzopardi, 2011: 108-117) il-festa hija meqjusa parti mill-kultura Maltija. Fil-fatt, fil-werrej tal-ktieb, it-tema tal-festa tiġi trattata bħala topik kulturali. B'rabta mal-kotba li jintużaw fis-sekondarja, ma hemmx referenza diretta għall-festa Maltija. Uħud mill-eżempji fejn hija preżenti din it-tema hija fil-ktieb *Stejjer Għal Qabel Jidlam* ta' Friggieri, fejn fin-novella 'Il-Festa tan-Nar' (2010: 78) jiġi trattat il-logħob tan-nar u l-periklu li jġib miegħu dan id-delizzju. Fin-novella 'Xtara l-Ħut fil-Baħar', fl-antoloġija *Bejn Ħaltejn* (MATSEC, 2011), hemm referenza ċkejkna għall-murtali, imma mhix xi tema prinċipali, fejn waħda mill-wegħdiet tas-Sur Tonin kienet li

se jagħmel minn kollox biex jerġgħu jibdew jisparaw "murtali kemm irridu u xħin irridu" (MATSEC, 2011: 56).

## 1.6 Il-pedagoġija mħaddma

Peress li t-tema tal-festa toffri baħar ta' informazzjoni, din għandha l-kapaċità li tkun parti mill-organizzazzjoni kurrikulari. Matul id-dissertazzjoni se tiġi żviluppata din it-tema u se jintwera kif tista' tiddaħħal fil-lezzjonijiet tal-Malti. Din l-organizzazzjoni kurrikulari se tkun qiegħda tiġi ppjanata b'mod li turi ħakma tal-kontenut flimkien mal-"padrunanza tal-pedagoġija" (Portelli, 2020: 65). Biex il-festi Maltin ikollhom post fil-klassi tal-Malti, se tkun qiegħda tiġi żviluppata pedagoġija marbuta mat-tagħlim ta' unità didattika ffukata kollha kemm hi għal dan il-ġeneru kulturali. Din il-pedagoġija mħaddma se twassal għal dak li hemm miktub fil-liġijiet ta' Malta, f'kapitlu 445 f'paragrafu 4(2) b'rabta mal-Patrimonju Kulturali fejn hemm miktub li "kull ċittadin ta' Malta kif ukoll kull min hu jkun preżenti f'Malta għandu jkollu d-dmir li jipproteġi l-patrimonju kulturali kif ukoll id-dritt li jibbenefika minn dan il-patrimonju kulturali permezz tat-tagħlim u tat-tgawdija". Permezz tal-pedagoġija marbuta mal-metodu ta' tagħlim ta' unità didattika, l-istudenti se jaslu biex isiru familjari ma' dan il-patrimonju kulturali u "aktar ma ċ-ċittadini jsiru jafu dwaru aktar ikunu jistgħu jipproteġuh u fuq kollox jużawh u jippromwovuh" (Camilleri Grima, 2020: 32).

## 1.7 L-għeluq

F'dan il-kapitlu ngħatat ħarsa lejn il-festi minn tifsiriet antropoloġiċi li wasslu biex issir distinzjoni bejn festa reliġjuża u dik sekulari. Ġie analizzat għaliex il-bniedem iħobb jiċċelebra. Mil-lat pedagoġiku, intwera x'jista' jsir fil-lezzjonijiet tal-lingwa waqt li tkun qed tiġi trattata t-tema tal-festa. Wara ngħatat ħarsa lejn diversi

studji li diġà saru u trattaw din it-tema b'mod ħafif. Lejn l-aħħar ta' dal-kapitlu ġie identifikat kif l-istudenti tal-lum mhux qed jiġu esposti għat-tema tal-festa permezz tal-kotba tal-iskola. Min-naħa l-oħra, ġabriet bħalma huma d-*Denfil (*Dipartiment tal-Edukazzjoni, 1985-1991) u l-*Ġojjin* (Cutajar, 1985-1988) trattaw it-tema tal-festa. Fil-kapitlu li jmiss se tiġi diskussa t-tema tal-festi Maltin f'kuntest kurrikulari u se ssir analiżi ta' xi dokumenti ewlenin.

# 2. Il-Festi Maltin f'Kuntest Kurrikulari:

# Analiżi ta' xi Dokumenti Ewlenin

## 2.1 It-tliet dokumenti

It-tliet dokumenti l-aktar prominenti fit-tagħlim tal-Malti huma: il-Kurrikulu, l-Iskaluni/il-Kisbiet mit-Tagħlim, u s-Sillabi. Minbarra dawn, hemm ukoll l-*Istrateġija Nazzjonali tal-Litteriżmu Għal Kulħadd f'Malta u Għawdex* (Ministeru tal-Edukazzjoni u x-Xogħol, 2014). Portelli u Camilleri Grima (2002: 43) iqisu d-dokumenti ewlenin bħala tliet mapep li għandhom jużaw l-għalliema. Huma l-aktar tliet dokumenti li jagħtu stampa ċara kif it-tagħlim tal-kultura qed jiġi implimentat fit-tagħlim tal-lingwa.

Il-Kurrikulu huwa dak id-dokument li juri l-valuri filosofiċi, soċjali u amministrattivi li għandhom jgħallmu l-għalliema permezz tas-Sillabu, u waqt il-proċess tat-tagħlim jamalgamaw dawn il-valuri mal-esperjenzi tal-istudenti (Tyler, 2011: 182). Dan juri li l-Kurrikulu joffri gwida ta x'għandhom isiru jafu l-istudenti permezz tas-sistema edukattiva offruta lilhom. Kelly (1999: 83) turi li l-Kurrikulu mhuwiex "syllabus which may limit the planning of teachers" iżda huwa "the content of what we expect children to learn during their schooling" (Kelly, 2009: 20). Dan iwassal biex il-Kurrikulu, fis-sistema edukattiva, ikun ta' għajnuna fil-proċess tal-iżvilupp edukattiv (Kelly, 2009: 56).

Min-naħa l-oħra, l-Iskaluni/il-Kisbiet mit-Tagħlim, huma forma miftuħa ta' għanijiet li matul għadd ta' lezzjonijiet, jew wara programm sħiħ ta' tagħlim, suppost

jintlaħqu mill-istudenti. Portelli u Camilleri Grima (2002) juru li l-Iskaluni jorbtu flimkien il-Kurrikulu u s-Sillabu peress li l-livelli tal-Iskaluni qed jintrabtu mal-iżvilupp tal-istudenti. B'hekk, bl-għajnuna tal-Iskaluni, il-Malti fl-iskejjel beda jsir aktar ibbilanċjat għax il-kontenut beda jitwaħħad mal-livell ta' għarfien li għandhom l-istudenti (Portelli u Camilleri Grima, 2002: xiv).

It-tielet dokument ewlieni huwa s-Sillabu. Dan id-dokument juri liema huma l-kontenut u l-ħiliet li l-għalliema għandhom jgħallmu. Skont Brumfit (1983: 162), "a syllabus is intended to be a coherent model of what can be learnt". Madanakollu, l-aktar ħaġa importanti fil-lezzjonijiet hija kif l-għalliema se jħaddnu l-metodoloġija l-aktar effettiva biex iwasslu kontenut edukattiv preżenti fis-Sillabu lill-istudenti (Brumfit, 1983: 2).

## 2.2 Il-kultura f'kuntesti kurrikulari barranin

Fis-Sillabu tal-O level tal-Ingliż ta' Cambridge 2023 bħala l-ewwel lingwa (UCLES, 2020: 9) qed tiġi mħaddna l-idea tal-kultura trasversali. B'hekk, dan is-Sillabu jagħti importanza biex l-istudenti jkollhom għarfien kulturali fuq kulturi barranin. Il-FREPA (Candelier et al., 2012) taqbel ma' din l-istrateġija. Fil-fatt turi li l-istudenti għandhom jiġu mgħallma li jeżistu differenzi bejn kulturi differenti. Din l-idea hija marbuta ma' żewġ ħiliet partikolari li huma l-kitba u l-qari. B'dan il-mod, qed jgħaqqdu t-tagħlim tal-kultura ma' żewġ ħiliet f'kull lingwa. Id-Dipartiment tal-Edukazzjoni tal-Ingilterra (2014) jagħti importanza li l-istudenti għandhom jiżviluppaw kulturalment imma ma joffrix dettajli biżżejjed ta' kif l-istudenti għandhom jiżviluppaw dan il-qasam. Riley (2007) juri li l-kultura hija ħaġa ħajja, tant li tiġi trażmessa minn ġenerazzjoni għal oħra. Gong (2010) tqis li hemm tliet tipi ta' trażmissjoni tal-kultura: b'mod orizzontali, vertikali u parallel. It-trażmissjoni orizzontali sseħħ meta individwi

tal-istess ġenerazzjoni jikkomunikaw bejniethom u b'hekk il-kultura tiġi trażmessa minn l-istess ġenerazzjoni. Min-naħa l-oħra, meta jkun hemm ġenerazzjoni adulta li titħaddet ma' ġenerazzjoni żagħżugħa tal-istess familja, il-kultura tkun qed tgħaddi minn ġenerazzjoni għal oħra b'mod vertikali. Eżempju f'Malta, meta n-nannu jgħallem lin-neputi kif isir id-daqq taż-żaqq, in-nannu qed jgħaddi l-kultura tal-pajjiż lin-neputi tiegħu b'mod vertikali. Għalkemm li fit-trażmissjonijiet paralleli l-kultura tgħaddi minn ġenerazzjoni adulta għal dik żagħżugħa, xorta waħda huma differenti minn dawk vertikali, għax fil-parallel il-komunikazzjoni tal-ġenerazzjonijiet differenti sseħħ bejn individwi li ma jiġux bijoloġikament minn xulxin (Gong: 2010).

It-tagħlim tal-Ingliż bħala l-ewwel lingwa (UCLES, 2020: 2) għandu jsir b'mod li l-għalliema jidhru li huma kunfidenti fis-suġġett. Is-Sillabu ta' Cambridge (UCLES, 2020: 2) juri li l-għalliema għandhom ikunu innovattivi u lesti li jitgħallmu minn kull esperjenza ġdida li jaffaċċjaw. L-għalliema għandhom ikunu lesti li jaddottaw l-aktar pedagoġiji effettivi biex iwasslu l-kontenut lill-istudenti. Din turi li l-għalliema ma għandhomx iħaddnu tip ta' pedagoġija u metodoloġija waħda u jibqgħu jużaw lilha għall-istudenti kollha.

L-għarfien kulturali huwa kruċjali fl-edukazzjoni Franċiża. Fis-Sillabu maħruġ mill-Ministeru għall-Edukazzjoni Franċiża (2010: 13) huwa maħsub li sal-għaxar sena (it-tmiem tas-sekondarja), l-istudenti għandhom jiksbu għarfien kulturali tal-pajjiż għax iwassalhom biex jimirħu f'oqsma oħra bħalma huma l-letteratura, ix-xjenza u t-teknoloġija. L-idea ewlenija f'dan id-dokument hi li l-għarfien multikulturali tal-pajjiż jgħin fl-iżvilupp edukattiv tal-istudenti. Meta l-istudenti jkunu mħarrġin fil-kultura tal-pajjiż, ikunu qed jiġu mħejjijin għall-post tax-xogħol u jkunu ċittadini responsabbli (Ministère Èducation Nationàle, 2010: 6). Il-Ministeru għall-Edukazzjoni Franċiża

(2010: 7) jikteb li l-istudenti għandhom jiġu mgħallma fuq it-tradizzjonijiet kulturali tal-pajjiż, f'dan il-każ marbutin ma' Franza.

L-importanza tal-kultura fil-lezzjonijiet tal-lingwa tidher ukoll fil-Kurrikulu tal-Italja (Ministero dell'Istruzione, Dell'Università E Della Ricerca, 2016). F'dan id-dokument hemm miktub li t-tagħlim tal-kultura huwa kruċjali għall-identità tal-individwi. Fl-Italja hemm l-idea li l-Kurrikulu għandu jwassal kompetenza kulturali lejn l-istudenti (Ministero dell'Istruzione, Dell'Università E Della Ricerca, 2016: 5). Jissemmew diversi fatturi meqjusa parti essenzjali mill-wirt kulturali li għandhom jiġu trażmessi lill-istudenti fosthom il-mużika, l-istorja tal-arti, iċ-ċinema, it-teatru u produzzjonijiet tal-midja (Ministero dell'Istruzione, Dell'Università E Della Ricerca, 2016: 6-42). Din l-insistenza tidher matul il-Kurrikulu kollu peress li huma jemmnu li l-istudenti huma l-futur tal-kultura ta' pajjiżhom.

B'rabta mal-assessjar u l-evalwar, is-sillabu tal-Ingilterra (UCLES, 2020: 2) juri li l-istudenti għandhom jiġu assessjati fuq żewġ eżamijiet. L-ewwel eżami huwa marbut mal-ħila tal-kitba waqt li t-tieni karta teżamina l-ħila tal-qari. L-assessjar fis-sillabu ta' Franza (Ministère Èducation Nationàle, 2010: 16) jikkonsisti wkoll minn assessjar f'forma ta' eżami. Rigward is-sillabu tal-Italja (Ministero dell'Istruzione, Dell'Università E Della Ricerca, 2016), l-istudenti jiġu assessjati matul is-sena kollha. B'dan il-mod, l-istudenti jkollhom assessjar kontinwu mas-sena kollha u jaraw kif jistgħu jsaħħu l-lingwa tagħhom. B'differenza mis-Sillabu tal-Ingilterra, is-Sillabu tal-Italja jagħti importanza wkoll il-ħila tat-taħdit.

### 2.3 Id-definizzjoni ta' Kurrikulu

Moon, Shelton Mayes u Hutchinson (2002: 192) juru li l-Kurrikulu qiegħed hemm biex juri l-għarfien minimu li għandu jiġi mgħallem permezz ta' programm ta'

tagħlim. Huma juru li l-Kurrikulu huwa mezz biex l-istudenti jiksbu għarfien meħtieġ fuq diversi suġġetti li jwassalhom biex japplikawh f'kuntesti soċjali varji. B'hekk, il-Kurrikulu għandu jsir bi pjan peress li ħa jħalli effett fuq is-soċjetà ta' għada. Cole (2008) juri li kull Kurrikulu għandu jiżviluppa strateġiji differenti biex ikun hemm id-diversità fit-tagħlim. Dan id-dokument għandu jinkludi kemm il-Kurrikulu pjanat, kif ukoll dak mistur biex jgħin lill-istudenti jipparteċipaw (Kelly, 2009: 20).

### *2.3.1 Il-kultura fil-Kurrikulu Nazzjonali ta' Malta (2012)*

Fid-dokument *A National Curriculum Framework for All* (Ministeru tal-Edukazzjoni u x-Xogħol, 2012: 23-52) [minn hawn 'il quddiem se nirreferi għalih bħala l-Kurrikulu Nazzjonali], jissemma l-fatt li l-istudenti Maltin, minn età żgħira, għandhom jiġu mgħallma biex japprezzaw u jippromovu l-kultura u l-wirt Malti. Permezz ta' wirjiet u ħarġiet mal-iskola, l-istudenti għandhom iżuru dawk il-postijiet fejn jesploraw dak li kien jagħmel parti mill-passat tal-pajjiż biex japprezzaw il-preżent (2012: 52). B'dan il-mod, l-istudenti jirrikonoxxu li huma qegħdin jgħixu l-preżent skont il-ħidma li saret mill-antenati tagħhom. Dan l-għan iwassal għall-kisba li turi li b'hekk l-istudenti jkunu jistgħu jassiguraw li f'pajjiżna jkun hawn ġustizzja soċjali. Fil-Kurrikulu Nazzjonali f'Malta hemm miktub ukoll li l-istudenti Maltin, minbarra t-tagħlim tal-kultura Maltija, ikollhom it-tagħlim ta' kulturi barranin, speċjalment dawk Mediterranji u Ewropej, biex b'hekk ikunu jistgħu japprezzaw u jkollhom sensittività għal kulturi oħrajn. Il-Kurrikulu Nazzjonali (Ministeru tal-Edukazzjoni u x-Xogħol, 2012) jorbot it-tagħlim tal-kultura mal-lingwa, kemm għall-istudenti Maltin kif ukoll għall-istudenti barranin. B'hekk, il-Kurrikulu Nazzjonali f'Malta qiegħed jaqbel mal-filosofija ta' Ma (2018) li t-tagħlim tal-kultura jgħin lil kull tip ta' student anki dawk li jitgħallmu l-lingwa bħala waħda barranija.

Dan kollu juri li dan il-Kurrikulu Nazzjonali (Ministeru tal-Edukazzjoni u x-Xogħol, 2012: 33) jorbot l-idea li t-tagħlim tal-kultura mal-lingwa jaffettwa lis-soċjetà futura peress li jisħaq l-idea li dan kollu jwassal għal żgħażagħ li jħaddnu prinċipji demokratiċi u prinċipji marbutin ma' ġustizzja soċjali. Il-Kurrikulu Nazzjonali ta' Malta jisħaq li l-istudenti l-ewwel għandhom japprezzaw il-kultura u l-wirt lokali, u wara jkunu jistgħu jiġu mgħallma biex japprezzaw kulturi barranin (Ministeru tal-Edukazzjoni u x-Xogħol, 2012: 52). B'rabta mal-għarfien ta' kulturi barranin, il-Kurrikulu Nazzjonali (Ministeru tal-Edukazzjoni u x-Xogħol, 2012: 36-38) jispjega li meta l-istudenti Maltin jiġu mgħallma fuq kulturi barranin, l-istudenti qed jiġu esposti għall-idea li fis-soċjetà tal-lum qed jgħixu f'dinja multikulturali f'livell trasversali. Din twassal biex l-istudenti jikbru f'ċittadini responsabbli f'soċjetà multikulturali u jkollhom "dispożizzjoni pożittiva lejn il-mobbiltà u l-esperjenzi ġodda" (Ministeru tal-Edukazzjoni u x-Xogħol, 2012: 53).

### *2.3.2 Il-festi fil-Kurrikulu Nazzjonali ta' Malta*

Il-Kurrikulu Nazzjonali (Ministeru tal-Edukazzjoni u x-Xogħol, 2012) jesponi l-idea li waqt il-programm ta' tagħlim għandu jkun hemm diversi lezzjonijiet fejn l-istudenti jkunu jistgħu jiksbu konsapevolezza u japprezzaw dak li hu kulturalment tagħhom imma ma joffrux dettajli biżżejjed kif għandhom japprezzaw il-kultura ta' pajjiżhom. Barra minn hekk, imkien ma hemm miktub liema kultura għandha tiġi apprezzata mill-istudenti. Fl-ebda post ma jissemmew b'mod dirett il-festi u elementi kulturali Maltin oħra bħalma huma l-mużika, il-bini, l-ilbies u affariijet oħra marbutin mal-kultura. Il-Kurrikulu Nazzjonali aktar jiffoka fuq il-valuri filosofiċi, soċjali u amministrattivi u b'hekk jista' jkun li ma jissemmewx dawn l-affarijiet.

## 2.4 L-Istrateġija Nazzjonali tal-Litteriżmu

*L-Istrateġija Nazzjonali tal-Litteriżmu għal Kulħadd f'Malta u Għawdex* (Ministeru tal-Edukazzjoni u x-Xogħol, 2014) tippromwovi inizjattivi pożittivi li jgħinu lill-kulleġġi u lill-pajjiż jiżviluppaw politika u programmi b'risq il-litteriżmu (u kontra l-illitteriżmu) b'mod nazzjonali. L-għan ta' din l-istrateġija huwa li t-tfal u ż-żgħażagħ Maltin jiżviluppaw il-kompetenza tal-litteriżmu biex b'hekk titjieb il-komunità lokali. Tipprovdi għadd ta' strateġiji li huma mifruxa fuq medda ta' żmien. L-Istrateġija tenfasizza l-punt li l-istudenti għandhom jiġu integrati fil-ħiliet tat-taħdit, il-qari u l-kitba (Ministeru tal-Edukazzjoni u x-Xogħol, 2014: 10). Din l-istrateġija toffri diversi objettivi gradati skont l-etajiet, minn żero u jibqgħu tilgħin sal-adulti b'risq edukazzjoni tul il-ħajja. Dawn l-objettivi jinkludu kemm lill-istudenti kif ukoll lill-ġenituri biex huma stess ikunu jistgħu jgħinu lil uliedhom waqt li jkunu qegħdin f'darhom. B'dan il-mod, l-istudenti jkollhom l-għarfien meħtieġ biex ikunu jistgħu jitgħallmu, jikkomunikaw, jagħmlu użu tajjeb mil-lingwa, u jinteraġixxu mas-soċjetà.

### *2.4.1 Il-kultura fl-Istrateġija Nazzjonali tal-Litteriżmu*

F'din l-istrateġija jissemma li t-tagħlim tal-litteriżmu għandu jkun interattiv "u marbut mal-esperjenzi mgħoddija tal-istudenti" (Ministeru tal-Edukazzjoni u x-Xogħol, 2014: 51). It-tagħlim b'rabta mal-komunità litterata, jiġi marbut mal-esperjenzi kulturali li jiksbu l-istudenti biex b'hekk tissaħħaħ "id-demokrazija parteċipattiva" (2014: 8). Barra minn hekk, il-kisba tal-litteriżmu f'din l-istrateġija tintrabat ukoll mal-"interazzjoni soċjali u l-attivitajiet kulturali" (Ministeru tal-Edukazzjoni u x-Xogħol, 2014: 18).

### *2.4.2 Il-festi fl-Istrateġija Nazzjonali tal-Litteriżmu*

L-attivitajiet kulturali li jissemmew f'din l-istrateġija mhumiex speċifikati u b'hekk, l-għalliema jistgħu jagħżlu liema huma dawk l-attivitajiet li jitqiesu kulturali. Fl-ebda punt ma jissemmew avvenimenti, bħalma huma l-festi, li jżewqu l-kultura Maltija. B'hekk, għalkemm din l-istrateġija wriet li l-istudenti għandhom jiġu preparati mill-att kulturali, ma hemmx dettalji ta' kif se tiġi applikata l-kultura biex tinħoloq il-komunità litterata. Dan juri nuqqas fl-ippjanar ta' din l-Istrateġija għax mhux qed toffri gwida ċara kif l-istudenti għandhom ikunu mgħallma kulturalment. Il-fatt li ma hemmx eżatt ta' x'jifhmu b'kultura, l-għalliema tħallew liberi kif jippreżentaw il-kultura Maltija lill-istudenti.

## 2.5 L-Iskaluni

Is-Sillabu u l-Kurrikulu huma żewġ dokumenti li joffru gwida lill-għalliema tal-Malti imma l-ebda wieħed ma joffri dettall u din tħalli l-affarijiet miftuħa. Ma hemmx kontinwità u din twassal biex ma joffrux struttura preskritta li turi r-realtà tal-ħajja tal-istudenti. Fowler (2001: 84) juri li għandu jkun hemm kontinwità bejn dak li qed jiġi offrut fid-dokumenti ewlenin ma' dak li qed iseħħ fil-klassijiet. Problema oħra rigward is-Sillabu hi li dan id-dokument jiffoka fuq sitt kategoriji biss li huma l-erba' ħiliet, il-metalingwa u l-letteratura. Mill-banda l-oħra, l-Iskaluni jkopru l-ħiliet u l-oqsma kollha fit-tagħlim tal-Malti (Portelli u Camilleri Grima, 2001). Filwaqt li s-Sillabu jiffoka fuq tliet snin, l-Iskaluni huma mtarrġin għal ħames snin, sentejn tal-medja u tliet snin tas-sekondarja.

L-Iskaluni japplikaw l-ideat tal-Kurrikulu għal suġġett wieħed, f'dal-każ il-Malti. L-Iskaluni jiddeskrivu tliet elementi importanti li jaħdmu flimkien. Dawn huma l-kompetenza marbuta mal-għarfien, mal-abiltà u mat-twemmin (Council of Europe,

2020: 124). Dan id-dokument juri l-idea li l-materjal għandu jkun gradat skont il-livell li jkun fih l-istudent u din l-idea tidher f'Vygotsky permezz tal-kunċett hekk imsejjaħ scaffolding. Din it-teorija hija marbuta maż-zone of proximal development (ZPD) fejn it-tagħlim ikun skalat biex jgħin fl-iżvilupp tat-tagħlim tal-istudenti (Green, 2020: 43-47).

B'dan il-mod, l-Iskaluni joffru stampa aktar ċara u dettaljata ta' x'għandhom ikunu jafu l-istudenti u din twassal biex l-istudenti jimxu 'l quddiem fil-programm tat-tagħlim skont il-pass tagħhom. L-Iskaluni huma ta' għajnuna għall-għalliema għax tgħinhom kif se jqassmu l-kontentut tas-Sillabu.

### *2.5.1 Il-kultura fl-Iskaluni*

L-Iskaluni tal-kultura (Portelli & Camilleri Grima, 2001: 129-144) jgħinu biex l-istudenti jkunu konxji mill-kultura tagħhom stess, biex b'hekk ikunu jistgħu jħarsu b'sensittività u jifhmu l-imġiba ta' kulturi barranin. L-għan tal-Iskaluni tal-kultura hu li juru r-rabta li hemm bejn il-lingwa u l-kultura peress li l-kultura tiġi msawra mil-lingwa. Portelli u Grima (2001: 130) juru li kull lezzjoni tal-kultura trid tmiss wieħed minn tliet aspetti ewlenin jew aktar: "it-tagħrif li wieħed ikollu dwar xi kultura partikolari; it-twettiq tagħha; u t-twemmin jew l-attitudnijiet li jixirfu fl-imġiba u li huma marbutin ma' aspetti kulturali". Peress li l-Iskaluni huma gradati f'livelli differenti, l-għalliema jridu jkunu konxji li fil-lezzjonijiet tal-kultura jridu jgħallmu temi ewlenin b'kontenut marbut mal-livell li qed jgħallmu. Fl-Iskaluni hemm miktub li r-raba' livelli huma mqassmin f'erba' livelli b'dan il-mod: l-ewwel livell: jien u l-identità personali; it-tieni livell: jien u l-identità nazzjonali; it-tielet livell: jien u d-dinamiżmu kulturali; ir-raba' livell: jien u l-multikulturaliżmu.

### *2.5.2 Il-festi fl-Iskaluni*

Għalkemm il-festi ma jissemmewx fl-Iskaluni b'mod dirett, hemm spazju fejn tiġi esplorata din it-tema bi qbil mal-iskaluna milħuqa. Tabella 2A fiha wħud mill-Iskaluni li jistgħu jintużaw waqt il-lezzjonijiet li jittrattaw it-tema tal-festa.

**It-Taħdit**

1.1.3 Jużaw reġistru tematiku.

1.2.8 Jibbażaw it-taħdit tagħhom fuq riċerka li jkunu għamlu.

1.3.3 Jaġixxu skont il-kuntest soċjali.

1.3.6 Jużaw reġistru tekniku.

1.3.7 Jitħaddtu fit-tul.

**Is-Smigħ**

2.2.1 Jisimgħu f'livell intensiv u jwieġbu l-mistoqsijiet dwar xi dettalji.

2.4.2 Jagħtu kas id-dettall biex jiffurmaw stampa mentali.

2.4.3 Jiddistingwu s-smigħ ta' ġeneru minn ieħor.

**Il-Qari**

3.1.1 Jaqraw test f'qalbhom.

3.1.2 Jaqraw test b'leħen li jinstema' mill-udjenza.

3.2.1 Iwessgħu l-firxa ta' reġistri u l-ġeneri li jaqraw għall-ksib tal-informazzjoni.

3.4.3 Jisiltu eżempji mit-test biex isaħħu l-konklużjonijiet tagħhom.

**Il-Kitba**

4.2.4 Jimmanifestaw il-vuċi tagħhom fil-kitba.

4.3.2 Jippreżentaw xi kitba dwar tema.

4.3.8 Jiktbu djalogu.

**L-Esperjenza Letterarja**

7.1.1 Jisimgħu u jaqraw firxa wiesgħa ta' testi letterarji bil-Malti marbuta ma' temi varji.

7.1.3 Jidentifikaw u jikkummentaw dwar it-tema jew it-temi ta' xogħol letterarju.

7.1.7 Jipparteċipaw f'diskussjonijiet dwar xi testi letterarji moqrija b'mod individwali jew fi grupp.

7.3.6 Jieħdu l-inizjattiva biex jagħmlu xi mistoqsijiet dwar xi test letterarju li jkunu qraw.

**Il-Kultura**

8.1.3 Jagħżlu bejn l-identità personali u l-identità nazzjonali.

8.2.4 Isiru midħla tal-għaqdiet u l-aġenziji li jaħdmu favur il-kultura Maltija.

8.2.6 Jiġbru l-informazzjoni dwar ir-reliġjon Kattolika u l-importanza tagħha fit-tiswir tal-kultura Maltija.

Tabella 2A: Il-festi Maltin fl-Iskaluni

Tabella 2A turi li l-Iskaluni jagħmlu referenza għat-tema tal-festa b'mod indirett u b'hekk l-għalliema jistgħu jużawhom waqt il-lezzjonijiet tagħhom u jaddattawhom skont l-abiltajiet tal-istudenti.

Rigward it-tagħlim tal-letteratura, l-għalliema jistgħu jużaw innu tal-festa, kemm tal-Knisja kif ukoll tal-każin, u jikkritikawha fil-lezzjoni peress li innu huwa forma ta' poeżija. Barra minn hekk, hawn diversi poeti magħrufa, bħalma huma Oliver Friggieri, Ġorġ Peresso, Dun Karm, Dun Frans Camilleri u Trevor Żahra, li kitbu bosta innijiet tal-Knisja. Minbarra l-innijiet, hemm diversi awturi li ttrattaw din it-tema fi wħud min-novelli tagħhom. Dan kollu jwassal biex l-għalliema jkollhom għażla mifruxa ta' testi letterarji minn fejn jagħżlu u jiddiskutuhom mal-istudenti tagħhom.

### *2.5.3 Il-festi fil-Kisbiet tat-Tagħlim*

B'rabta mal-Iskaluni, hemm ukoll il-Kisbiet li jiddeterminaw il-programmi tat-tagħlim u tal-assessjar (Ministeru tal-Edukazzjoni u x-Xogħol, 2012: X). Permezz tal-Kisbiet tat-Tagħlim, qed jiġu indirizzati aħjar il-ħtiġijiet li għandhom bżonn l-istudenti waqt il-vjaġġ tat-tagħlim tagħhom (Direttorat għall-Kwalità u Standards fl-

Edukazzjoni, 2015: 46). Bħalma jagħmlu l-Iskaluni, fil-Kisbiet tas-sekondarja, għal kull rotta, tingħata l-importanza li l-istudenti għandhom isawru l-kultura u l-identità Maltija. Il-Kisbiet mit-Tagħlim (Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol, 2015) jorbtu t-tagħlim tal-kultura mat-taħdit, mal-grammatika u mal-letteratura. B'hekk it-tagħlim tal-kultura ma jibqax maqtugħ għalih waħdu imma jiġi mgħallem flimkien ma' ħiliet u oqsma oħra. Din il-pedagoġija dehret f'diversi Kurrikula u Sillabi ta' barra minn Malta. Tabella 2B turi kif Kurrikula u Sillabi barranin jorbtu t-tagħlim tal-kultura mal-ħiliet u l-oqsma tal-lingwa jew suġġetti oħra.

| Il-pajjiż | Kif tiġi mgħallma l-kultura |
|---|---|
| L-Ingilterra | Jenfasizzaw fuq il-kultura trasversali fejn jiktbu li t-tagħlim għal din il-kultura ma għandux isir waqt il-lezzjonijiet tal-kultura. Dan is-Sillabu jorbot it-tagħlim tal-kultura trasversali mal-ħiliet tal-kitba u l-qari (Cambridge Assessment International Education, 2020: 9). |
| Franza | Dan il-Kurrikulu jorbot it-tagħlim tal-kultura mal-avvenimenti artistiċi (Ministère Èducation Nationàle 2010: 12). B'dan il-mod, qed tiġi implikata l-idea li l-arti għandha rwol importanti għall-kultura ta' Franza. F'dan il-pajjiż, il-kultura hija prominenti fis-sistema edukattiva peress li hemm rabta wkoll bejn il-kultura u t-tagħlim tal-letteratura, tax-xjenza u tat-teknoloġija (Ministère Èducation Nationàle 2010: 13). |
| L-Italja | It-tagħlim tal-kultura f'dan il-pajjiż, jiġi mgħoddi permezz ta' forom differenti ta' arti performattivi bħalma huma t-teatru, iż-żfin u l-mużika (Ministero dell'Istruzione, Dell'Università E Della |

| | |
|---|---|
| | Ricerca, 2016: 42). F'dan il-Kurrikulu, jisħqu li l-kultura u l-arti jifformaw ħaġa waħda u b'hekk li l-lezzjonijiet tal-arti jgħinu biex l-istudenti jitgħallmu, waqt li japprezzaw, il-kultura tagħhom. |

Tabella 2B: Kif tiġi mgħallma l-kultura barra minn Malta.

L-istess bħall-Iskaluni, fil-kisbiet hemm spazju fejn l-għalliema, permezz tal-immaġinazzjoni u l-kreattività tagħhom, jiddiskutu t-tema tal-festa b'rabta mal-kisbiet.

## 2.6 Is-Sillabu tal-Malti tal-iskejjel tal-Istat

Kull Sillabu jispeċifika eżatt x'għandu jsir f'suġġett partikolari matul is-sena skolastika. Is-Sillabu għandu jitfassal mill-professjonisti; skont Newby (2000), Sillabu tajjeb għandu jħalli lill-għalliema fil-libertà biex jinterpretaw u jaddattaw it-tagħlim tagħhom skont l-abiltajiet tal-istudenti. Illum hawn diversi studenti li qegħdin fuq l-ispettru ta' diffikultajiet marbutin mat-tagħlim bħalma hija d-dislessija; għalhekk, l-għalliema għandhom jaddattaw it-tagħlim tagħhom skont l-istudenti li jkollhom. Sillabu jista' jitfassal biex jilħaq udjenza nazzjonali. Fil-każ ta' Malta, is-Sillabi jifformolaw għadd ta' perspettivi kif l-għalliema għandhom jgħallmu s-suġġett tagħhom, f'dan il-każ il-Malti (MATSEC: 2009).

Nunan (2002: 5) juri li ma hemmx tip wieħed ta' Sillabu u għalhekk ma jistax ikun li tasal għal definizzjoni definita. Hu juri li Sillabu "is seen as being concerned essentially with the selection and grading of content" (2002: 5).

### *2.6.1 It-tfassil ta' Sillabu*

Wiggins u McTiche (2005: 311) juru li kull Sillabu għandu joffri "content standards, intellectual priorities, and student needs and interests to achieve explicit goals". F'Malta, is-Sillabu taċ-ĊES (2020) joffri gwida lill-għalliema ta' x'għandhom

jgħallmu lill-istudenti biex ikunu kapaċi jagħmlu l-eżami taċ-ĊES fi tmiem l-iskola sekondarja. Lepine (2006: 84) juri li Sillabu għandu jkun sensittiv għall-kwistjonijiet soċjali u dawk tal-etika minħabba d-diversità kulturali fi klassi; b'hekk, is-Sillabu jkun maħsub biex joffri bħala waħda mill-possibbiltajiet ewlenin tiegħu, tagħlim inklussiv.

Karatteristika importanti fit-tfassil tas-Sillabu hija li ma għandux ikun wisq vag li jħalli lill-għalliema fil-għama u min-naħa l-oħra ma għandux jispeċifika kull pass li għandu jsir mill-għalliema. Fl-aħħar mill-aħħar, kull Sillabu għandu jħalli lill-għalliema flessibbli biex jesperimentaw waqt il-lezzjonijiet tagħhom, bl-importanza li l-kontenut muri fis-Sillabu jiġi skopert mill-istudenti bl-għajnuna tal-għalliema (Chandra & Sharma, 2004: 276).

Fis-settur edukattiv lokali, hemm aktar minn Sillabu wieħed: dawk li jindirizzaw rotot differenti fl-iskejjel tal-Istat; dawk li jfasslu l-iskejjel tal-Knisja b'mod awtonomu u dawk tal-iskejjel indipendenti; u dak tal-Bord tal-Eżamijiet (MATSEC, 2022). Fil-każ ta' Malta, l-iskejjel tal-Knisja u dawk Indipendenti, għajr għall-aħħar snin tas-sekondarja meta jimxu mas-Sillabu nazzjonali, ifasslu s-Sillabi tagħhom. B'dan il-mod, l-għalliema jkunu parti mit-tfassil tal-programm tat-tagħlim. Lepine (2006: 86) juri li s-Sillabu jwassal biex l-għalliema jaqdu b'mod aktar effettiv il-ħtiġijet tal-istudenti u b'hekk ikun aktar utli fil-mixja edukattiva tal-istudenti.

### *2.6.2 Xi għamliet differenti ta' Sillabu*

Portelli u Camilleri Grima (2002) jiktbu li l-għalliema għandhom il-ħtieġa li jkunu familjari mat-tipi differenti ta' Sillabi biex ikunu jistgħu janalizzaw il-vantaġġi u l-iżvantaġġi li jorbot miegħu kull tip ta' Sillabu. Uħud mis-Sillabi li jistgħu jużawhom l-għalliema huma dawn li jidhru f'Tabella 2Ċ.

| It-tip ta' Sillabu | Deskrizzjoni qasira |
|---|---|
| 1. Sillabu f'għamla ta' lista | Dan is-Sillabu jikkonsisti f'ġabra ta' kontenut imfellel f'elementi żgħar. L-ordni huwa marbut mat-toqol tal-kontenut, il-ħiliet tal-istudenti u l-preferenzi tal-għalliema. |
| 2. Sillabu f'għamla ta' garżelli | Sillabu li jista' jinqasam fil-ħiliet u fl-oqsma differenti. L-informazzjoni f'dan it-tip ta' Sillabu tespandi skont it-titli ġenerali u fl-ispazji provduti jkun jista' jitniżżel il-kontenut. |
| 3. Sillabu marbut ma' tema | Il-kontenut jintrabat ma' tema partikolari u b'hekk tkun aktar faċli biex l-istudenti jifhmu l-kunċetti spjegati fil-klassi peress li l-ħiliet u l-oqsma tal-lingwa jiġu sfumati flimkien u l-kontenut jidher aktar unit. |
| 4. Sillabu spirall | Kunċett żviluppat minn Bruner (1960) fejn il-kontenut tas-Sillabu jimxi pass pass mal-istudenti. Il-grad ta' diffikultà u kumplessità tiġi żviluppata meta l-istudent jogħla fil-livell edukattiv. |

Tabella 2Ċ: Tipi differenti ta' Sillabu

### *2.6.3 Il-kultura fis-Sillabi tal-Istudji Soċjali, tar-Reliġjon u tal-Istorja*

Il-kunċett li t-tema tal-festa tiġi trattata fil-lezzjonijiet ma tidhirx biss fis-sillabi tal-Malti. Suġġetti oħra, bħalma huma l-Istudji Soċjali, ir-Reliġjon u l-Istorja ta' Malta, juru l-importanza li l-festa Maltija trid tiġi diskussa waqt il-lezzjonijiet. Fis-sillabu tal-Istudji Soċjali (2016: 8) hemm indikat li l-festi tar-raħal jitqiesu bħala "attivitajiet ta' divertiment" u huma parti mill-istil ta' ħajja f'Malta. B'hekk, hija sitwazzjoni soċjali li l-istudenti tad-disa' sena mistennija jiddiskutuha waqt il-lezzjonijiet. Barra minn hekk, dan is-sillabu (2016: 8) jenfasizza l-punt li anki l-każini tal-banda huma parti mill-ħajja soċjali Maltija u b'hekk trid tiġi diskussa din it-tema wkoll. L-istess idea tidher fis-sillabu tal-Istorja ta' Malta (2018: 9) li waqt il-lezzjonijiet għandha ssir referenza

qasira fuq il-festa tar-raħal, il-każini u l-baned biex l-istudenti Maltin ikunu "konxji dwar il-mezzi tad-divertiment" li jiffurmaw parti mill-ħajja soċjali Maltija.

Fis-sillabu tad-disa' sena tar-Reliġjon (b.d., 9) hemm miktub li hemm diversi drawwiet u użanzi kulturali marbutin mar-Reliġjon Nisranija. Barra l-festi tar-raħal, dan is-sillabu juri li anki l-festi pubbliċi għandhom rabta kbira mar-Reliġjon peress li "sebgħa minnhom huma b'konnotazzjoni Nisranija: In-Nawfraġju ta' San Pawl (10 ta' Frar), San Ġużepp (19 ta' Marzu), Il-Ġimgħa l-Kbira, L-Imnarja (29 ta' Ġunju), Santa Marija (15 t'Awwissu), il-Vitorja (8 ta' Settembru) u l-Immakulata Kunċizzjoni (8 ta' Diċembru)" (b.d., 9).  Dan iwassal biex l-istudenti Nsara, jagħrfu dawn l-attivitajiet kulturali reliġjużi u b'hekk ikunu jistgħu jipparteċipaw fihom. Barra dawn, hemm ukoll is-Sillabu tal-Malti (2020: 91) li juri li l-aspett tal-festa għandu jkun importanti fit-tagħlim tal-lingwa. Dawn is-sillabi juru l-ħtieġa li jsiru lezzjonijiet mibnija fuq il-festi Maltin.

### *2.6.4 Il-kultura fis-Sillabi tal-Malti*

Il-kultura tidher f'bosta Sillabi tal-Malti u din il-parti se turi kif is-Sillabi magħżulin jittrattaw il-kultura fit-tagħlim tal-Malti. Dawk is-Sillabi – kemm tal-primarja, kif ukoll tas-sekondarja – li ma jsemmux kif għandu jsir it-tagħlim tal-kultura, ma ġewx analizzati f'din il-parti. Dawn huma s-Sillabi magħżula; is-Sillabu tal-Primarja tas-sitt sena, is-Sillabu tal-Malti ONL – Snin Bikrin u Primarja u s-Sillabu taċ-ĊES il-Malti 2025.

Sa issa fis-Sillabu tal-Malti għall-iskejjel primarji (Id-Dipartiment tal-Kurrikulu, b.d.: 76) huwa fis-sitt sena li t-tfal għandhom ikunu esposti għall-kitba li tittratta l-kultura. B'hekk, dan is-Sillabu jorbot it-tagħlim tal-kultura mal-ħila tal-kitba biss.

Din l-idea tinbidel fis-Sillabu tal-Malti ONL – Snin Bikrin u Primarja (Schola Europaea, 2017: 10-12) meta dan id-dokument jorbot it-tagħlim u l-għarfien tal-kultura Maltija mal-ħiliet komunikattivi tal-lingwa. Dan is-Sillabu jisħaq li t-tfal Maltin għandhom jiġu mgħallma aspetti varji tal-lingwa, tal-kultura u tal-letteratura Maltija. B'hekk qed jagħti importanza lit-tagħlim tal-kultura waqt il-lezzjoni tal-lingwa Maltija. Għalkemm jorbot it-tagħlim tal-kultura mal-lingwa, xorta waħda ma hemmx indikazzjoni ċara minn meta għandu jiġi implimentat it-tagħlim tal-kultura fl-iskejjel Maltin peress li dan is-Sillabu jorbot flimkien is-snin bikrin, tal-primarja u tas-sekondarja.

*ĊES 22 Sillabu Il-Malti 2024* (MATSEC, 2022) (minn hawn 'il quddiem se nirreferi għalih bħala s-Sillabu taċ-ĊES) juri idea aktar iffukata rigward it-tagħlim tal-kultura Maltija. Is-Sillabu taċ-ĊES (2020) jagħti l-importanza li l-istudenti Maltin għandhom jiġu mgħallma biex japprezzaw il-kultura u l-wirt Malti. Fil-fatt, meta jiġu biex jispjegaw kif is-suġġett tal-Malti huwa relatat ma' ħajjet l-istudenti, jitkbu li s-suġġett tal-Malti "jiġbor fih identità [kemm] lingwistika u kulturali" (MATSEC, 2022: 2). Din l-istqarrija turi li s-Sillabu taċ-ĊES qed jenfasizza l-importanza tat-tagħlim tal-kultura waqt il-lezzjonijiet tal-lingwa.

Din l-idea tidher ukoll fl-għan ewlieni tas-Sillabu taċ-ĊES (MATSEC, 2022: 3) meta jiktbu li fl-aħħar tal-programm l-istudenti jkunu jistgħu japprezzaw "aspetti kulturali" li twassal biex jiżviluppaw ideat u ġudizzji personali. Is-Sillabu taċ-ĊES jorbot ukoll l-idea li t-tagħlim tal-kultura mal-lingwa jaffettwa lis-soċjetà futura għax juru li b'hekk kull student ikun "ċittadin attiv fl-oqsma kollha tal-ħajja". Is-Sillabu taċ-ĊES jisħaq li jkun hemm qbil bejn il-kultura Maltija ma' dik barranija, speċjalment dik Mediterranja u Ewropea (MATSEC, 2022: 8). Fil-fatt, f'eżempju ta' eżerċizzju marbut mal-ħila tat-taħdit, tiġi trattata t-tema tat-traffiku u waħda mill-mistoqsijiet ta' min

fassal is-Sillabu hija: "taħseb li hija fil-kultura tal-Maltin li jużaw kuljum il-karozzi, imqabbla ma' dik ta' pajjiżi oħra Ewropej?" (MATSEC, 2022: 98). Din il-mistoqija turi li l-istudenti jridu jkunu mgħarrfa sew kemm fil-kultura Maltija, kif ukoll f'dak li qed jiġri barra minn Malta.

### *2.6.5 Il-festi fis-Sillabu taċ-ĊES*

Differenza oħra li tidher bejn is-Sillabu taċ-ĊES (MATSEC, 2022) u l-Kurrikulu Nazzjonali (Ministeru tal-Edukazzjoni u x-Xogħol, 2012) hija li s-Sillabu (MATSEC, 2022: 8) jsemmi xi eżempji ta' x'jifhmu b'kultura fil-kisbiet marbutin mat-tagħlim tal-kultura. Fost dawn l-eżempji, is-Sillabu taċ-ĊES isemmi l-festi, aspett kulturali li din it-teżi se ddur miegħu. Tant kemm l-aspett tal-festi jitqies bħala wieħed importanti fit-tagħlim tal-lingwa, li meta jagħtu eżempju ta' eżerċizzji tal-eżami, hemm miktub li l-każini tal-banda għandhom irwol kulturali (MATSEC, 2022: 91). Barra l-festi, is-Sillabu taċ-ĊES (MATSEC, 2022) isemmi wkoll l-ikel, l-ambjent, is-snajja', ix-xogħlijiet u l-leġġendi.

### *2.6.6 Il-festi bħala parti mis-Sillabu tal-Malti*

F'dawn l-aħħar snin, bdiet dieħla l-idea li l-istudenti għandhom jitħallew jipparteċipaw aktar fil-klassi u jkunu huma stess li jistrutturaw it-tagħlim tagħhom. Il-ħidma tal-għalliem m'għadhiex aktar li jiddetta lill-istudenti kelma b'kelma x'għandhom jagħmlu u b'hekk it-tagħlim sar jiffoka aktar fuq l-istudent. Weimer (2002: 72-74) turi li l-għalliema għandhom jisimgħu mingħand l-istudenti tagħhom xi jridu fit-tagħlim għax fl-aħħar mill-aħħar it-tagħlim huma jridu jirċivuh. B'dan il-mod, it-tagħlim ikun jista' jiffoka aktar fuq il-bżonnijiet tat-tfal imma ma tfissirx li l-għalliema ma jridx ikollhom il-kontroll tal-klassi. Huma l-għalliema li jaqsmu l-kisbiet mit-tagħlim u l-attivitajiet f'partijiet żgħar, imma dawn ikunu aktar ta' valur meta l-għalliema

jinsġuhom mal-ħiliet u mal-livell ta' għarfien li għandhom l-istudenti mas-suġġett (Killen, 2007: 78). Fl-aħħar mill-aħħar, dan it-tagħlim progressiv jgħin biex l-għalliema jkunu jistgħu jħaddnu diversi metodi waqt il-lezzjonijiet tagħhom.

L-unità didattika — *Illum il-Festa Tagħna!* — se turi kif il-festi Maltin jistgħu jintużaw fil-programm tat-tagħlim tal-għalliema tal-Malti b'rabta ma' bosta ħiliet u oqsma tal-lingwa. Dan jista' jwassal biex possibbilment din it-tema tiddaħħal fis-Sillabu.

## 2.7 L-għeluq

F'dan il-kapitlu ngħatat ħarsa kritika lejn il-Kurrikulu, l-Iskaluni/il-Kisbiet mit-Tagħlim u s-Sillabu, u kif dawn id-dokumenti jittrattaw il-festa Maltija. Il-kapitlu li jmiss se juri kif b'mod prattiku, l-ideat fid-dokumenti jistgħu jitfasslu f'unitajiet didattiċi. Dan jista' jkun soluzzjoni biex ma jsirx użu mis-Sillabu lista. B'hekk, it-tagħlim jibda jservi bħala esperjenza integrata.

# 3. L-Unità Didattika għat-Tagħlim tal-Festi fil-Livell Sekondarju

## 3.1 Il-bżonn ta' din l-unità didattika

Il-lingwa titqies importanti għax kif jargumenta Eco (1984: 12), din hija "what constitutes human being as such". Din l-unità didattika se tiffoka fuq aspett kulturali li permezz ta' dan il-proġett kurrikulari l-istudenti jkunu jistgħu jifhmu u japprezzaw il-ħajja marbuta ma' Malta.

Il-lezzjonijiet f'din l-unità didattika se jiżviluppaw it-temi ġenerattivi (Freire, 2000: 96), f'dan il-każ, il-festi Maltin b'rabta mal-kultura tal-istudenti. B'hekk, dawn it-temi jkabbru l-interess fl-istudenti u jgħinu biex jimmotivawhom ħalli b'hekk iwessgħu l-għarfien tagħhom b'rabta mat-tema tal-festa Maltija. Din l-organizzazzjoni kurrikulari se twassal biex l-istudenti jiżviluppaw il-ħiliet tal-lingwa Maltija u jkabbru l-għarfien li jmiss ma' oqsma soċjali, reliġjużi u politiċi differenti. B'hekk l-istudenti se jikbru f'ċittadini li jkunu kapaċi u jħaddmu l-ħsieb kritiku (Johnson & Morris, 2010).

Din l-unità didattika hija mmirata għall-istudenti li jistudjaw il-Malti bħala l-ewwel lingwa. Għalhekk, wieħed mill-għanijiet ewlenin ta' dan il-programm tat-tagħlim huwa li l-għalliema jagħmlu użu minn dik il-lingwa li l-istudenti jafu u b'mod kritiku juruhom affarijiet ġodda billi jibnu fuq dak li diġà jafu. Kif juri Chomsky (2002: 2), f'dan il-livell l-istudenti jkunu kapaċi jifhmu u jagħmlu użu tajjeb mil-lingwa. L-għalliema għandhom juru lill-istudenti li l-lingwa Maltija timraħ f'bosta oqsma li jista'

jkun li mhumiex konxji tagħhom. L-ewwel lingwa m'għandhiex tintuża bħala skuża biex l-istudenti ma jiġux esposti għal kliem ġdid għax b'dal-mod, Pinar (2004: 52) juri li l-lingwa tkun qed tintuża b'mod ħażin biex l-istudenti ma jsirux familjari ma' dan it-tip ta' għarfien ġdid. Min-naħa l-oħra, jista' jkun hemm każi fejn l-istudenti jkunu jafu l-kelma imma ma jkunux jafu l-użu u t-tifsira tagħha. B'hekk, din l-unità didattika, se sservi biex uħud mill-istudenti jsiru konxji li huma diġà jafu dan it-tip ta' għarfien. Din l-unità didattika, kif juri Freire (2005), se tgħin lill-istudenti jkunu kapaċi "jaqraw" u jifhmu d-dinja ta' madwarhom. Dan kollu juri li din l-unità didattika se sservi ta' għajnuna biex tgħin il-litteriżmu u l-qari tar-realtà.

Permezz ta' din l-unità didattika, bħala għalliem prospettiv tal-Malti, servejt bħala riċerkatur u fittixt affarijiet ġodda biex inkun nista' niżviluppa l-ħakma tal-lingwa tal-istudenti. Day, Fernandez, Hauge u Moller (2000: 67) juru li l-lezzjonijiet jinbnew fuq l-għarfien li kisbu l-għalliema stess fuq l-istudenti tagħhom u b'hekk din l-unità didattika tħajjar aktar għalliema biex ifittxu għal affarijiet ġodda li jkunu jistgħu jwettqu fil-klassijiet tagħhom.

Karatteristika prominenti f'din l-organizzazzjoni kurrikulari hija li l-istudenti jkunu fiċ-ċentru tat-tagħlim. Cannon u Newble (2000: 16-17) jiddeskrivu dan it-tip ta' tagħlim bħala "ways of thinking about teaching and learning that emphasise student responsibility and activity in learning rather than content or what the teachers are doing". Il-filosofija progressiva turi li xogħol l-għalliema huwa li jgħinu lill-istudenti jiżviluppaw il-ħiliet, il-valuri u l-għarfien tagħhom. 'Illum il-Festa Tagħna' tipproponi din it-tip ta' filosofija fejn l-istudenti se jkunu jistgħu jesperjenzaw ir-realtà li hemm barra mill-klassi permezz tal-għalliem. B'rabta mal-kurrikulu progressiv, l-unità didattika trid tipprovdi informazzjoni li hija relevanti, effettiva u timmotiva lill-istudenti (Slaughter, 2009). Rousseau (2013: 291) juri li l-edukazzjoni tibda meta l-istudenti

jitħallew fil-libertà. Dan kollu juri li l-għalliema jridu jħallu lill-istudenti jiżviluppaw u jikbru mill-esperjenzi varji li jgħaddu minnhom tul il-vjaġġ edukattiv tagħhom. Għalhekk, f'din l-unità didattika, hemm attivitajiet li se jħallu lill-istudenti jesperimentaw. B'dan il-mod, l-istudenti se jkunu qed japplikaw uħud mill-ħiliet tas-seklu 21 fosthom li jużaw il-ħsieb kritiku, jikkomunikaw flimkien, jaħdmu b'mod kollaborattiv, u jagħmlu użu minn riżorsi diġitali (Trilling & Fadel, 2009).

## 3.2 L-unità didattika: Illum il-Festa Tagħna

L-unità didattika – Illum il-Festa Tagħna – se titfassal fuq għaxar lezzjonijiet li jduru mal-idea tal-festa Maltija. B'hekk, il-lezzjonijiet se jintrabtu flimkien billi jkollhom "relazzjoni bejniethom jew jibnu fuq xulxin" (Portelli, 2020: 75). L-għaxar lezzjonijiet se jitfasslu għall-istudenti tad-disa' sena. L-aħħar lezzjoni se tintuża bħala parti mill-evalwar summattiv. Din l-unità didattika se tagħmel użu mill-iskaluni (Portelli & Camilleri Grima, 2002). Portelli u Camilleri Grima (2001: 106) juru li l-iskaluni joffru gwida biex it-tagħlim ikun imtarraġ. Minbarra l-iskaluni, din l-unità didattika se tuża l-kisbiet mit-tagħlim meħudin mis-sillabu taċ-ĊES (2020). Anki Cappellini (2005: 82) turi li l-użu tal-unità didattika twassal biex tiżdied il-profiċjenza tal-istudenti. L-użu ta' din l-organizzazzjoni kurrikulari twassal biex ikun hemm "comprehensible input" għax b'mod awtomatiku se jkun hemm reġistru speċifiku li se jiġi repetut matul il-lezzjonijiet u b'hekk l-istudenti se jitgħallmu diversi elementi marbutin ma' idea speċifika b'mod naturali mingħajr sforz żejjed (Freire, 2000: 71). L-użu tar-repetizzjoni jwassal biex l-għalliem "issues communiques and makes deposits which the students patiently receive, memorize, and repeat" (Freire, 2000: 72).

Għażilt li nagħmel għaxar lezzjonijiet biex ikun hemm lezzjoni għal kull kompetenza murija fil-Kurrikulu Nazzjonali (Ministeru tal-Edukazzjoni u x-Xogħol,

2012). Personalment naħseb li l-idea tal-festi hija ta' interess għaż-żgħażagħ peress li għad hawn min jistenna l-ġimgħa tal-festa b'ħeġġa. B'hekk, din l-idea twassal biex tqanqal il-kurżità fl-istudenti biex jiskopru aktar affarijiet marbuta mal-festi. Għalhekk, din l-unità didattika twassal għal dak li qalu Gagnon u Collay (2001: 17-22) jiġifieri li permezz tal-interess tal-istudenti, l-unità didattika tkun kapaċi ssaħħaħ il-ħiliet tagħhom. Kif juri Haas (2000: 1-6), it-tagħlim ikun ta' suċċess meta l-istudenti jorbtu l-element ġdid ma' elementi li huma xi ftit jew wisq familjari magħhom.

Din l-unità didattika, se tgħin lill-istudenti biex jifhmu u jesprimu lilhom infushom permezz tal-fatti, l-opinjonijiet u l-emozzjonijiet tagħhom. Barra minn hekk, din l-unità didattika twassal biex l-istudenti jkabbru l-għarfien kulturali ta' pajjiżhom. Dan kollu qed isir biex fl-aħħar mill-aħħar l-istudenti jaslu biex "jiżviluppaw bħala persuni u ċittadini tas-soċjetà Maltija" (Ministeru tal-Edukazzjoni u x-Xogħol, 2012: x) u jaslu biex japprezzaw il-kultura u l-wirt marbut mal-gżejjer Maltin (Ministeru tal-Edukazzjoni u x-Xogħol, 2012: 23).

## 3.3 Il-pjan ta' ħidma tal-unità didattika

Din l-unità didattika se tkun magħmula minn għaxar lezzjonijiet li jolqtu l-ħiliet u l-oqsma kollha tal-lingwa Maltija. Dawn il-lezzjonijiet se jkunu qed jiżviluppaw lill-istudenti mil-lat edukattiv u wkoll minn dak kulturali u soċjali. Fil-pjan tal-lezzjonijiet (ara Appendiċi A) wieħed jista' jinduna li xi struzzjonijiet se jingħataw lill-klassi kollha. B'dan il-mod, dik l-attività tkun "alternative to the conventional recitation, a form of simplified tutoring" (Chambliss, 2015: 446). Minbarra attivitajiet li se jsiru fi gruppi, se jkun hemm attivitajiet f'din l-unità didattika li l-istudenti se jitħallew jagħmluhom waħidhom. Għalhekk, l-istudenti se jkunu qegħdin jiżviluppaw b'mod personali u din taffettwahom biex, bħalma qal Herbart (Ediger, 2003: 43), ikunu "ċittadini produttivi".

Il-pedagoġija ta' Herbart turi li l-istudenti għandhom jitħallew jaħsbu individwalment speċjalment f'mumenti ta' "preparation, presentation, association, generalization, and application" (Ediger, 2003: 43). L-għalliema jindunaw jekk l-istudenti fehmux jew le meta jitħallew jaħdmu waħidhom peress li xogħol fi grupp jista' jwassal biex ikun hemm individwi li ma jipparteċipawx. Barra minn hekk, hemm lezzjonijiet li se jagħmlu użu mill-awtonomija tal-istudenti, fosthom fil-lezzjoni tal-letteratura. Kelen u Sundmark (2017) juru li l-istudenti għandhom jitħallew jagħmlu użu mill-kreattività tagħhom permezz tal-awtonomija għax biha jista' joħroġ aktar il-potenzjal tal-istudenti.

L-istudenti se jingħataw iċ-ċans biex jitkellmu fuq l-esperjenzi tagħhom b'rabta mal-festa tar-raħal. B'hekk il-lezzjonijiet jinbnew fuq l-għarfien li diġà għandhom l-istudenti (Dewey, 1938/1997: 26-29). Tabella 3A turi l-għaxar ismijiet tal-lezzjonijiet li se jsiru f'din l-unità didattika:

| **L-Għadd tal-Lezzjoni** | **Il-Ħila jew il-Qasam tal-Lingwa** | **L-Isem tal-Lezzjoni** |
|---|---|---|
| 1. | Il-kultura | Insiru Midħla mal-Festi Maltin |
| 2. | Il-qari | Il-Programm tal-Festa Esterna |
| 3. | Is-smigħ | Mal-Kolp tal-Katuba |
| 4. | L-esperjenza letterarja | 'Il-Festa tan-Nar' ta' Oliver Friggieri |
| 5. | Il-kultura | Il-Liedna u l-Pavaljun |
| 6. | Il-kitba | Intervista għall-Ktieb tal-Festa |
| 7. | It-taħdit | Programm Vokali u Strumentali |
| 8. | L-istorja tal-lingwa | L-Innijiet tal-Festa |
| 9. | Il-grammatika | Il-Prepożizzjonijiet mal-Vara Titulari |
| 10. | L-evalwar summattiv | Tmiem il-Festa: L-Evalwar Summattiv |

Tabella 3A: L-għaxar lezzjonijiet li se jsawru l-unità didattika – Illum il-Festa Tagħna

### 3.4 Ħarsa ġenerali lejn il-lezzjonijiet tal-unità didattika

Il-pjanijiet tal-lezzjonijiet (ara Appendiċi A) se jduru madwar il-festa Maltija. B'dan il-mod, kull lezzjoni se tikxef elementi ġodda fuq il-festi Maltin. Għalkemm kull lezzjoni se tindirizza ħila jew qasam tal-lingwa differenti, xorta waħda se jiffurmaw unità. B'dan it-tip ta' tagħlim, l-istudenti jkunu jistgħu jifhmu aħjar il-lezzjonijiet li jkunu qed isiru (Bakhurs & Shanker, 2001: 122).

L-unità didattika tkun kompluta meta l-għalliema jevalwaw l-istudenti tagħhom (deBettencourt & Howard, 2007: 89). McCain (2005: 77) juri kif l-evalwazzjoni tgħin lill-għalliema jaraw fejn marru tajjeb u anqas tajjeb waqt il-lezzjonijiet fi programm ta' tagħlim speċifiku. Barra minn hekk, peress li l-lezzjonijiet qed jiffurmaw unità didattika fl-istess sena, l-għalliema jkunu jistgħu jassessjaw l-iżvilupp tal-istudenti minn lezzjoni għal oħra. B'hekk l-għalliema jtejbu l-lezzjonijiet tagħhom.

Dawn il-lezzjonijiet tfasslu b'rabta ma' dak propost f'*ĊES 22 Sillabu Il-Malti 2025* (MATSEC, 2022) u mat-temi li jiġu mgħallma fis-snin tas-sekondarja. Kif diġà ntwera fit-tieni kapitlu, is-Sillabu taċ-ĊES (MATSEC, 2022) jagħti idea aktar iffukata tat-tagħlim tal-kultura Maltija u jisħaq li l-istudenti Maltin għandhom jiġu mgħallma biex japprezzaw il-kultura u l-wirt Malti.

Wara, ħarist lejn it-temi kulturali li hemm preżentati f'dan is-sillabu u ntgħażlet it-tema tal-festa. Hekk kif ġiet stabbilita din it-tema, analizzajt l-iskaluni tat-tagħlim tal-Malti (Camilleri Grima, 2001) u l-kisbiet mit-tagħlim mis-sillabu taċ-ĊES (MATSEC, 2022) biex insawwar lezzjonijiet varji u addattati għall-istudenti tad-disa' sena. Waqt il-lezzjonijiet, tfasslu diversi attivitajiet li jridu jinħadmu kemm fi gruppi, bejn tnejn u b'mod individwali. Minbarra dawn l-attivitajiet li jitolbu l-parteċipazzjoni attiva tal-istudenti, hemm diversi riżorsi li se jgħinu lill-istudenti jipparteċipaw matulhom bi

sħiħ. Seiz, Voss u Kunter (2015: 55-57) juru li r-riżorsi jgħinu lill-istudenti biex ikun hemm immaniġġjar tajjeb tal-klassi. Għalhekk, ir-riżorsi użati jixraq li jolqtu l-gosti u l-abiltajiet differenti tal-istudenti.

Għal din l-unità didattika se jkun hemm lezzjoni waħda abbinata ma' kull ħila u għalhekk, din se twassal biex f'kull lezzjoni jiġu żviluppati sottoħiliet speċifiċi. L-erba' sottoħiliet ewlenin b'rabta mal-ħila tal-qari huma: "skimming, scanning, intensive reading and extensive reading" (Krashen & Terrell, 1998). Fil-lezzjoni li tħejjiet f'din l-unità didattika, l-istudenti se jintalbu biex waqt li jaqraw partijiet differenti mill-programm tal-festa esterna, ikunu kapaċi joħorġu l-aktar informazzjoni importanti. Għalhekk, din se twassal biex l-istudenti jiżviluppaw is-sottoħila tal-qari intensiv li tikkonsisti minn teħid ta' informazzjoni minn testi qosra (Hatami & Asl, 2017: 1224).

Waqt il-lezzjoni tas-smigħ, l-istudenti se jkunu qed isaħħu s-sottoħila li titlob attenzjoni tad-dettalji (Varma, 2016: 9). L-iżvilupp ta' din is-sottoħila se jkun qiegħed isir tul il-lezzjoni kollha speċjalment f'dak il-pass fejn l-istudenti se jintalbu jisimgħu lil sħabhom biex jippruvaw jaqtgħu l-isem tal-istrument. F'dal-pass, l-istudenti jridu jifhmu sew il-mistoqsijiet tal-kelliem ħalli jkunu kapaċi jwiġbuhom.

Waqt il-lezzjoni tat-taħdit, l-istudenti se jingħataw l-opportunità li jaqraw b'mod ċar u bil-pronunzja t-tajba quddiem udjenza. Bħala għajnuna, l-istudenti se jkollhom id-diskors miktub minnhom stess. Permezz ta' din il-lezzjoni, l-istudenti se jitgħallmu kif jitkellmu billi jaqraw b'mod mexxej quddiem udjenza. Barra minn hekk, l-istudenti se jkunu kapaċi jitkellmu fuq element kulturali (MATSEC, 2022).

Permezz ta' din l-unità didattika, l-istudenti jindunaw li l-użu tal-lingwa ma jintrabatx biss mas-settur edukattiv imma għandu importanza kbira fil-ħajja li tmur lil hinn mid-dinja tal-klassi (Vause & Amberg, 2013: 6). L-għalliema qed juru lill-

istudenti li d-dilettanti tal-festa jitkellmu b'reġistru speċjalizzat li huma jifhmu bla problemi ta' xejn għax midħla tiegħu. Bis-saħħa ta' dan il-lessiku huma jaslu biex jikkomunikaw flimkien. Din twassal biex l-istudenti jirrealizzaw li waħda mill-funzjonijiet tal-lingwa, f'dal-każ dik Maltija, hija li sservi bħala mezz ta' komunikazzjoni (Richards & Rodgers, 2001: 21).

Fi tmiem ta' kull pjan ta' lezzjoni hemm iddifferenzjar li se jgħin biex isiru xi tibdiliet fil-lezzjoni ħalli jintlaħqu aktar studenti. Dan kollu se jsir peress li m'hemmx mudell ta' lezzjoni jew mudell ta' tagħlim wieħed li hu addattat għal kull student/a. Tomlinson u Strickland (2005) juru kif l-iddifferenzjar jista' jbiddel: il-kontenut li se jitgħallmu l-istudenti, il-proċess ta' kif se jitgħallmu l-istudenti, jew il-varjetà fix-xogħol aħħari li suppost jixhed il-ħakma ta' għarfien, valur jew ħila ġdida.

### *3.4.1 L-iskaluni u l-kisbiet mit-tagħlim tal-unità didattika*

Tabella 3B turi l-għaxar skaluni li se jintużaw għal waqt l-unità didattika u Tabella 3Ċ turi l-kisbiet mis-sillabu taċ-ĊES immirati għad-disa' sena b'rabta ma' din l-unità didattika. Permezz ta' din it-tabella wieħed jara li l-kisbiet taċ-ĊES mhumiex immirati għall-ħiliet u l-oqsma kollha tal-lingwa. Fil-fatt hemm lezzjonijiet f'din l-unità didattika li m'għandhomx kisba mit-tagħlim.

| L-isem tal-lezzjoni | L-iskaluna |
|---|---|
| 1. Insiru Familjari mal-Festi Maltin | 8.2.1 Jieħdu sehem f'dibattitu dwar l-identità Maltija. |
| 2. Il-Programm tal-Festa Esterna | 3.2.1 Iwessgħu l-firxa ta' reġistri u l-ġeneri għall-ksib tal-informazzjoni. |
| 3. Mal-Kolp tal-Katuba | 2.3.2 Huma jisimgħu jorganizzaw l-informazzjoni f'noti mentali. |
| 4. 'Il-Festa tan-Nar' ta' Oliver Friggieri | 7.3.6 Jieħdu l-inizjattiva biex jagħmlu xi mistoqsijiet dwar xi test letterarju li jkunu qraw. |

| | |
|---|---|
| 5. Il-Liedna u l-Pavaljun | 8.2.4 Isiru midħla tal-għaqdiet u l-aġenziji li jaħdmu favur il-kultura Maltija. |
| 6. Intervista għall-Ktieb tal-Festa | 4.2.4 Jimmanifestaw il-vuċi tagħhom fil-kitba. |
| 7. Programm vokali u strumentali | 1.3.6 Jużaw reġistru tekniku. |
| 8. L-Innijiet tal-Festa | 6.2.2 Iqabblu siltiet ta' Malti miktub minn żminijiet differenti. |
| 9. Il-Prepożizzjonijiet mal-Vara Titulari | 5.1.9 Jidentifikaw il-prepożizzjonijiet. |
| 10. L-evalwar summattiv | / |

Tabella 3B: L-iskaluni li se jintużaw fl-unità didattika

| L-isem tal-lezzjoni | Il-Kisba |
|---|---|
| 1. Insiru Familjari mal-Festi Maltin | / |
| 2. Il-Programm tal-Festa Esterna | K4 Nagħraf it-tifsira tal-kliem misjub f'test moqri. |
| 3. Mal-Kolp tal-Katuba | K3 Nisma' test jew testi għal fehim fuq suġġetti, f'kuntesti jew sitwazzjonijiet differenti. |
| 4. 'Il-Festa tan-Nar' ta' Oliver Friggieri | K12 Napprezza l-funzjoni tat-tema/i f'testi letterarji. |
| 5. Il-Liedna u l-Pavaljun | / |
| 6. Intervista għall-Ktieb tal-Festa | K8 Ninqeda bil-kitba biex nilħaq funzjonijiet komunikattivi varji.<br>K9 Inħaddem Malti tajjeb biex nikteb ġeneri differenti għal udjenza u bi skopijiet differenti. |
| 7. Programm vokali u strumentali | K2 Nitkellem b'korrettezza u preċiżjoni, skont il-kuntest u l-udjenza. |
| 8. L-Innijiet tal-Festa | K15 Napprezza l-poeżiji tal-poeta nazzjonali, Dun Karm Psaila. |
| 9. Il-Prepożizzjonijiet mal-Vara Titulari | / |
| 10. L-evalwar summattiv | / |

Tabella 3Ċ: Il-Kisbiet mit-Tagħlim immirati għad-disa' sena

### *3.4.2 L-għanijiet tal-unità didattika*

Permezz tal-iskaluni u l-kisbiet setgħu jiġu fformulati l-għanijiet ġenerali għall-unità. Tabella 3D turi l-għanijiet ġenerali li fuqhom se tinbena l-unità didattika – *Illum il-Festa Tagħna.*

| |
|---|
| 1. Jiksbu konsapevolezza tas-sehem tal-festi fil-kultura Maltija. |
| 2. Jidentifikaw is-seba' partijiet li jsawru l-festa esterna. |
| 3. Jidentifikaw il-karatteristiċi ewlenin ta' ġeneri b'rabta mal-festi bħalma huma l-programmi tal-festa esterna u l-programm vokali u strumentali. |
| 4. Jagħrfu għadd ta' kittieba li kitbu xogħlijiet marbuta mal-festa Maltija. |
| 5. Japprezzaw il-ħidma tal-għaqdiet jew aġenziji li jaħdmu favur il-festi Maltin. |
| 6.Jiddistingwu bejn festa esterna u dik interna. |
| 7. Jistħarrġu reġistru speċifiku marbut mal-festa. |
| 8. Jidentifikaw l-importanza tal-festi Maltin fil-ħajja soċjali. |

Tabella 3D: L-għanijiet ġenerali li se jsawru l-unità didattika

L-għanijiet ġenerali tal-unità jwasslu biex jinħolqu għadd ta' għanijiet speċifiċi għal kull lezzjoni. L-għanijiet speċifiċi jkunu marbuta ma' ħiliet u oqsma tal-lingwa. Kerry (2002: 15) juri li l-għanijiet huma "precursor to students' learning". Huwa għalhekk li qabel tfasslu l-lezzjonijiet ġew stabbiliti l-għanijiet għal kull lezzjoni. Permezz tal-għanijiet ikunu jistgħu jinbnew l-attivitajiet (Kerry, 2002: 15). Tabella 3E turi l-għanijiet li se jintużaw għal kull lezzjoni.

| L-isem tal-lezzjoni | L-għanijiet tal-lezzjonijiet |
|---|---|
| 1. Insiru Familjari mal-Festi Maltin | a. Jiddiskutu l-importanza tal-festi fil-kultura Maltija.<br>b. Jiksbu għarfien ġdid reletat mal-mod ta' kif jiġu ċċelebrati l-festi fl-ibliet u l-irħula Maltin. |
| 2. Il-Programm tal-Festa Esterna | a. Jidentifikaw żewġ karatteristiċi marbuta mal-ġeneru tal-programm tal-festa esterna.<br>b. Jispeċifikaw is-seba' partijiet ewlenin tal-festa esterna. |
| 3. Mal-Kolp tal-Katuba | a. Isiru midħla tad-disa' taqsimiet tal-banda Maltija.<br>b. Jistħarrġu disa' kelmiet u t-tifsira tagħhom marbuta mal-istrumenti tal-banda. |
| 4.' Il-Festa tan-Nar' ta' Oliver Friggieri | a. Jiksbu tagħrif bijografiku fuq Oliver Friggieri.<br>b. Jagħrfu ħames kelmiet tekniċi marbuta mal-logħob tan-nar.<br>ċ. Jirreċtaw ix-xena li jkunu kitbu fil-klassi. |
| 5. Il-Liedna u l-Pavaljun | a. Jiddisinjaw pavaljun.<br>b. Joħolqu liedna.<br>ċ. Jirrikonoxxu seba' kelmiet tekniċi marbuta mal-pavaljuni. |
| 6. Intervista għall-Ktieb tal-Festa | a. Jesprimu l-ħsibijiet tagħhom fuq il-festa Maltija permezz ta' kitba ta' intervista għall-ktieb tal-festa. |

| | |
|---|---|
| | b. Jidentifikaw il-partijiet differenti tat-trofew. |
| 7. Programm Vokali u Strumentali | a. Jisiltu tliet karatteristiċi marbuta mal-ġeneru tal-programm vokali u strumentali.<br>b. Jiktbu d-diskors tal-preżentatur/preżentatriċi.<br>ċ. Jistħarrġu disa' kelmiet marbuta mal-pjanċier. |
| 8. L-Innijiet tal-Festa | a. Jaqsmu innu tal-festa skont il-partijiet ewlenin tiegħu (it-titlu, l-istrofi, ir-ritornell).<br>b. Iqabblu l-frażijiet użati fl-innijiet tal-festa miktubin minn Dun Karm u Trevor Żahra. |
| 9. Il-Prepożizzjonijiet mal-Vara Titulari | a. Janalizzaw il-forma tal-prepożizzjonijiet tal-Malti.<br>b. Jirrikonoxxu l-funzjoni tal-prepożizzjonijiet tal-Malti.<br>ċ. Jiksbu tmien kelmiet tekniċi marbutin mal-partijiet tal-vara. |
| 10. L-evalwar summattiv | a. Tiġi evalwata l-kompetenza lingwistika u letterarja tal-istudenti żviluppata f'din l-unità didattika. |

Tabella 3E: L-għanijiet li se jintużaw għal kull lezzjoni

### *3.4.3 Analiżi tar-reġistru ġdid*

Peress li din l-unità didattika se tiffoka l-aktar fuq l-element lingwistiku, qgħadt attent li dawn il-lezzjonijiet joffru wħud mill-kliem tekniku marbut mal-festi Maltin.

Tabella 3F turi l-kliem tekniku ġdid li se jiġi mgħallem f'kull lezzjoni. Ma' kull lezzjoni, se jkun hemm għadd ta' kliem li jdur mal-istess reġistru.

| **L-isem tal-lezzjoni** | **Ir-reġistru ġdid** | **L-għalqa lessikali** |
|---|---|---|
| 1. Insiru Familjari mal-Festi Maltin | Marċi, briju, każini, nar, purċissjonijiet. | Il-festa b'mod ġenerali |
| 2. Il-Programm tal-Festa Esterna | Niċċa, tridu, murtali, murtaletti, kaxxa, marċi, translazzjoni, relikwija, purċissjoni, fratelli, abbatini, kleru, programm vokali u strumentali, ġiġġifogu, knisja parrokkjali. | L-attivitajiet tal-festa esterna |
| 3. Mal-Kolp tal-Katuba | Tal-istandard, il-klarinetti, it-trumbetti, il-kurni, il-perkussjoni, l-alt horns, l-awfonji, it-trumbuni, il- | L-istrumenti tal-banda |

| | | |
|---|---|---|
| | baxxi. | |
| 4. ‘Il-Festa tan-Nar’ ta’ Oliver Friggieri | Ballun, beraq, murtal bandieri, murtal tal-kulur, sfiera. | Il-logħob tan-nar |
| 5. Il-Liedna u l-Pavaljun | Liedna, żubrun, disinn, kontrapavaljun, pendent/patalott, ġummiena, gallun, frenża. | Il-liedna u l-pavaljuni |
| 6. Intervista għall-Ktieb tal-Festa | Labarda, bandalora, skudett, fjammi, kolonna. | L-armar tat-trofew |
| 7. Programm Vokali u Strumentali | Rifondazzjoni, surmast, preżentazzjoni, brazz, leġiju, soprabank, bank, sottobank, pilastru, panew, skudett, ornament. | Il-pjanċier u l-programm vokali u strumentali |
| 8. L-Innijiet tal-Festa | Sultana, rebbieħa, bla tebgħa, wiċċha jiddi, Int l-egħżeż għalina. | Lirika ta’ innu |
| 9. Il-Prepożizzjonijiet mal-Vara Titulari | Raġġiera, statwa, puttin, pedestall, bradella, bankun, tarġa, intaġġi. | Il-vara titulari |
| 10. L-Evalwar Summattiv | Evalwar summattiv | F’din il-lezzjoni se jiġu assessjati fuq il-kliem li tgħallmu f’din l-unità didattika. |

Tabella 3F: Ir-reġistru ġdid marbut ma’ kull lezzjoni fl-unità didattika

## 3.5 Ir-riżorsi

Illum, hemm bosta riżorsi li jistgħu jintużaw waqt il-lezzjonijiet imma l-għalliema jridu joqogħdu attenti li r-riżorsi użati jkunu jistgħu jgħinu fil-proċess tat-tagħlim peress li dawn għandhom ikunu “neċessità pedagoġika skont l-età u l-esiġenzi edukattivi tal-istudenti” (Portelli, 2020: 140). Ir-riżorsi jridu jkunu “engaging, effective, and diverse educational resources” (Al Jaber & Elayyan, 2018: 251). Bħala parti mill-pjan tal-lezzjonijiet, l-għalliema għandhom ikollhom stampa ċara x’riżorsi se jużaw biex ikunu jistgħu jibnu l-lezzjonijiet fuqhom (Tomlinson, 2014: 88). Dan kollu juri li għan prinċipali tal-użu tar-riżorsi huwa biex jiffaċilita t-tagħlim.

Ir-riżorsi li ħejjejt għal kull lezzjoni jmorru lil hinn mill-użu tal-kotba tal-iskola. Ippruvajt noħloq riżorsi oriġinali, magħmula minni bħala għalliem prospettiv, biex jgħinu "fil-preżentazzjoni tal-kontenut" (Portelli, 2020: 139). Reiser (2007: 18) juri li llum l-għalliema ma jistgħux jibqgħu jgħallmu bħalma kien isir qabel.

L-għalliema għandhom jaġġornaw ruħhom anke fl-aspett teknoloġiku. It-teknoloġija hija għodda biex ikunu jistgħu jagħżlu u jfasslu fejn ikun hemm bżonn riżorsi innovattivi u jużawhom waqt il-lezzjonijiet. Aktar mhu qed jgħaddi żmien, ir-riżorsi teknoloġiċi qed ikunu għodda importanti għas-suċċess (Betcher & Mal, 2009: 32). Dwar ir-riżorsi teknoloġiċi, dawn il-lezzjonijiet se jkunu qed jagħmlu użu wkoll minn filmati, logħob fuq pjattaformi teknoloġiċi u marċi minn siti elettroniċi. Barra minn hekk, waqt il-lezzjoni tas-smigħ se jsir użu mit-tablets jew mill-ismartphones. B'rabta mal-użu ta' dan l-apparat teknoloġiku, Frey, Fisher u Gonzalez (2013: 37) juru li l-iktar ħaġa importanti hija li l-għalliema jkollhom pjan ċar ta' kif, meta u għaliex se jintużaw.

Madanakollu, f'dawn il-lezzjonijiet fassalt ukoll bosta karti tat-taħriġ li joffru għadd ta' eżerċizzji u karti tan-noti biex ikun hemm bilanċ bejn ir-riżorsi teknoloġiċi u diġitali u dawk li jinvolvu l-karta.

F'kull lezzjoni rajt li jkun hemm bilanċ fl-użu tar-riżorsi għax għalkemm jiffaċilitaw it-tagħlim, jekk ikun hemm użu żejjed ta' riżorsi jistgħu jfixklu biex jintlaħqu l-għanijiet tal-lezzjoni. L-importanti li r-riżorsi użati jappellaw għall-interessi tal-istudenti biex iżżommhom iffukati waqt il-lezzjonijiet.

## 3.6 L-importanza tal-assessjar u tal-evalwar

Permezz tal-assessjar u l-evalwar l-istudenti u l-għalliema se jaraw jekk ikunux laħqu l-għan/ijiet tal-lezzjoni/jiet. Permezz ta' dan il-proċess, l-għalliema jkunu jistgħu jaraw liema huma dawk il-karatteristiċi fil-metodi ta' tagħlim li ħadmu u dawk li ma ħadmux. Portelli (2020: 81) juri li permezz tal-evalwar u l-assessjar, "l-istudenti jiksbu konferma ta' x'tgħallmu u/jew ta' dak li jonqoshom x'jitgħallmu". Dan kollu juri li dan il-proġett jipprovdi linji gwida u mudell ċar għal dawk l-għalliema li jdaħħlu t-tagħlim tal-festi waqt il-lezzjonijiet tal-Malti.

L-eżempji ta' modi ta' assessjar u evalwar misjuba f'din l-unità didattika, ngħidu aħna l-karti tat-taħriġ u t-test huma kollha eżempji mistħajla li l-għalliema jistgħu jaddattaw skont il-kuntesti tagħhom. Minħabba r-restrizzjonijiet tal-pandemija ma kien hemm ebda ħsieb li dan il-proġett kollu jew parti minnu jitwettaq f'xi klassi jew b'mod virtwali ma' xi grupp ta' studenti u/jew għalliema tal-Malti.

### *3.6.1 L-evalwar summattiv*

L-għan ta' dan it-tip ta' evalwar huwa biex jagħti rendikont ta' dak kollu li tgħallmu l-istudenti matul l-unità didattika. Għal dan il-għan, l-evalwar summattiv isir "at the end of each unit of instruction" (Woolfolk, 2016: 613). L-evalwar summattiv isir fi tmiem ta' programm ta' tagħlim (Knight & York, 2003: 211-214). Fil-każ ta' din l-unità didattika jfisser fl-għaxar lezzjoni. L-evalwar li se jintuża f'din l-unità didattika se jkun forma ta' test maqsum fi tliet partijiet (ara Appendiċi A). Fl-ewwel parti l-istudenti se jkollhom avviż b'xi mistoqsijiet marbuta miegħu, fit-tieni parti se jkollhom mistoqsijiet marbutin mar-reġistru ġdid li tgħallmu matul din l-unità didattika, u fl-aħħar parti se jkollhom kitba qasira. B'dan il-mod, l-istudenti qed jiġu evalwati fuq il-ħiliet tal-qari u tal-kitba, u fl-isfond tal-qasam tal-kultura Maltija dwar il-festi.

L-evalwar summattiv se jkun qed jiġbor fih il-kontenut li sar fl-ewwel disa' lezzjonijiet. L-għodda magħżula għal waqt l-evalwar summattiv ta' din l-unità didattika se tħares lejn is-sottoħila tal-qari li wieħed jifhem il-kontenut billi dak li jkun jagħmel qari li wieħed jifhem il-kontenut u t-test b'mod intensiv. Il-kompetenza milħuqa se tidher permezz tat-tweġibiet li se jagħtu l-istudenti. Permezz tagħhom l-għalliem jinduna jekk l-istudenti fehmux it-test jew le, u f'liema livell ta' fehim qegħdin (Klenowski, 2002). F'dan it-test, l-istudenti se jiġu evalwati fuq il-kitba billi jiktbu programm tal-festa. L-aħħar kompetenza li l-istudenti se jiġu evalwati fuqha hija fuq ir-reġistru ġdid marbut mal-festa li tgħallmu matul l-unità didattika. Dan se jsir fit-tieni parti tat-test fejn permezz ta' silta meħuda minn ktieb ta' Costa (2013) l-istudenti se jkollhom numru ta' mistoqsijiet u huma jridu jwieġbu għalihom.

### *3.6.2 L-assessjar formattiv*

Permezz tal-assessjar formattiv, l-istudenti huma mħeġġa jkunu kritiċi tagħhom stess u din l-esperjenza twassal biex "students begin to be able to monitor more and more apsects of their work at once" (Brookhart, 2010: 3). Għalhekk, f'din l-unità didattika ntisġu għadd ta' karti ta' taħriġ u attivitajiet imħejjija għal magħhom. Barra minn hekk, dan l-assessjar iseħħ il-ħin kollu permezz tal-mistoqsijiet li jsiru waqt il-lezzjonijiet (Tuttle, 2009). Dan kollu jwassal biex l-istudenti jagħrfu l-potenzjal tagħhom.

Dan it-tip ta' assessjar isir minn lezzjoni għal oħra. Fil-fatt, Woolfolk (2016: 658) tiddeskrivi dan it-tip ta' assessjar bħala "ungraded testing used before or during instruction to aid in planning and diagnosis". Il-Qafas tal-Kurrikulu Nazzjonali (Il-Ministeru tal-Edukazzjoni u x-Xogħol, 2012: xvi) juri li l-assessjar formattiv huwa importanti "biex jaqbad il-progress u l-iżvilupp individwali tat-tfal". Dan it-tip ta'

assessjar jgħin lill-istudenti biex jiksbu r-riżultat meħtieġ fi tmiem il-programm ta' tagħlim (Freeman & Lewis, 2004). Dan kollu jidher fl-unità didattika. L-ewwel disa' lezzjonijiet se jservu bħala tħejjija biex l-istudenti jkunu kapaċi jwieġbu l-mistoqsijiet tal-għaxar lezzjoni (li tagħmel parti mill-evalwar summattiv).

L-assessjar formattiv jgħin biex l-istudenti jkollhom l-opportunità biex minn lezzjoni għal oħra jagħrfu fejn għandhom bżonn isaħħu. Għal dan il-għan l-istudenti ma għandhomx jiġu eżaminati f'dan it-tip ta' assessjar.

## 3.7 L-għeluq

F'dan il-kapitlu ġew spjegati l-karatteristiċi ewlenin tal-unità didattika 'Illum il-Festa Tagħna'. Fil-bidu ntwera l-pjan ta' ħidma u għamilt referenza għal-lezzjonijiet li jsawru din l-unità didattika (ara Appendiċi A). F'dan il-kapitlu wrejt is-sottoħiliet lingwistiċi u l-aspetti letterarji li se jkunu qegħdin jiżviluppaw l-istudenti f'din l-unità didattika. B'rabta mal-lezzjonijiet intwera r-reġistru ġdid li l-istudenti se jitgħallmu f'kuntest f'kull lezzjoni u saret analiżi tar-riżorsi li se jintużaw. Fl-aħħar ingħatat ħarsa lejn l-evalwar summattiv u l-assessjar formattiv, u kif dawn se jkunu qegħdin jiġu mħaddma matul id-damma ta' lezzjonijiet li ħejjejt. Bħala konklużjoni għal din ir-riċerka, fil-kapitlu li jmiss, li hu wkoll l-aħħar kapitlu, se nuri xi implikazzjonijiet tal-istudju tiegħi għat-tagħlim tal-Malti fil-livell sekondarju u nidentifika xi limitazzjonijiet li ltqajt magħhom waqt din ir-riċerka. Fl-aħħar se nagħlaq b'riflessjoni kritika fuq il-proposta kollha.

# 4. Riflessjoni Fuq Dan l-Istudju

## 4.1 Xi merti ta' din il-proposta

Byram (1994: 5-6) iqis li l-kultura għandha sehem ewlieni fil-lezzjonijiet tal-ewwel ilsien. Din il-proposta tikkumplimenta din l-istqarrija billi tfasslet unità didattika msejsa fuq il-Malti bħala l-ewwel ilsien. Huwa importanti li waqt il-lezzjonijiet tal-lingwi jsiru lezzjonijiet imsejsa fuq il-kuntest u l-kultura lokali (Byram & Grundy, 2003: 2). Permezz tal-għanijiet tal-unità didattika (ara Tabella 3D) wieħed jinnota li dan l-istudju jiffoka fuq l-importanza tal-kultura Maltija b'rabta mal-festi Maltin. Skont Bendixen (2010: 33), il-kultura tiġbor flimkien l-istil ta' ħajja bħala soċjetà kollettiva. Għalhekk, dan l-istudju ħares lejn it-tagħlim tal-kultura għad-disa' sena. Huwa essenzjali li l-Maltin isiru familjari ma' dak kollu li jagħmilhom Maltin peress li t-tagħlim tal-kultura jibda meta dak li jkun isir konxju mill-kultura tiegħu stess (Borg, 2001: 14). Meta l-istudenti jsiru konxji u japprezzaw l-affarijiet marbutin mal-kultura tagħhom, skont Portelli u Camilleri Grima (2001: 130), l-istudenti jkunu kapaċi biex jibdew japprezzaw karatteristiċi mill-kulturi l-oħra. Dan juri kemm dan l-istudju huwa ta' ħtieġa biex l-għalliema jagħrfu l-bżonn tat-tagħlim tal-kultura fil-lezzjonijiet tal-lingwa nattiva għax se jservi bħala l-ewwel tarġa fit-triq tal-għarfien kulturali.

Permezz ta' dan l-istudju wrejt li hemm bżonn li jkun hemm iktar ħidma biex waqt il-lezzjonijiet tal-lingwa nattiva jsiru lezzjonijiet li jittrattaw il-kultura, speċjalment marbuta mal-festi Maltin, għax kif wera Camilleri (2022), il-President tal-Għaqda Każini tal-Baned, il-patrimonju tal-festi jagħti ħajja lil pajjiżna. Kif intwera fl-ewwel

kapitlu, l-istudenti tal-lum mhux qed ikunu familjari mat-tema tal-festa permezz tal-kotba tal-iskola. Għal dan il-għan, inkludejt lezzjoni fejn permezz ta' test letterarju l-istudenti jsiru konxji fuq il-partijiet tal-kultura piroteknika li twassalhom biex isiru midħla għall-eċċessi u l-perikli tagħha. Barra minn hekk, Collie u Slater (2007: 4) juru li permezz ta' testi letterarji l-istudenti jiġu esposti għal dak li huma sejħu bħala "language enrichment", esperjenza ta' tagħlim sinjur tal-lessiku. L-użu tal-letteratura, anki kif intużat f'din l-unità didattika, jgħin lill-istudenti biex ikomplu jkabbru l-bagalja tal-vokabularju tagħhom.

Din il-proposta wriet li permezz tal-festi, it-tagħlim jibda jservi bħala esperjenza integrata. L-unità didattika — *Illum il-Festa Tagħna!* — serviet bħala bażi ta' turija kif il-festi Maltin għandhom jintużaw fil-programm tat-tagħlim b'rabta mal-ħiliet u l-oqsma tal-lingwa. B'dan il-mod, kif intwera fit-tieni kapitlu, l-istudenti jkunu jistgħu japprezzaw aħjar dawn l-aspetti kulturali li jwassluhom biex isaħħu l-ideat u l-ġudizzji personali. Barra minn hekk, f'soċjetà demokratika kritika, dawn il-lezzjonijiet iwasslu biex ikun hemm diskussjoni matura b'risq bidla soċjali.

## 4.2 Xi implikazzjonijiet ta' dan l-istudju

Il-kultura u l-lingwa huma żewġ elementi qrib ta' xulxin. Brumfit (2001: 57-60) jisħaq li ma jistax ikun hemm lingwa mingħajr kultura u viċiversa. Dan l-istudju sar biex juri li t-tema tal-festa għandha tkun parti mill-organizzazzjoni kurrikulari, għax kif jikteb Lawton (2012: 16) il-kurrikulu "is thus to find a way of bridging the gap between the academic and the everyday." Din l-unità didattika timplika li l-festi għandhom ikunu parti mill-kurrikulu biex bħalma juri l-Kurrikulu Nazzjonali (Ministeru tal-Edukazzjoni u x-Xogħol, 2012), l-istudenti jkunu jistgħu jiksbu konsapevolezza u japprezzaw dak li hu kulturalment tagħhom. It-tieni kapitlu kkonkluda li *Il-Qafas tal-*

*Kurrikulu Nazzjonali għal Kulħadd* (Ministeru tal-Edukazzjoni u x-Xogħol, 2012) ma jsemmix b'mod dirett il-festi u għalhekk, din l-unità didattika sservi bħala gwida li turi kif il-festi għandhom ikunu parti mit-tfassil tal-kurrikulu. B'dan il-mod, l-istudenti jkunu kapaċi jifhmu d-dinja ta' madwarhom (Freire, 2005). Il-festi huma parti mill-kultura u peress li l-kultura hija "a particular way of life" (Byram, 200: 61), din l-unità didattika tisħaq kif il-festi għandhom il-potenzjal li jkunu parti mill-kurrikulu. Dan kollu jimplika li l-festi għandhom ikunu parti mill-organizzazzjoni kurrikulari.

Implikazzjoni oħra marbuta ma' dan l-istudju hija li tgħin lill-għalliema jfasslu l-lezzjonijiet tagħhom billi jinkludu attivitajiet varji li bihom ikunu qegħdin jikkumplimentaw il-ħiliet u l-oqsma tal-Malti waqt li l-istudenti jsiru familjari mat-tema tal-festa Maltija. It-tielet kapitlu saħaq li waħda mill-iktar affarijiet li l-għalliema jridu joqogħdu attenti għaliha hija li r-riżorsi li jagħżlu jew ifasslu bħala parti mill-esperjenza tat-tagħlim idealment għandhom ikunu "engaging, effective, and diverse educational resources" (Al Jaber & Elayyan, 2018: 251).

### *4.2.1 Xi implikazzjonijiet għal min ifassal is-Sillabu tal-Malti*

Għalkemm Nunan (2002: 5) jikteb li sillabu "is seen as being concerned essentially with the selection and grading of content", Wiggins u McTiche (2005: 311) juru li kull sillabu għandu joffri "content standards, intellectual priorities, and student needs and interests to achieve explicit goals". Din id-dissertazzjoni, speċjalment fit-tieni kapitlu, uriet li fis-Sillabu taċ-ĊES (Matsec, 2022) hemm rikonixximent tal-festi Maltin waqt il-lezzjonijiet tal-Malti bla ma jidħol fid-dettall ta' kif tista' tiġi implimentata din it-tema. Din il-proposta tixhed li mhuwiex biżżejjed li s-sillabu taċ-ĊES (Matsec, 2022: 187) jindika li l-festi huma "avvenimenti ewlenin li jsawru l-kultura u l-identità Maltija". Il-festa Maltija hi magħmula minn diversi aspetti li jistgħu jgħinu lill-għalliema

fit-tfassil tal-pjan ta' ħidma tagħhom. Bil-maqlub ta' dak li sar fis-sillabu taċ-ĊES (Matsec, 2022: 7-8) u fis-sillabi tal-medja (Ministeru tal-Edukazzjoni, 2018: 2), din il-proposta tiegħi qed tisħaq kif il-festi għandhom potenzjal li jmorru lil hinn mill-ħila tat-taħdit.

Kif intwera f'dan il-proġett, bil-ħsieb u bl-immaġinazzjoni tal-għalliema, it-tema tal-festa tista' tidħol f'kull ħila u qasam tal-lingwa Maltija. Min ifassal is-sillabu tal-Malti għandu jagħti kas il-fatt li l-festi jimmotivaw lill-istudenti. Fil-kuntest lokali, it-tema tal-festa m'għandhiex tibqa' marbuta mat-tagħlim tal-Istudji Soċjali, tar-Reliġjon u tal-Istorja. It-tieni kapitlu wera li fis-sillabu tal-Istudji Soċjali (2016: 8) hemm indikat li l-festi tar-raħal jitqiesu bħala "attivitajiet ta' divertiment" u huma parti mill-istil ta' ħajja f'Malta. Barra minn hekk, is-sillabu tal-Istudji Soċjali jagħmel referenza wkoll għall-importanza tal-każini tal-banda, ħaġa li fis-sillabi tal-Malti ma tidher imkien. Camilleri (2019) juri li l-baned huma ferm importanti għall-festi Maltin u b'hekk, ikun nuqqas kbir jekk fis-sillabi tal-Malti dawn l-elementi tal-festa Maltija ma jkunux imniżżlin fih.

Dan kollu jwassal biex l-għalliema u l-istudenti jifhmu li l-festi mhumiex avvenimenti ta' divertiment biss, imma esperjenza kulturali b'bosta fergħat u li kull fergħa għandha l-lessiku, it-termini u l-forom ta' kitba differenti tagħha. Dawn jagħmlu parti mill-kontenut dwar il-festi u jistgħu jaddattaw ruħhom f'kull klassi skont l-abbiltajiet tal-istudenti biex dawn ikollhom esperjenza kemm jista' jkun mifruxa u kritika tal-festi Maltin.

### *4.2.2 Xi implikazzjonijiet għall-għalliema tal-Malti*

Richards u Farrell (2005: 3) jiktbu li l-għalliema, bħala parti mill-vjaġġ tagħhom matul il-karriera tat-tagħlim, bl-għajnuna ta' ħaddieħor, jimplimentaw strateġiji ġodda

li jużaw waqt il-lezzjonijiet. Dan il-proġett juri lill-għalliema tal-Malti li hemm bżonn ta' bidla li tikkumplimenta l-pedagoġija mħaddma biex it-tagħlim ikun jista' jaġġorna ruħu. B'hekk, dan l-istudju, bil-limitazzjonijiet kollha tiegħu, sar ukoll biex jagħti lill-għalliema ideat ta' kif jista' jsir użu minn din it-tema waqt li jkunu qed jilħqu l-għanijiet ta' kull lezzjoni tal-Malti.

Il-karatteristiċi li fuqhom issejjes it-tagħlim ta' vokabularju ġdid huma togħma żgħira ta x'jistgħu joffru l-festi Maltin. Għalhekk, jistgħu jsiru sessjonijiet indirizzati għall-għalliema biex juruhom il-firxa ta' vokabularju li hemm marbut ma' din it-tema. Barra minn hekk, hemm bosta inizjattivi oħra li jistgħu jsiru biex it-tagħlim tal-vokabularju jsir parti integrali mill-ħajja tal-istudenti. L-għalliema għandhom jaħdmu flimkien biex juru s-sbuħija u l-importanza li għandhom il-festi fil-kultura Maltija.

### *4.2.3 Xi implikazzjonijiet ta' dan il-proġett għall-istudenti tal-Malti*

Waqt il-lezzjonijiet għandhom ikunu l-istudenti stess li jkunu fiċ-ċentru tat-tagħlim u huwa għalhekk li l-lezzjonijiet jinbnew fuq l-esperjenzi tagħhom. Dewey (2004) saħaq li l-esperjenza edukattiva għandha tinbena fuq l-interessi tal-istudenti u din twassalhom biex ikunu ċittadini responsabbli. It-tagħlim f'din l-unità didattika jqis lill-istudenti bħala ċ-ċentru tat-tagħlim. Dewey (2007) jemmen li l-għalliema għandhom jieħdu diversi eżempji mill-ambjent li qed jgħixu fih l-istudenti u għalhekk, it-tema tal-festa tikkumplimenta dan it-twemmin.

Fi wħud mil-lezzjonijiet, l-għalliema se jħallu lill-istudenti biex jaqsmu l-esperjenzi tagħhom ħalli b'hekk l-istudenti jkollhom l-opportunità li jkunu bennejja tal-għerf kulturali. Din tidher fit-tielet lezzjoni bl-isem ta' 'Mal-Kolp tal-Katuba' fejn l-istudenti se jitħallew fil-libertà biex jippruvaw jaqtgħu f'liema parti jkunu l-bandisti ta' strument partikolari. Permezz ta' din il-lezzjoni u l-attivitajiet motivanti oħra, l-istudenti

se jaslu biex juru l-potenzjal tagħhom (Howard & McInnes, 2013: 118). Il-lezzjonijiet imsawra minni jisħqu wkoll fuq dak li jemmnu Reed u Black (2006), jiġifieri l-lezzjonijiet iridu jkunu mezz biex l-istudenti jġarrbu għarfien kulturali li jgħinhom fil-ħajja personali tagħhom.

Fattur ieħor li se jgħin lill-istudenti jkunu fiċ-ċentru tat-tagħlim huwa li għandhom spazju jiddiskutu dak li jkun qed isir fil-lezzjoni u b'hekk it-tagħlim isir aktar inklussiv. Van Garderen u Whittaker (2006) jemmnu li meta jkun hemm tagħlim inklussiv, inkluż fil-lezzjonijiet tal-kultura, dan jgħin biex jintlaħqu l-bżonnijiet tal-istudenti kollha anki ta' dawk li jkunu ġejjin minn sfond kulturali differenti minn dak Malti.

### *4.2.4 Xi implikazzjonijiet għall-ġenituri u l-kustodji*

Il-ġenituri jew il-kustodji għandhom iħajru lil uliedhom biex jagħrfu s-sbuħija u l-importanza li għandhom il-festi fil-kultura Maltija. Il-festa hija avveniment li tinvolvi mhux biss il-briju u l-ispirtu.Tkun idea tajba wkoll li jsiru laqgħat ta' informazzjoni li jikxfu l-importanza tal-festi lill-ġenituri jew lill-kustodji. Il-festi, permezz tal-ġenituri, jaslu biex ikunu sors edukattiv biex fl-aħħar mill-aħħar l-istudenti jiżviluppaw sens ta' għarfien kulturali Malti. L-għarfien kulturali jista' jsir ukoll billi l-kustodji, flimkien mat-tfal tagħhom, jattendu għall-festi nfushom biex l-istudenti jkunu jistgħu jesperjenzaw dawn l-avvenimenti kulturali u jħajruhom jipparteċipaw fihom. Dan iwassal biex meta t-tema tal-festa tiġi diskussa fil-klassi, l-istudenti jkunu diġà konxji tagħha.

### *4.2.5 Xi implikazzjonijiet għall-komunità*

Gauci Cunningham (2017) jikteb li l-festi "mhumiex biss ċelebrazzjoni u opportunità ta' ċelebrazzjoni," imma "huma marbutin intrinsikament mal-kultura tal-Maltin, mal-istil ta' ħajja ta' dan il-poplu u allura xi ftit jew wisq jirriflettu dak li hu l-

poplu". Peress li l-kultura tal-festi Maltin tgħaddi minn ġenerazzjoni għall-oħra, dan ifisser li għandha element qawwi orali u tradizzjonali. Scerri (2014: 34) jagħti importanza li l-folklor għandu bżonn dokumentazzjoni li titfa' dawl fuq it-tradizzjonijiet tal-antenati tagħna. Normalment, mhux dejjem jinstabu "kitbiet direttament minn idejn l-istess protagonista ta' dik il-kultura" peress li fil-folklor hemm "rabta assoluta mal-oralità" (Scerri, 2014: 34). Permezz tat-tradizzjonijiet orali, il-kultura, f'dan il-każ dik tal-festi, tibqa' għaddejja "minn persuna għal oħra u t-trażmissjoni tkompli għaddejja f'katina li ma taqta' qatt" (Scerri, 2014: 34). Maż-żmien kien hemm tibdil fil-modalità peress li t-tradizzjonijiet ma baqgħux jgħaddu biss bil-fomm imma bdew jiġu miktuba u ppubblikati. Barra minn hekk, illum il-ġurnata, il-komunità qed ikollha aċċess għal dawn id-dokumentazzjonijiet permezz tal-media u t-teknoloġija.

It-tema tal-festa għandha tiġi inkluża fid-dokumenti kurrikulari nazzjonali Maltin ħalli tgħin lill-aktar kittieba u pubblikaturi joħorġu xogħol b'rabta ma' din it-tema li jkunu qegħdin jgħinu lill-istudenti. Kif imsemmi fl-ewwel kapitlu, għandu jkun hemm aktar kotba tal-iskola, kemm tat-taħriġ kif ukoll dawk tal-qari u tal-informazzjoni, biex l-istudenti Maltin ikunu esposti għal din it-tema u jwassal biex permezz tal-letteratura l-istudenti jkunu qegħdin jitgħallmu l-Malti. Aktar ma jiżdiedu l-kitbiet letterarji mmirati għat-tfal u ż-żgħażagħ, l-istudenti Maltin jirrealizzaw li hemm rabta bejn il-kultura Maltija u l-lingwa. B'dan il-mod, l-istudenti jkunu jistgħu jitgħallmu affarijiet ġodda b'rabta mal-festi Maltin.

Lil hinn mill-kotba tat-taħriġ għandu jkun hemm kotba li jkollhom xi stejjer, novelli jew poeżiji u jkunu aċċessibbli għall-għalliema biex ikunu jistgħu jgħadduhom lill-istudenti tagħhom. Anki l-ġenituri għandhom ikollhom l-aċċess għal dawn il-kotba biex b'dan il-mod, it-tfal, minn età żgħira, ikunu qegħdin jitrawmu f'din il-kultura popolari u b'hekk tibqa' ħajja u tikber fost il-Maltin. Grossberg u Radway (2005: 214)

jargumentaw li b'dal-mod il-qarrejja jkunu qed jitgħallmu affarijiet ġodda b'eżempji konkreti meħuda mill-ħajja tagħhom.

Peress li l-festi huma marbutin mal-knejjes, mal-każini tal-baned u mal-imħażen tal-armar u tan-nar, dawn il-postijiet għandhom jaħdmu flimkien biex jinkuraġġixxu aktar żgħażagħ biex jinvolvu ruħhom f'dak li għandu x'jaqsam mal-festi. Din il-ħaġa għandha tibda meta ż-żgħażagħ ikunu għadhom żgħar ħalli jitrabbew f'din il-kultura. B'dal-mod, it-tfal u ż-żgħażagħ, mingħajr ma jkunu jafu, qegħdin jiġu esposti għal kliem ġdid li għalihom jibda jiġi kliem komuni li jintuża waqt l-armar. B'hekk, dawk involuti jkunu qegħdin jitgħallmu reġistru speċifiku li jasal biex jgħinhom kemm fil-kitbiet kif ukoll fl-argumenti tagħhom waqt it-tagħlim tal-Malti.

Bosta għaqdiet u każini diġà saru jagħmlu użu tajjeb mit-teknoloġija billi jtellgħu xi filmati interessanti b'rabta mal-festa tagħhom. Personalment, inħeġġeġ lil dawn l-għaqdiet biex jibqgħu jagħmlu użu tajjeb mit-teknoloġija u jtellgħu aktar filmati innovattivi u ta' informazzjoni biex dak li jkun ikun jista' jitgħallem affarijiet ġodda. Ikun aktar utli li jittella' filmat milli jittella' xi dokument u dak li jkun joqgħod jaqrah għax inħoss li hemm ċans li ma jinqarax kollu minn kulħadd.

## 4.3 Skop għal aktar riċerka

Dan l-istudju huwa indirizzat għall-istudenti tad-disa' sena. Jien nissuġġerixxi li hemm lok fejn isiru xi studji li jindirizzaw is-snin l-oħra tas-sekondarja. Barra minn hekk, din it-tema tal-festa għandha l-kapaċità li tiġi addattata wkoll għall-iskejjel primarji u medji. Fl-istudju tiegħi ma daħħaltx dak kollu li għandu x'jaqsam mal-festi u b'hekk hemm spazju biex wieħed jagħmel studju ieħor b'rabta ma' din it-tema. Fil-fehma tiegħi, hemm kontenut b'rabta mal-festi Maltin li huwa rilevanti jew li bi ftit addattamenti jista' jinteressa lil studenti ta' snin differenti. Figura 4A, b'rabta mat-

teorija ta' Bronfenbrenner (1989), turi li l-iżvilupp tal-bniedem jiġi affettwat b'dak kollu li hemm preżenti fl-ambjent li jgħix fih. Fit-teorija bijoekoloġika, il-kultura hija "an intricate part of proximal development processes" (Vèlez, Soto-Crespo & Vizcarrondo-Oppenheimer, 2017). Il-kultura hija ħaġa ħajja u għalhekk tinbidel il-ħin kollu u tiġi addattata skont il-prattiċi tal-komunitajiet soċjali, l-aktar fil-familji u fl-iskejjel (Misstraver, 2016).

Permezz tat-teorija ta' Bronfenbrenner, wieħed jinnota kif il-kultura qiegħda fil-periferija tal-individwu filwaqt li l-iskejjel u l-familji, li jaqgħu fil-microsystem, huma setturi importanti għall-istudenti.




Figura 4A: It-teorija ta' Bronfenbrenner

F'dan l-istudju sar użu mill-unità didattika u fassalt għaxar lezzjonijiet li jistgħu jintużaw fil-klassi (Ara Appendiċi A). Minħabba l-pandemija, dan il-proġett ma setax jitwettaq f'xi klassi ma' xi grupp ta' xi studenti u/jew għalliema tal-Malti. Għaldaqstant,

naħseb tkun inizjattiva tajba jekk l-għalliema jużaw u jaddataw dawn il-lezzjonijiet imħejjija minni waqt il-lezzjonijiet tagħhom u juru l-effettività tagħhom. Tista' ssir analiżi ta' dak kollu li jkun twettaq fi klassijiet differenti.

### 4.4 Uħud mil-limitazzjonijiet ta' din il-proposta

L-ewwel diffikultà li affaċċjajt f'dan l-istudju kienet kif kelli nsawwar proġett marbut mat-tema tal-festa peress li ftit huma dawk l-istudji li ffukaw fuq it-tema tal-festa bħala għodda pedagoġika. Għalhekk, biex ksibt ideat varji, kelli nfittex minn sorsi differenti u dawn għenuni biex stajt nippreżenta dan ix-xogħol.

Għalkemm dan l-istudju saħaq li l-festi għandhom ikunu parti mill-organizzazzjoni kurrikulari, hemm diversi karatteristiċi marbutin mal-festi Maltin li xtaqt indaħħalhom fl-unità didattika. Sfortunatament kelli nħallihom barra peress li t-tema tal-festa toffri baħar ta' informazzjoni u ma jistax ikun li ndaħħal kollox f'unità didattika waħda. B'hekk, ippruvajt nagħżel l-aktar karatteristiċi tal-festa li jolqtu direttament liż-żgħażagħ Maltin tas-sekondarja. Għalkemm jien dilettant tal-festa Maltija, xorta waħda kelli nirriċerka fuq it-tradizzjonijiet u l-folklor u t-tifsiriet li huma marbuta mal-festi.

Diffikultà oħra kienet li mhux dejjem sibt il-materjal li ridt nuża u għalhekk kelli nfittex xi ħaġa oħra li nista' nuża. Pereżempju kienet ta' problema biex sibt innu miktub minn poeta reċenti li mhuwiex daqshekk popolari. Waqt li kont qiegħed nippjana l-lezzjonijiet kien hemm drabi fejn ma sibtx mill-ewwel l-istampi, il-kuluri u l-isfond li xtaqt. Għalhekk iddedikajt ammont ta' ħin sabiex il-materjal seta' ġie ppreżentat bil-kwalità u bil-livell li ridtu jiġi ppreżentat.

## 4.5 L-għeluq ta' dan l-istudju

Dan l-istudju għenni biex nikber kemm bħala riċerkatur kif ukoll bħala għalliem prospettiv tal-Malti. F'din ir-riċerka indikajt kif l-għalliema tal-Malti jistgħu jagħmlu użu mit-tema tal-festa bħala għodda pedagoġika. Il-festi Maltin m'għandhomx jitqiesu biss bħala wirt kulturali importanti, imma għandu jkollhom post fil-klassijiet tal-Malti. Għalhekk nixtieq li dan il-proġett jitħaddem minn bosta għalliema tal-Malti fil-lezzjonijiet tagħhom biex l-istudenti jagħrfu s-sbuħija li jafu joffru l-festi Maltin.

L-iskejjel għandhom jgħinu lill-istudenti Maltin jiffamiljarizzaw ruħhom ma' dak li toħloq il-ħajja Maltija. It-tema tal-festi għandha tqanqal lill-għalliema biex jidħlu fid-dettall u jippjanaw għadd sabiħ ta' lezzjonijiet u juru lill-istudenti li huma għandhom ikunu dawk in-nies li jgħaddu l-kultura tal-festi lill-ġenerazzjonijiet ta' warajhom. Din tista' ssir billi l-istudenti jiġu mgħarrfa li din it-tradizzjoni tmur lura aktar mill-1860, peress li f'din is-sena twaqqfet il-Banda De Rohan, l-ewwel waħda f'Malta, u b'hekk, bħalma l-antenati tagħna għaddew din it-tradizzjoni antika lilna, huma għandhom ikomplu dan iċ-ċiklu. Minbarra dan l-għarfien kulturali u reliġjuż, l-istudenti għandhom jaslu biex ikollhom ukoll kuxjenza kritika tal-festi. It-tema tal-festa waqt il-lezzjonijiet tal-Malti, kif ġiet ippreżentata f'din l-unità didattika, tasal biex twassal għarfien letterarju u lingwistiku lill-istudenti.

Permezz ta' dan l-istudju nista' nħares lura u ngħid li rnexxieli nilħaq l-ambizzjonijiet tiegħi. Għalkemm dan il-vjaġġ wasal lejn l-aħħar, inħoss li bis-saħħa tiegħu nista' nibda l-vjaġġ il-ġdid bħala għalliem tal-Malti u nispera li bħalma l-għalliema tiegħi tal-passat nibtu fija dik iż-żerriegħa li bis-saħħa tagħhom wasalt sa hawn, jien ukoll nispira u nħajjar xi studenti li 'l quddiem inkunu kollegi billi jagħżlu l-istess professjoni li għażilt jien.

Minbarra li ngħallem il-Malti lill-istudenti, nixtieq inħeġġiġhom japprezzaw dak kollu li hu Malti, fosthom dak li għandu x'jaqsam mal-festi Maltin. Għalhekk nixtieq li kull min qiegħed jaqra din ir-riċerka ngħinu jħossu kburi b'dan il-patrimonju Malti u meta toqrob il-ġimgħa tal-festa kulħadd iħoss l-istess sentiment li juri John Laus fil-kanzunetta *Viva l-Festa Tagħna* meta jgħid:

*Il-familji bi ħġarhom*

*Kollha jgħajtu flimkien*

*Festa aħjar minn tagħna*

*Żgur li ma hawn imkien!*

# Il-lista ta' referenzi


Aquilina, J. (1987). *Maltese-English Dictionary: Volume 1 A-L.* Malta: Midsea Books.

Al Jaber, A.O. & Elayyan, H.O. (2018). *Toward Quality Assurance and Excellence in Higher Education.* Gistrup: River Publishers.

Attard, S. (2012). *Il-Gżejjer Maltin Joħolmu fil-Leġġendi...Proposta Pedagoġika għat-Tisħiħ tal-Esperjenza Letterarja.* Teżi mhux ippubblikata tal-B.Ed. (bl-Unuri), Malta: L-Università ta' Malta.

Azzopardi, C. (2011). *2.mt.* Malta: Merlin Publishers.

Bakhurst, D. & Shanker, S. G. (ed.) (2001). *Jerome Bruner: Language, Culture, Self.* London, Thousand Oaks & New Delhi: SAGE Publications.

Bendixen, T. (2010). *Managing Art: An Introduciton into Principles and Conceptions.* Berlin: LIT Verlag Publishing.

Betcher, C. & Lee, M. (2009). *The Interactive Whiteboard Revolution.* Camberwell, Victoria: ACER Press.

Bochner, S & Jones, J. (2005). *Child Language Development Learning to Talk. Second Edition.* London: Whurr Publishers Ltd.

Borg, G. P. (1995) Oriġini u pika tal-festi fil-Gudja. *Programm festa ġieħ il-Madonna tar-Rużarju,* Il-Gudja, pp. 35-39.

Borg, P. P. (2001). *Snajja' u Xogħol il-Maltin* (it-tieni volum). Malta: Publishers Enterprises Group.

Bronfenbrenner, U. (1989). *Annals of Child Development.* Boston, MA: JAI Press.

Brookhart, S.M. (2010). *Exploring Formative Assessment.* Alexandria: Association for Supervision & Curriculum Development.

Brown, A. L. (1994) The Advancement of Learning. *Educational Researcher.* 23(8): 4-12.

Brumfit, C. (2001). *Individual Freedom in Language Teaching: Helping Learners to Develop a Dialect of their Own.* Oxford: Oxford University Press.

Brumfit, C. (1986). *The Basis Of A Communicative Methodology in Language Teaching.* Teżi mhux ippubblikata tal-PhD fil-Filosofija, London: University of London Institute of Education.

Bruner, J. S. (1966). *Toward a Theory of Instruction*. Cambridge: Harvard University Press.

Byram, M. (2000). Assessing Intercultural Competence in Language Teaching. *Sprogforum, 18(6),* 8-13.

Byram, M. (1989) *Cultural Studies in Foreign Language Education.* Clevedon: Multilingual Matters.

Byram, M. & Grundy, P. (2003). *Context and Culture in Language Teaching and Learning.* Clevedon, Buffalo: Mutilingual Matters.

Byram, M. & Morgan, C. (1994) *Teaching-and-Learning Language-and-Culture.* Bristol: Multilingual Matters.

Cambridge Assessment International Education (2020). *Syllabus Cambridge O Level English Language 1123.* Cambridge: UCLES.

Camilleri, O. & Scicluna, K. (2001) *Proposti għat-Tagħlim tal-Kultura fis-Sekondarja*, Teżi mhix ippubblikata tal-B.Ed. (bl-Unuri), Malta: L-Università ta' Malta.

Camilleri Grima, A. (2002) *How Strange! The Use of Anecdotes in the Development of Intercultural Competence*. Strasbourg: Council of Europe.

Camilleri Grima, A. (2020). *Bil-Kelma t-Tajba. Prinċipji u Kreattività fil-Pedagoġija tal-Lingwa.* Malta: Klabb Kotba Maltin.

Candelier, M., Camilleri Grima, A., Vèronique Castellotti, De Pietro, J-F., Lorincz, I., Meissner, F-J., Noguerol, A. & Shroder-Sura, A. (2012) *FREPA: A Framework of Reference for Pluralistic Approaches to Languages and Cultures.* Graz: Council of Europe/ European Centre for Modern Languages.

Cannon, R. & Newble, D. (2000). *A Handbook for Teachers in Universities and Colleges. A Guide to Improving Teaching Methods.* London: Kogan Page.

Cappellini, M. (2005). *Balancing Reading & Language Learning.* Portsmouth: Stenhouse Publishers.

Cassar Pullicino, Ġ. (2005). Il-festi Maltin u l-folklor. *Programm tal-Festa San Ġużepp*, L-Imsida, pp. 32-35.

Chambliss. J.J. (2015). *Philosophy of Education: An Encylopedia.* London: Routledge.

Chandra, S.S. & Sharma, R.K. (2004). *Principles of Education.* New Delhi: Atlantic Publishers & Distributions.

Chomsky, N. (2002). *On Nature and Language.* Cambridge: Cambridge University Press.

Cole, R.W. (2008). *Educating Everybody's Children: Diverse Teaching Strategies for Diverse Leaners.* Alexandria: ASCD.

Collie, J. & Slater, S. (2007). *Literature in the Language Classroom: A Resource Book of Ideas and Activities.* Cambridge: Cambridge University Press.

Council of Europe. (2020). *Common European Framework of Reference for Languages: Learning, Teaching, Assessment.* Strasbourg: Council of Europe Publishing.

Crystal, D. (1995). *The Cambridge Encyclopedia of the English Language.* Cambridge: Cambridge University Press.

Cutajar, T.C. (1985) *Il-Ġojjin. Ir-raba' ktieb.* Malta: Gutenberg Press.

Dash, N. & Dash, M. (2007) *Teaching English as an Additional Language*. New Delhi: Atlantic Publishers & Distributors.

Day, C., Fernandez, A., Hauge, T.E. & Møller, J. (2000). *The Life and Work of Teachers. International Perspectives in Changing Times.* London & New York: Falmer Press.

deBettencourt, L.U. & Howard, L.A. (2007). *The Effective Special Education Teacher. A Practical Guide for Success.* Illinois: Waveland Press.

Dewey, J. (2007). *Experience and Education.* New York: Touchstone.

Dewey, J. (2004). *Democracy and Education.* Mineola: Dover.

Dipartiment tal-Edukazzjoni. (1989) *Id-Denfil 2.* Malta: Id-Dipartiment tal-Edukazzjoni.

Dipartiment tal-Edukazzjoni. (1985) *Id-Denfil 5.* Malta: Id-Dipartiment tal-Edukazzjoni.

Dipartiment tal-Kurrikulu. (2016). *L-Istudji Soċjali. Sillabu għat-Tielet u r-Raba' Klassi Sekondarja (Ġenerali u Option).* Malta: Id-Direttorat għal Kwalità u Standards fl-Edukazzjoni.

Direttorat għall-Kwalità u l-Istandards fl-Edukazzjoni, (2015). *Gwida Għall-Edukaturi Fuq Il-Pedagoġija U L-Assessjar. L-Użu Tal-Approach Li Jiffoka Fuq Il-Kisbiet Mit-Tagħlim.* Malta: Direttorat għall-Kwalità u l-Istandards fl-Edukazzjoni.

Direttorat għall-Programmi ta' Tagħlim u Assessjar. (2018). *Sillabu Storja Ġenerali Għall-Għaxar Sena (2018-2021).* Malta: Dipartiment tal-Istorja.

Droogers, A. (2012). *Play and Power in Religion: Collected Essays.* Berlin/Boston: De Gruyter.

Eco, U. (1986). *Semiotics and the Philosophy of Language.* Bloomington: Indiana University Press.

Ediger, M. (2003). *Philosophy and Curriculum.* New Delhi: Discovery Publishing House.

Educational Department, (2014). *National Curriculum in England: English Programmes of Study.* https://www.gov.uk/government/publications/national-curriculum-in-england-english-programmes-of-study/national-curriculum-in-england-english-programmes-of-study. Aċċessata fit-2 ta' Mejju 2021.

Ensign, A. (2020). *French Traditions and Culture.* https://www.familysearch.org/blog/en/french-culture-traditions/ Aċċessata fit-13 ta' Awwissu 2021.

Falzon, G. (2022). 'Il-patrimonju tal-festi se jerġgħu jagħtu ħajja lil pajjiżna' *'TVMnews'.* Misjub f'dan is-sit elettroniku: https://tvmnews.mt/news/il-patrimonju-tal-festi-se-jergghu-jaghtu-hajja-lil-pajjizna/ Aċċessata fid-29 ta' Jannar 2022.

Farrugia, C. (2011). *Il-Festi: Kultura u Identità.* Malta: Soċjetà Mużikali Madonna tal-Ġilju.

Fowler, C. (2001). *The Promising Potential Strong Arts, and Shortsighted Disregard Strong Schools of the Arts in American Schooling.* Oxford: Oxford University Press.

Freeman, R. & Lewis, R. (2004). *Planning and Implementing Assessment.* London: RoutledgeFalmer.

Freire, P. & Macedo, D. (ed.). (2005). *Literacy: Reading the Word and the World.* London: Routledge.

Freire, P. (2000). *Pedagogy of the Oppressed.* (it-3et edizzjoni). New York & London: Continuum.

Frey, N., Fisher, D. & Gonzalez, A. (2013). *Teaching with Tablets. How do I Integrate Tablets with Effective Instruction?* Alexandria, Virginia: ASCD Arias.

Friggieri, O. (2010). *Dizzjunarju ta' Termini Letterarji: Teorija, Metrika, Stilistika b'Eżempji mil-Letteratura Maltija.* Malta: Klabb Kotba Maltin.

Friggieri, O. (1988). L-aspett soċjali tal-festa Maltija. *Programm tal-Festa San Ġużepp*, L-Imsida, pp 17-18.

Friggieri, O. (2010). *Stejjer Għal Qabel Jidlam.* Malta: Klabb Kotba Maltin.

Gagnon, G.W. & Collay, M. (2001). *Designing for Learning: Six Elements in Constructivist Classrooms.* California: Corwin Press.

Gauci Cunningham, A. (2017). 'Il-Ġimgħa tal-Festa: 'Il-festi Maltin għandhom jibqgħu dejjem tan-nies' *'Illum'.* Misjub fis-sit elettroniku: https://www.illum.com.mt/ahbarijiet/socjali/49989/ilimga_talfesta__ilfesti_maltin_gandhom_jibqgu_dejjem_tannies#.Ydv1p_7MLcs. Aċċessata fil-15 ta' Jannar 2022.

Giles, R. & Grech, R. (2011). *It-Tagħlim tal-Ħiliet tal-Lingwa Permezz ta' Taqbiliet Maltin.* Teżi mhux ippubblikata tal-B.Ed. (bl-Unuri), Malta: L-Università ta' Malta.

Gong, T. (2010). 'Exploring the Roles of Major Forms of Cultural Transmission in Language Evolution', F'W.Tecumseh Fitch (ed.) *The Evolution of Language.* Cambridge: Cambridge University Press.

Grech D. (2012). *Ġejjin bid-Daqq! It-Tema tal-Mużika fil-Proġett tal-Malti fl-Ewwel Erba' Snin tal-Iskola Sekondarja.* Teżi mhux ippubblikata tal-B.Ed. (bl-Unuri), Malta: L-Università ta' Malta.

Green, S. (2020) *Scaffolding Academic Literacy with Low-Proficiency Users of English.* Camden: Palgrave Macmillan.

Grossberg, L. & Radway, J. (2005). *Cultural Studies* (It-tmien vol.). Milton Park: Routledge.

Haas, M. (2000). *Thematic, Communicative Language Teaching in the K-8 Classroom.* Washington: ERIC Clearinghouse on Languages and Linguistics.

Haber, L.M. (2013). *Il-Perjodu Ingliż mis-Sette Giugno sal-Ħelsien: Proġett Tematiku tal-Esperjenza Letterarja fir-Raba' Klassi tas-Sekondarja.* Teżi mhux ippubblikata tal-B.Ed. (bl-Unuri), Malta: L-Università ta' Malta.

Hatami, M., & Asl, H. D. (2017). The Reading Strategies Used by EFL Students: A Case of Iranian Advanced English Language Learners. *Journal of Language Teaching and Research*, 8 (6), 1223-1228.

Howard, J. & McInnes, K. (2013). *The Essence of Play: A Practice Companion for Professionals Working with Children and Young People.* London: Routledge.

Id-Dipartiment tal-Kurrikulu, (b. d.) *Malti: Sillabu tal-Iskejjel Primarji*. Malta: Id-Dipartiment tal-Kurrikulu.

Jandt, F.E. (1988) *Intercultural Communication: An Introduction*. London: Sage.

Johnson, G. & Rinvolucri, M. (2010) *Culture is our classrooms: teaching language through cultural content.* Surrey: Delta Publishing Company.

Johnson, L. & Morris, P. (2010). Towards a Framework for Critical Citezenship Education. *The Curriculum Journal,* 21 (1), 77-96.

Kelen, C. & Sundmark, B. (2017). *Child Autonomy and Child Governance in Children's Literature. Where Children Rule.* New York and London: Routledge.

Kelly, A.V. (1999). *The Curriculum: Theory and Practice. (*ir-raba' edizzjoni) Los Angeles: SAGE.

Kelly, A.V. (2009). *The Curriculum: Theory and Practice.* (is-sitt edizzjoni). Los Angeles: SAGE.

Kerry, T. (2002). *Learning Objectives, Task-setting and Differentiation.* Cheltenham: Nelson Thornes Ltd.

Killen, R. (2007). *Teaching Strategies for Outcomes-based Education. Second Edition*. Cape Town: JUTA.

Klenowski, V. (2002). *Developing Portfolios for Learning and Assessment: Processes and Principles.* London: RoutledgeFalmer.

Knight, P.T. & Yorke, M. (2003). *The Undergraduate Curriculum and Employability.* New York: Learning and Teaching Support Network.

Kramsch, C. (2003) *Language and Culture.* Oxford: Oxford University Press.

Krashen, S. D., & Terrell, T. D. (1998). *The Natural Approach: Language Acquisition in the Classroom.* New York: Prentice Hall Europe.

Kummissjoni Interdjoċesana Ambjent (2011). *In-Nisrani Qalb L-Istorbju.* Malta: L-Arċidjoċesi ta' Malta.

Kummissjoni Kateketika Nazzjonali. (b.d). *Is-Sillabu tat-Tielet Sena tas-Sekondarja tal-Edukazzjoni Reliġjuża.* Malta: Kummissjoni Kateketika Nazzjonali.

Lawton, D. (2012). *Class, Culture and the Curriculum.* London: Routledge.

Lepine, D. (2006). ‘Individuals and societies’. F’T.Pound (ed.), *The International Baccalaureate Diploma Programme.* London & New York: Routledge.

Ma, Y. (2018) *Chinese Culture Teaching in Chinese Language Classes. Problems and Challenges of Teaching Culture Through Language.* Teżi mhux ippubblikata tal-Maġisteru fl-Edukazzjoni, Munich: Grin.

MATSEC (2011). *Bejn Ħaltejn. Antoloġija għal-Letteratura fil-Livell taċ-Ċertifikat għall-Edukazzjoni Sekondarja.* Malta: Malta University Publishing.

MATSEC (2022). *ĊES 22 Sillabu: Il-Malti 2025.* Malta: L-Università ta’ Malta.

McCain, T. (2005). *Teaching for Tomorrow: Teaching Content and Problem-solving Skills.* California: Corwin Press.

Mifsud Chircop, Ġ. (2000). Il-kultura u l-lingwa. Il-Malti, 74, (1), 99-101.

Ministère  Èducation Nationàle (2010). *Files on School Education: School Education in France.* Franza: Ministère  Èducation Nationàle.

Ministero dell’Istruzione, Dell’Università E Della Ricerca (2016). *Curricolo d’Istituto: Scuola Secondaria di Secondo Grado.* Puglia, l-Italja: LICEO.

Ministeru tal-Edukazzjoni u x-Xogħol (2012). *A National Curriculum Framework for All.* Malta: Il-Ministeru tal-Edukazzjoni u x-Xogħol.

Ministeru għall-Edukazzjoni u għax-Xogħol (2015). *Gwida Għall-Edukaturi Fuq il-Pedagoġija u l-Assessjar. L-użu Tal-Approach Li Jiffoka Fuq il-Kisbiet Mit-Tagħlim.* Malta: Il-Ministeru tal-Edukazzjoni.

Ministeru tal-Edukazzjoni u x-Xogħol (2014). *L-Istrateġija Nazzjonali tal-Litteriżmu Għal Kulħadd f’Malta u Għawdex.* Malta: Il-Ministeru tal-Edukazzjoni.

Mistraver. (2016). *Teachers & Teaching, Culture & Community.* Minn 'Miss Tarver'. https://misstarver.wordpress.com/2016/09/29/teachers-teaching-culture-community/. Aċċessata fit-12 ta' Frar 2022.

Moon, B., Shelton Mayes, A., & Hutchinson, S. (ed.), (2002). *Teaching, Learning and the Curriculum in Secondary Schools.* London: RoutledgeFalmer.

Muscat, C. (2011). *Żewġ Studji ta' Awtur: Carmel G. Cauchi u Charles Casha.* Teżi mhux ippubblikata tal-B.Ed. (bl-Unuri), Malta: L-Università ta' Malta.

Nahum-Claudel, C. (2016). *Feasting.* *https://www.anthroencyclopedia.com/entry/feasting#:~:text=Feasts%20are%20special%20meals%20(food,an%20enlarged%20circle%20of%20people.&text=In%20socio%2Dcultural%20anthropology%20by,defined%20phenomenon%20does%20not%20exist.* Aċċessata fl-10 ta' Mejju 2021.

Nind, M., Rix, J., Sheehy, K. & Simmons, K. (ed.), (2005). *Curriculum and Pedagogy in Inclusive Education.* London u New York: RoutledgeFalmer.

Nunan, D. (2002). *Syllabus Design.* Oxford: Oxford University Press.

Pinar, W.F. (2004). *What is Curriculum Theory?* Mahwah, NJ: Lawrence Erlbaum Associates.

Portelli, T. & Camilleri Grima, A. (2001) 'Il-Kultura', F'A. Camilleri Grima (ed.), *Skaluni għat-Tagħlim tal-Malti fis-Sekondarja* (pp. 129-144), Malta: L-Istitut tal-Lingwistika u l-Għaqda tal-Għalliema tal-Malti.

Portelli, T. & Camilleri Grima, A. (2002) *Stedina għat-Tagħlim fis-Sekondarja*. Malta: Dyad Publications.

Portelli, T. (2020). *L-Esperjenza tat-Tagħlim: Tħejjija, Twettiq, Tgħarbil.* Malta: Horizons.

Post, P. (2001). Liturgical Movements and Feast Culture: A Dutch Research Program. F'P.Post, G.Rouwenhorst, L.Van Tongeren u A.Scheer (ed.) (2001). *Christian feast and festival: The Dynamics of Western Liturgy and Culture.* Leuven, Paris and Sterling: Peeters, pp. 3-43.

Reed, J., & Black, D.J. (2006). Toward a pedagogy of transformative teacher education: World educational links. *Multicultural Education,*14(2), 34-39.

Reiser, R.A. (2007). A history of instructional design and technology. F'R.A. Reiser, & J.V. Dempsey (dd.), *Trends and Issues in Instructional Design and Technology* . Upper Saddle River, NJ: Pearson.

Richards, J.C. & Farrel, T.S.C. (2005). *Professional Development for Language Teachers: Strategies for Teachers Learning.* Cambridge: Cambridge University Press.

Richards, J. C. & Rodgers, T. S. (2001). *Approaches and Methods in Language Teaching* (it-tieni edizzjoni). Cambridge: Cambridge University Press.

Riley, P. (2007) *Language, Culture and Identity: An Ethnolinguistic Perspective.* New York: Bloomsbury.

Rousseau, J.J. (2013). *Emile.* New York: Dover Publications.

Rusu, M.S. & Kantola, I. (2016). A time of meta-celebration: Celebrating the sociology of celebration. *Journal of Comparative Research in Anthropology and Sociology.* Romania: Univeristy of Bucharest.

Saliba, R. (2014). *Il-festi reliġjużi f'salib it-toroq*. L-Imnara, 10, (3), 47-48.

Scerri, M. (2014). Stejjer tal-Ħares u l-Waħx fil-Kultura Popolari Maltija tas-Seklu Dsatax kif Miġjuba minn Pietro Perolari-Malmignati. Fl-*Għaqda Maltija tal-Folklor*, L-Imnara: (L-għaxar volum). (pp. 34-42) Malta: BDL.

Schola Europaea (2017). *Is-Sillabu tal-Malti ONL – Snin Bikrin u Primarja.* Brussell: Schola Europaea.

Seiz, J., Voss, T. & Kunter, M. (2015). When Knowing is Not Enough – The Relevance of Teachers' Cognitive and Emotional Resources for Classroom Management. *Journal of EARLI,* 3 (1)*,* 55-77.

Shalinsky, A.C. (1985). *Studying Community Festivals.* Laramie: University of Wyoming.

Slaughter, T. (2009).*Creating a Successful Academic Climate for Urban Students,* 16-19. Alexandria: Association for Career and Technical Education.

Snowman, J. & McCown, R. (2015). *Pyschology Applied to Teaching.* (L-erbatax-il edizzjoni). Stanford: Cengage Learning.

Somerville Chambers, J. (2000). *World Party.* Evanston: The Rotarian.

Spiteri, C. (2013). *Niltaqgħu ma' Joe Friggieri: Studju t'Awtur għar-Raba' Sena fi Skola Sekondarja.* Teżi mhux ippubblikata tal-B.Ed. (bl-Unuri), Malta: L-Università ta' Malta.

Sue, D.W., Bernier, J. & Durran A. (ed.) (1982) *Cross-Cultural Counselling Competencies.* London: Sage.

Sue, S. (1998) In search of cultural competence in psychotherapy and counseling. *American Psychologist, 53(44), 440-448.*

Tomlinson, B. (ed.). (2014). *Developing Materials for Language Teaching* (It-tieni edizzjoni). London: Bloomsbury Academic.

Tomlinson, C.A. & Strickland, C.A. (2005), *Differentiated in Practice: A Resource Guide for Differentiating Curriculum, Grades 9-12.* Alexandria: ASCD.

Trilling, B. & Fadel, C. (2009). *21st Century Skills: Learning for Life in Our Times.* San Francisco: Jossey-Bass/Wiley.

Tuttle, H. G. (2009). *Formative Assessment. Responding to Your Students.* Larchmont: Eye on Education.

Tyler, R.W. (2011). Desirable content for a curriculum development syllabus today. The Tyler rationale reconsidered, F'B.D. Schultz (ed.), *Listening to and learning from students: Possibilities for teaching, learning and curriculum* (pp. 179-188). Charlotte, NC: Information Age Publishing.

Van Garderen, P. & Whittaker, C. (2006). Planning differentiated, multicultural instruction for secondary inclusive classrooms. *Teaching Exceptional Children, 38(3),* 12-20.

Varma, N. (2016). *Assessment of Speaking and Listening Skills.* New Delhi: New Saraswati House.

Vause, D. J. & Amberg, J. S. (2013). *Making Language Matter. Teaching Resources for Meeting the English Language Arts Common Core State Standards in Grades 9-12.* New York: Routledge.

Weimer, M. (2002). *Learner-centered Teaching.* San Francisco: Jossey-Bass.

Wiggins, G & McTighe, J. (2005). *Understanding by Design.* Alexandria: ASCD.

Wolraich, M.L., Drotar, D.D., Dworkin, P.H., Perrin, E.C. (2008). Missouri: Mosby.

Woolfolk, A. (2016). *Educational Psychology.* Essex: Pearson.

# Appendiċi A

# Id-dettalji ġenerali u

# l-pjan tal-lezzjonijiet

**L-għalliem:** Is-Sur Yurgen Sciberras

**L-isem tal-unità didattika:** Illum il-festa tagħna!

**Il-livell tal-istudenti:** L-istudenti tad-disa' sena (Form 3)

**Il-kompetenza tal-istudenti:** F'dan il-livell, l-istudenti mistennija jkunu jafu jaqraw testi u jwieġbu l-mistoqsijiet marbutin mat-test. B'rabta mal-kitba, għandhom ikunu jafu jiktbu kitbiet qosra maqsuma f'paragrafi. Għal din l-unità didattika, l-istudenti jridu jkunu kompetenti fit-taħdit billi jħaddmu lessiku speċjalizzat u jagħtu l-opinjoni tagħhom skont fatti miġbura. B'rabta mas-smigħ, l-istudenti jridu l-ġeneru ta' test li jisimgħuh b'mod intensiv filwaqt li jisiltu karatteristiċi ewlenin. L-istudenti mistennija wkoll ikollhom għarfien esperjenzali bażiku u ġenerali ta' x'inhi festa Maltija.

**Il-medda ta' żmien:** Bejn ħmistax u tliet ġimgħat. Idealment, din l-unità didattika ssir fil-bidu tas-sena, eżatt wara żmien il-festi waqt il-vaganzi (bejn Settembru u Ottubru), kif ukoll lejn l-aħħar tas-sena skolastika (bejn Mejju u Ġunju) peress li huwa ż-żmien fejn jibda l-istaġun tal-festi Maltin u l-istudenti jkunu jistgħu jirrelataw miegħu.

**L-għadd ta' lezzjonijiet:** Għaxar lezzjonijiet fejn l-aħħar lezzjoni se sservi bħala evalwar summattiv.

**Ir-rilevanza u l-ġustifikazzjoni:** Din l-unità didattika hija ta' siwi kulturali għoli għax se toffri vokabularju mifrux u taħlita ta' ġeneri. Il-festi huma esperjenza kulturali kruċjali fil-ħajja tal-Maltin li għandha valur lingwistiku, letterarju u mhux letterarju, u reliġjuż wkoll.

## Il-mistoqsijiet li se twieġeb din ir-riċerka:

- Kif jista' jinħoloq proġett kurrikulari bbażat fuq it-tema tal-festi Maltin?

- X'sehem għandhom il-festi fil-kultura Maltija?

- X'differenza hemm bejn festa esterna u dik interna?

## Rabta mal-kisbiet mit-tagħlim għall-Malti tal-iskejjel tal-istat:

K2 Nitkellem b'korrettezza u preċiżjoni, skont il-kuntest u l-udjenza.

K4 Nagħraf it-tifsira tal-kliem misjub f'test moqri.

K3 Nisma' test jew testi għal fehim fuq suġġetti, f'kuntesti jew sitwazzjonijiet differenti.

K9 Inħaddem Malti tajjeb biex nikteb ġeneri differenti għal udjenza u bi skopijiet differenti.

K8 Ninqeda bil-kitba biex nilħaq funzjonijiet komunikattivi varji.

K12 Napprezza l-funzjoni tat-tema/i f'testi letterarji.

K15 Napprezza l-poeżiji tal-poeta nazzjonali, Dun Karm Psaila.

## L-għanijiet ġenerali tal-unità didattika:

FST1 Jiksbu konsapevolezza tas-sehem tal-festi fil-kultura Maltija.

FST2 Jidentifikaw is-seba' partijiet li jsawru l-festa esterna.

FST3 Jidentifikaw il-karatteristiċi ewlenin ta' ġeneri b'rabta mal-festi bħalma huma l-programmi tal-festa esterna u l-programm vokali u strumentali.

FST4 Jagħrfu għadd ta' kittieba li kitbu xogħlijiet marbuta mal-festa Maltija.

FST5 Japprezzaw il-ħidma tal-għaqdiet jew aġenziji li jaħdmu favur il-festi Maltin.

FST6 Jiddistingwu bejn festa esterna u dik interna.

FST7 Jistħarrġu reġistru speċifiku marbut mal-festa.

FST8 Jidentifikaw l-importanza tal-festi Maltin fil-ħajja soċjali.

## Il-vokabolarju ġdid:

**Il-festa interna u purċissjoni:** abbatini, bankun, bradella, fratell, intaġġi, kleru, knisja parrokkjali, niċċa, pedestall, purċissjoni, puttin, raġġiera, relikwija, statwa, tarġa, translazzjoni, tridu.

**Il-banda:** alt horn, awfonju, baxx, brazz, briju, każin, klarinett, kurnu, leġiju, marċ, ornament, panew, perkussjoni, pilastru, preżentazzjoni, programm vokali u strumentali, rifondazzjoni, soprabank, sottobank, standard, surmast, trumbetta, trumbun.

**Il-logħob tan-nar:** ballun, beraq, ġiggifogu, kaxxa infernali, murtal, murtaletti, murtal bandieri, murtal tal-kulur, nar, sfiera.

**It-tiżjin ta' barra:** bandalora, disinn, fjamma, frenża, ġummiena, gallun, kontrapavaljun, labarda, liedna, pendent/patalott, skudett, żubrun,

**Ir-riżorsi:** Hemm riżorsi meħudin mir-realtà tal-festa fosthom innu tal-festa, stampi tal-festi u marċi tal-banda. Riżorsi oħra ssawru speċifikament biex issaħħaħ idea isbaħ tal-festa, fosthom: il-preżentazzjonijiet, il-karti tat-taħriġ, u n-noti. Xi attivitajiet huma maħsubin biex l-istudenti 'jgħixu' mill-ġdid l-esperjenza tal-festa u jikkritikaw xi elementi minnha. Xi attivitajiet jitolbu eżerċizzji, qari u teknoloġija. Din l-unità didattika tinkludi attivitajiet li jsiru b'mod individwali, bejn tnejn, fi gruppi jew fi klassi.

**L-Iddifferenzjar:** F'kull lezzjoni hemm addattament ta' kontenut u/jew proċess tat-tagħlim biex jintlaħqu kemm jista' jkun studenti.

**Il-proċessi ta' assessjar formattiv:** Attivitajiet li jinvolvu riflessjoni tal-istudenti matul xi lezzjonijiet. Permezz ta' dawn l-attivitajiet l-istudenti jkunu jistgħu jirċievu jew jagħtu feedback biex itejbu x-xogħol f'kuntest.

**Il-proċessi ta' evalwar summattiv:**

L-evalwar li se jintuża f'din l-unità didattika se jkun forma ta' test maqsum fi tliet partijiet. Fl-ewwel parti l-istudenti se jkollhom avviż b'xi mistoqsijiet marbuta miegħu, fit-tieni parti se jkollhom mistoqsijiet marbutin mar-reġistru ġdid li tgħallmu matul din l-unità didattika, u fl-aħħar parti se jkollhom kitba qasira.

## *L-ewwel lezzjoni: Insiru Midħla mal-Festi Maltin*

**Il-qasam tal-lingwa:** Il-kultura

**L-iskaluna:** 8.2.1 Jieħdu sehem f'dibattitu dwar l-identità Maltija

**L-għanijiet:** Sa tmiem din il-lezzjoni l-istudenti se:

- Jiddiskutu l-importanza tal-festi fil-kultura Maltija; u
- Jiksbu għarfien ġdid reletat mal-mod ta' kif jiġu ċċelebrati l-festi fl-ibliet u l-irħula Maltin.

**Ir-riżorsi:** Filmat, artiklu online, bord interattiv u żewġ karti tat-taħriġ

**Il-ftuħ:** L-istudenti se jaraw filmat qasir ta' 30 sekonda minn din il-ħolqa: https://www.youtube.com/watch?v=7-T6vIs24gM. Dan il-filmat juri l-karatteristiċi ewlenin tal-festa Maltija. Hekk kif jaraw il-filmat, l-istudenti se jiġu mistoqsija:

- Fuq xiex jittratta dan il-filmat?
- Hawn min hu dilettant tal-festi Maltin?
- X'patrun/a tiċċelebraw fil-belt/raħal tagħkom?

**L-ewwel pass:** L-għalliem se jaqsam lill-istudenti f'erba' gruppi. L-għalliem jilħaq juri artiklu fuq il-bord interattiv u wara jiffoka biss fuq it-titlu, 'Il-Festa: Tradizzjonijiet u kurżitajiet fil-festi Maltin' misjub f'din il-ħolqa:

https://www.illum.com.mt/kultura/divertiment/52880/ilfesta__tradizzjonijiet_u_kuritajiet_filfesti_maltin#.YVlw_5ozbIU

**It-tieni pass:** Kull grupp se jirċievi karta tat-taħriġ fejn fiha se jkunu mitlubin jiktbu l-karatteristiċi tal-festa tar-raħal jew tal-belt tagħhom. Wara se jitlob lil uħud mill-

istudenti biex jgħidulu xi kliem li kitbu marbut mal-festi Maltin. Il-kliem li se jgħidulu se jinkiteb fuq il-whiteboard. L-istudenti mistennija jgħidu dan il-kliem: briju, marċi, purċissjonijiet, każini u nar.

**It-tielet pass:** L-għalliem se jaqra partijiet mill-artiklu li jittrattaw il-festa b'mod ġenerali. Fl-isfond se jindaqq l-innu marċ ta' Santa Marija: https://www.youtube.com/watch?v=dlu4ir9mv_0

**Ir-raba' pass:** Wara l-qari, l-għalliem se jaqsam il-bord f'żewġ kolonni. Fl-ewwel kolonna kull grupp irid isemmi żewġ punti li kienu diġà jafuhom b'rabta mal-festi Maltin. B'dal-mod, irid ikun hemm tmien punti. Fit-tieni kolonna, il-gruppi jridu jsemmu żewġ punti ġodda li jkunu tgħallmu.

**Il-ħames pass:** Permezz tal-preżentazzjoni, l-għalliem se juri erba' mistoqsijiet; waħda għal kull grupp. L-istudenti se jkollhom ħames minuti ċans biex jiddiskutu l-mistoqsija u, jekk iridu, jistgħu jiktbu l-ideat tagħhom fuq foolscap biex ikunu jistgħu jirreferu għalihom waqt li jitkellmu quddiem sħabhom.

**Is-sitt pass:** Wara li kull grupp jiddiskuti l-mistoqsija abbinata mal-grupp tiegħu, l-għalliem jitlob biex student minn kull grupp jiġi ħdejh biex jifformaw forma ta' panel. B'hekk ikun hemm erba' kelliema. F'dal-punt, il-kelliema jistgħu jagħmlu referenza għall-foolscap fejn fiha jkun hemm il-punti prinċipali li ddiskutew fil-grupp. F'din id-diskussjoni f'panel se jkun l-għalliem stess li jmexxi d-diskussjoni. F'din il-parti jridu joħorġu żewġ punti ewlenin: il-festi Maltin u r-reliġjon huma żewġ elementi kulturali importanti għall-Maltin.

**Is-seba' pass:** L-għalliem, permezz tal-preżentazzjoni, se jurihom żewġ kolonni biex jgħaqqdu kolonna A ma' kolonna B. Fl-islajd ta' wara, l-istudenti se jaraw il-punti magħquda. Wara din l-attività, l-istudenti se jintalbu jmorru lura f'posthom.

**L-għeluq:** L-għalliem jagħtihom karta u l-istudenti jridu jiktbu erba' punti li tgħallmu waqt din il-lezzjoni. Il-karta se jiġborha mill-ġdid l-għalliem.

**Ix-xogħol fil-klassi:** L-istudenti se jikbu l-karatteristiċi tal-festa tar-raħal jew tal-belt tagħhom u fl-aħħar tal-lezzjoni jiktbu erba' punti li tgħallmu b'rabta mal-festi Maltin.

**Iddifferenzjar:** Id-diskussjoni tista' ssir mal-klassi kollha u minflok joħorġu erba' kelliema, kull studenti jintalab biex jgħid punt wieħed b'rabta ma' dak li jkun qed jingħad fil-klassi.


* Mistoqsijiet għad-diskussjoni:
❖Grupp A: F'dan l-artiklu naraw ir-rabta li hemm bejn il-poplu Malti u r-reliġjon. Skontok, fl-2021 ir-reliġjon Kattolika għadha b'saħħitha fil-kultura Maltija? Għaliex?
❖Grupp B: B'mezz ta' qima lejn il-qaddisin, il-Maltin jagħmlu diversi purċissjonijiet speċjalment fit-tliet xhur tas-sajf. Taqbel li l-festi Maltin huma parti mill-kultura Maltija? Għaliex?


* Mistoqsijiet għad-diskussjoni:
❖Grupp Ċ: Taqbel li l-irħula u l-ibliet Maltin huma kollha assoċjati ma' patrun jew patruna? Għaliex?
❖Grupp D: Taqbel li l-festi Malti jiġu ċċelebrati b'żewġ modi, jiġifieri permezz tal-festa interna u l-festa esterna? Għaliex?


* Għaqqdu kolonna A ma' kolonna B
Għall-bidu l-istatwi kienu
Il-festi huma magħmulin mill-festi interni
Hemm diversi elementi li jispikkaw fil-festi esterni
Id-damask jintuża biex iżejjen il-knejjes minn ġewwa
Il-festi huma marbuta mal-ġżejjer Maltin,
fosthom il-baned, in-nar tal-art u tal-ajru.
waqt li l-pavaljuni, il-bandalori u l-liedna jintużaw biex iżejnu t-toroq tal-irħula u l-ibliet.
jsiru mill-kartapesta.
u mill-festi esterni.
fil-fatt jiġu diversi turisti biex japprezzaw dawn l-avvenimenti kulturali.


*Il-Festi Maltin
*Għall-bidu l-istatwi kienu jsiru mill-kartapesta.
*Il-festi huma magħmulin mill-festi interni u mill-festi esterni.
*Hemm diversi elementi li jispikkaw fil-festi esterni fosthom il-baned, in-nar tal-art u tal-ajru.
*Id-damask jintuża biex iżejjen il-knejjes minn ġewwa waqt li l-pavaljuni, il-bandalori u l-liedna jintużaw biex iżejnu t-toroq tal-irħula u l-ibliet.
*Il-festi huma marbuta mal-ġżejjer Maltin, fil-fatt jiġu diversi turisti biex japprezzaw dawn l-avvenimenti kulturali.

L-isem: ______________________ Id-data: ____________________ Il-klassi: _________

# IKTEB ĦAMES PUNTI FUQ IL-FESTA TAR-RAĦAL

IL-FESTA TAR-RAĦAL



① ____________

② ____________



③ ____________

④ ____________

⑤ ____________





Ikteb erba' affarijiet ġodda li tgħallimt fuq il-festi Maltin.

1 ______________________________

______________________________

2 ______________________________

______________________________

3 ______________________________

______________________________

4 ______________________________

______________________________

## *It-tieni lezzjoni: Il-Programm tal-Festa Esterna*

**Il-ħila tal-lingwa:** Il-qari

**L-iskaluna:** 3.2.1 Iwessgħu l-firxa ta' reġistri u l-ġeneri għall-ksib tal-informazzjoni

**Il-kisba:** K4 Nagħraf it-tifsira tal-kliem misjub f'test moqri

**L-għanijiet:** Sa tmiem din il-lezzjoni l-istudenti se:

- Jidentifikaw żewġ karatteristiċi marbuta mal-ġeneru tal-programm tal-festa esterna; u

- Jispeċifikaw is-seba' partijiet ewlenin tal-festa esterna.

**Ir-riżorsi:** Logħba online, filmat minn YouTube, preżentazzjoni, programm tal-festa esterna, karta tat-taħriġ

**Il-ftuħ:** Fil-bidu tal-lezzjoni, l-istudenti se jintalbu jaqtgħu l-kelma misterjuża, li f'dal-każ se tkun 'Festa Esterna'. Din il-logħba se tintlagħab fuq il-whiteboard. Bħala għajnuna, l-għalliem se jurihom stampa b'rabta mal-festi.

**L-ewwel pass:** Permezz tal-preżentazzjoni, l-istudenti se jaraw ħames stampi u huma jridu jagħżlu dawk l-istampi li huma marbuta mal-festa esterna.

**It-tieni pass:** L-istudenti se jirċievu kopja tal-programm tal-festi ta' barra meħud mill-programm tal-festa ta' Santa Marija ta' Ħ'Attard tal-2013. L-istess programm se jidher fil-preżentazzjoni.

**It-tielet pass:** L-istudenti se jintalbu biex jiffukaw fuq il-kliem miktub bil-vjola. F'dal-pass, l-għalliem se jgħidilhom il-kronoloġija tal-festa esterna u jispjegalhom li l-festa tinqasam f'seba' partijiet ewlenin.

**Ir-raba' pass:** L-għalliem se jgħid lill-istudenti biex iħarsu lejn il-kliem li hemm fil-programm u jintalbu jgħidulu x'hemm komuni għal kull jum. L-istudenti mistennija jaslu għall-konklużjoni li kull filgħodu jkun hemm il-ħruq ta' murtali u murtaletti.

**Il-ħames pass:** Permezz ta' filmat minn YouTube, l-għalliem se jurihom x'inhuma l-ħruq tal-murtali u l-murtaletti li jinħarqu kull filgħodu. Din hija l-ħolqa li se tintuża f'dal-pass: https://www.youtube.com/watch?v=OD_o3woXJnQ

**Is-sitt pass:** L-istudenti se jerġgħu jintalbu jagħmlu referenza għall-programm tal-festa esterna u l-għalliem jispjega l-affarijiet prominenti li jiġru f'kull jum. F'dal-pass jinqraw partijiet differenti mill-programm.

**Is-seba' pass:** L-istudenti se jirċievu l-karta tat-taħriġ b'rabta mal-programm li tqassam fil-bidu tal-lezzjoni. L-għalliem se jagħti spjega tax-xogħol.

**L-għeluq:** Permezz ta' logħba online maħluqa mill-għalliem, se jintalab student wieħed biex jersaq ħdejn l-għalliem. L-istudent/a se jqiegħed f'ordni kronoloġika t-tqassim tal-festa esterna. Din hija l-ħolqa li se tintuża f'dal-pass: https://learningapps.org/display?v=pydgzd3b522

**Ix-xogħol għad-dar:** Il-karta tat-taħriġ.

**Iddifferenzjar:** It-tqassim tal-festa esterna jista' jsir f'żewġ lezzjonijiet. F'lezzjoni minnhom l-għalliema jiffukaw sat-tielet jum tat-tridu u fit-tieni lezzjoni jiddiskutu minn lejliet il-festa sax-xalata.

# IL-PROGRAMM TAL-FESTA ESTERNA

Is-Sur Y. Sciberras

## Aqta' l-kelma












**Il-Ħadd 28 ta' Lulju, 2013**
*Ħruġ tal-vara min-niċċa*
**12.30pm** - Ħruq ta' murtali, murtaletti u kaxxa infernali.

**Il-Ħadd 11 t'Awwissu, 2013**
*L-Ewwel Jum tat-Tridu*
**8.00am** - Ħruq ta' murtali u murtaletti
**12.00pm** - Ħruq ta' murtali u murtaletti
**8.30pm** - Il-banda tas-*Soċjeta` Mużikali La Stella Levantina – Banda Santa Marija* (Ħ'Attard) se ddoqq sett ta' marċi mat-toroq: Kbira, Mitħna, Linja, Ferrovija, Għenba, Sta. Katarina, Mosta, u tispiċċa ħdejn il-Każin tal-istess Soċjeta`.
**8.30pm** - Ħruq ta' murtali u murtaletti

**It-Tnejn 12 t'Awwissu 2013**
*It-Tieni Jum tat-Tridu*
**8.00am** - Ħruq ta' murtali u murtaletti
**12.00pm** - Ħruq ta' murtali u murtaletti
**8.00pm** - Attivita` Kulturali fiċ-Ċentru Parrokkjali.
**8.30pm** - Ħruq ta' murtali u murtaletti.

**It-Tlieta 13 t'Awwissu, 2013**
*It-Tielet Jum tat-Tridu*
**8.00am** - Ħruq ta' murtali u murtaletti
**12.00pm** - Ħruq ta' murtali u murtaletti
**9.00pm** - Il-banda tas-*Soċjeta` Mużikali La Stella Levantina – Banda Santa Marija* (Ħ'Attard) se ddoqq sett ta' marċi mat-toroq: Kbira; Mosta; A Dürer; Rużell; Mdina; Żebbuġ; Santa Marija u lura Triq il-Kbira sa ħdejn l-kazin tal-istess Soċjeta`.
**9.15pm** - Ħruq ta' murtali, murtaletti u kaxxa infernali

**L-Erbgħa 14 t'Awwissu, 2013**
*Lejliet l-Festa*
**9.30am** - Ħruq ta' murtali u murtaletti (Waqt it-*Te Deum*)
**12.00pm** - Ħruq ta' murtali u murtaletti
**6.30pm** - Translazzjoni Solenni tar-Relikwija tal-Madonna
Il-purċissjoni toħroġ mill-Knisja Parrokkjali bis-sehem tal-Fratelli, Abbatini u l-Kleru u tgħaddi mit-toroq: Kbira; San Duminku minn fejn tidħol għall-Kappella ta' Sant'Anna. Ir-relikwija tal-Madonna tittieħed proċessjonalment mill-kappella ta' Sant'Anna lura lejn il-Knisja Parrokkjali u tgħaddi mit-toroq: San Duminku u Mosta.
Matul l-purċissjoni bir-relikwija jsir ħruq ta' murtali, murtaletti u kaxxa.
**8.00pm** - Il-banda tas-*Soċjeta` Mużikali La Stella Levantina – Banda Santa Marija* (Ħ'Attard) se ddoqq sett ta' marċi mit-Triq Sant' Anton; Kbira sa ħdejn Misraħ Tumas Dingli, fejn l-istess banda se tesegwixxi programm vokali u strumentali bis-sehem tal-Kor ta' Romina Vella u s-solisti l-kantanta Ritienne.
**11.15pm** - Ħruq ta' ġiġġifogu mit-Triq Tumas Dingli, wara l-Knisja Parrokkjali, Ħ'Attard.

**Il-Ħamis 15 t'Awwissu, 2013**
*Jum il-Festa*
**8.00am** - Ħruq ta' murtali u murtaletti.
**11.00am** - Il-banda tas-*Soċjeta` Mużikali La Stella Levantina – Banda Santa Marija* (Ħ'Attard) se ddoqq sett ta' marċi mat-toroq: Kbira; Pjazzetta; Mosta; San Duminku; Mitħna; Sant'Anton u Kbira sa ħdejn l-Każin tal-istess Soċjeta`.
**12.00pm** - Ħruq ta' murtali u murtaletti.
**6.30pm** - Il-banda tas-*Soċjeta` Filarmonica Maria Mater Gratiae* (Ħaż-Żabbar) iddoqq marċi mat-toroq: Kbira (ma' Mdina); Sant' Anton; Mitħna; San Duminku; Mosta; Pjazzetta u tispiċċa ħdejn il-Knisja Parrokkjali, minn fejn jitkompla programm minn fuq il-planċier.
**7.15pm** - Ħruġ tal-vara ta' Santa Marija mill-Knisja Parrokkjali
Il-purċissjoni toħroġ mill-Knisja Parrokkjali bis-sehem tal-Kleru, Abbatini u l-Fratelli u tgħaddi mit-toroq: Kbira, Sant' Anton; Mitħna, San Duminku; Mosta u lura għall-Knisja Parrokkjali.
Mal-ħruġ tal-purċissjoni l-Banda *Soċjeta` Mużikali La Stella Levantina – Banda Santa Marija* tesegwixxi l-Innu l-Kbir *Iftaħ Qalbek* tal-Kav. G. Busuttil, taħt id-direzzjoni tas-Surmast Direttur Mro. Joseph Chircop, bis-sehem tal-Baritonu Pawlu Zammit u l-Kor tal-Parroċċa. Wara, l-istess banda takkumpanja l-purċissjoni qabel l-vara ta' Santa Marija u tesegwixxi sett ta' innijiet Marjani. Hekk kif l-purċissjoni tasal ħdejn l-uffiċċju tal-Kunsill Lokali, jingħad ir-rużarju u wara kull strofa jindaqq innu Marjan.
Matul l-purċissjoni l-Banda *Soċjeta` Filarmonika Maria Mater Gratiae* (Ħaż-Żabbar) tesegwixxi programm minn fuq il-planċier.
**10.15pm** - Il-vara ta' Santa Marija tasal ħdejn l-Knisja Parrokkjali minn fejn titkanta l-*Ave Maria* mis-Sinjura Alberta Carabott u wara l-Innu Popolari mill-banda *Soċjeta` Mużikali La Stella Levantina* – Banda Santa Marija, taħt id-direzzjoni tas-Surmast Direttur Mro. Joseph Chircop.
Mal-ħruġ, matul u mad-dħul tal-purċissjoni isir ħruq ta' salut, murtali, murtaletti u kaxxi infernali.
Ix-xogħol tan-nar, inkluż il-ġiġġifogu, qie maħdum mis-Sur Emanuel Vella ta' *Santa Marija Fireworks Factory*, Mġarr. In-nar li jinħaraq nhar l-ewwel, it-tieni u l-aħħar tridu qie miġbur mis-Sur George Cuschieri u sħabu f'isem is-*Soċjeta` La Stella Levantina*. In-nar li jinħaraq mal-ħruġ tal-vara min-niċċa, kif ukoll lejliet (inkluż il-ġiġġifogu) u nhar il-festa, imħallas mill-Parroċċa, kif ukoll mis-Sur Damjan Mallia. Waħda mill-irdieden tal-ġiġġifogu se tkun imħallsa minn individwu privat.


Festi ta' Barra - Santa Marija Assunta 2013
Il-Ħadd 11 t'Awwissu, 2013
L-Ewwel Jum tat-Tridu
8.00am - Ħruq ta' murtali u murtaletti
12.00pm - Ħruq ta' murtali u murtaletti
8.30pm - Il-banda tas-Soċjeta` Mużikali La Stella Levantina – Banda Santa Marija (Ħ'Attard) se ddoqq sett ta' marċi mat-toroq: Kbira, Mitħna, Linja, Ferrovija, Għenba, Sta. Katarina, Mosta, u tispiċċa ħdejn il-Każin tal-istess Soċjeta`.
8.30pm - Ħruq ta' murtali u murtaletti
It-Tnejn 12 t'Awwissu 2013
It-Tieni Jum tat-Tridu
8.00am - Ħruq ta' murtali u murtaletti
12.00pm - Ħruq ta' murtali u murtaletti
8.00pm - Attivita` Kulturali fiċ-Ċentru Parrokkjali.
8.30pm - Ħruq ta' murtali u murtaletti.
It-Tlieta 13 t'Awwissu, 2013
It-Tielet Jum tat-Tridu
8.00am - Ħruq ta' murtali u murtaletti
12.00pm - Ħruq ta' murtali u murtaletti
9.00pm - Il-banda tas-Soċjeta` Mużikali La Stella Levantina – Banda Santa Marija (Ħ'Attard) se ddoqq sett ta' marċi mat-toroq: Kbira; Mosta; A Durer; Rużell; Mdina; Żebbuġ; Santa Marija u lura Triq il-Kbira sa ħdejn l-kazin tal-istess Soċjeta`.
9.15pm - Ħruq ta' murtali, murtaletti u kaxxa infernali


Festi ta' Barra - Santa Marija Assunta 2013
L-Erbgħa 14 t'Awwissu, 2013
Lejlet l-Festa
9.30am - Ħruq ta' murtali u murtaletti (Waqt it-Te Deum)
12.00pm - Ħruq ta' murtali u murtaletti
6.30pm - Translazzjoni Solenni tar-Relikwija tal-Madonna
Il-purċissjoni toħroġ mill-Knisja Parrokkjali bis-sehem tal-Fratelli, Abbatini u l-Kleru u tgħaddi mit-toroq: Kbira; San Duminku minn fejn tidħol għall-Kappella ta' Sant'Anna. Ir-relikwija tal-Madonna tittieħed proċessjonalment mill-kappella ta' Sant'Anna lura lejn il-Knisja Parrokkjali u tgħaddi mit-toroq: San Duminku u Mosta.
Matul l-purċissjoni bir-relikwija jsir Ħruq ta' murtali, murtaletti u kaxxa.
8.00pm - Il-banda tas-Soċjeta` Mużikali La Stella Levantina – Banda Santa Marija (Ħ'Attard) se ddoqq sett ta' marċi mit-Triq Sant' Anton; Kbira sa ħdejn Misraħ Tumas Dingli, fejn l-istess banda se tesegwixxi programm vokali u strumentali bis-sehem tal-Kor ta' Romina Vella u s-solisti Charles Vella Zarb u Marita Bezzina, kif ukoll





**Il-Ħamis 15 t'Awwissu, 2013**
*Jum Il-Festa*
**8.00am** - Ħruq ta' murtali u murtaletti.
**11.00am** - Il-banda tas-*Soċjeta` Mużikali La Stella Levantina – Banda Santa Marija* (Ħ'Attard) se ddoqq sett ta' marċi mat-toroq: Kbira; Pjazzetta; Mosta; San Duminku; Mitħna; Sant'Anton u Kbira sa ħdejn l-Każin tal-istess Soċjeta`.
**12.00pm** - Ħruq ta' murtali u murtaletti.
**6.30pm** - Il-banda tas-*Soċjeta` Filarmonica Maria Mater Gratiae* (Ħaż-Żabbar) iddoqq marċi mat-toroq: Kbira (ma' Mdina); Sant' Anton; Mitħna; San Duminku; Mosta; Pjazzetta u tispiċċa ħdejn il-Knisja Parrokkjali, minn fejn jitkompla programm minn fuq il-planċier.
**7.15pm** - Ħruġ tal-vara ta' Santa Marija mill-Knisja Parrokkjali
Il-purċissjoni toħroġ mill-Knisja Parrokkjali bis-sehem tal-Kleru, Abbatini u l-Fratelli u tgħaddi mit-toroq: Kbira, Sant' Anton; Mitħna, San Duminku; Mosta u lura għall-Knisja Parrokkjali. Mal-ħruġ tal-purcissjoni l-Banda *Soċjeta` Mużikali La Stella Levantina – Banda Santa Marija* tesegwixxi l-Innu l-Kbir *Iftaħ Qalbek* tal-Kav. G. Busuttil, taħt id-direzzjoni tas-Surmast Direttur Mro. Joseph Chircop, bis-sehem tal-Baritonu Pawlu Zammit u l-Kor tal-Parroċċa. Wara, l-istess banda takkumpanja l-purċissjoni qabel l-vara ta' Santa Marija u tesegwixxi sett ta' innijiet Marjani. Hekk kif l-purċissjoni tasal ħdejn l-uffiċċju tal-Kunsill Lokali, jingħad ir-rużarju u wara kull strofa jindaqq innu Marjan.
Matul l-purċissjoni l-Banda *Soċjeta` Filarmonika Maria Mater Gratiae* (Ħaż-Żabbar) tesegwixxi programm minn fuq il-planċier.
**10.15pm** -Il-vara ta' Santa Marija tasal ħdejn l-Knisja Parrokkjali minn fejn titkanta l-*Ave Maria* mis-Sinjura Alberta Carabott u wara l-Innu Popolari mill-banda *Soċjeta` Mużikali La Stella Levantina* – Banda Santa Marija, taħt id-direzzjoni tas-Surmast Direttur Mro. Joseph Chircop.
Mal-ħruġ, matul u mad-dħul tal-purċissjoni isir ħruq ta' salut, murtali, murtaletti u kaxxi infernali.
Ix-xogħol tan-nar, inkluż il-ġiġġifogu, ġie maħdum mis-Sur Emanuel Vella ta' *Santa Marija Fireworks Factory*, Mġarr. In-nar li jinħaraq nhar l-ewwel, it-tieni u l-aħħar tridu ġie miġbur mis-Sur George Cuschieri u sħabu f'isem is-*Soċjeta` La Stella Levantina*. In-nar li jinħaraq mal-ħruġ tal-vara min-niċċa, kif ukoll lejliet (inkluż il-ġiġġifogu) u nhar il-festa, imħallas mill-Parroċċa, kif ukoll mis-Sur Damjan Mallia. Waħda mill-irdieden tal-ġiġġifogu se tkun imħallsa minn individwu privat.



**L-attività li se tintuża permezz tal-pjattaforma 'Learning apps':**






# Festi ta' Barra - Santa Marija Assunta 2013

**Il-Ħadd 28 ta' Lulju, 2013**
***Ħruġ tal-vara min-niċċa***
**12.30pm** - Ħruq ta' murtali, murtaletti u kaxxa infernali.

**Il-Ħadd 11 t'Awwissu, 2013**
***L-Ewwel Jum tat-Tridu***
**8.00am** - Ħruq ta' murtali u murtaletti
**12.00pm** - Ħruq ta' murtali u murtaletti
**8.30pm** - Il-banda tas-*Soċjeta` Mużikali La Stella Levantina – Banda Santa Marija* (Ħ'Attard) se ddoqq sett ta' marċi mat-toroq: Kbira, Mitħna, Linja, Ferrovija, Għenba, Sta. Katarina, Mosta, u tispiċċa ħdejn il-Każin tal-istess Soċjeta`.
**8.30pm** - Ħruq ta' murtali u murtaletti

**It-Tnejn 12 t'Awwissu 2013**
***It-Tieni Jum tat-Tridu***
**8.00am** - Ħruq ta' murtali u murtaletti
**12.00pm** - Ħruq ta' murtali u murtaletti
**8.00pm** - Attivita` Kulturali fiċ-Ċentru Parrokkjali.
**8.30pm** - Ħruq ta' murtali u murtaletti.

**It-Tlieta 13 t'Awwissu, 2013**
***It-Tielet Jum tat-Tridu***
**8.00am** - Ħruq ta' murtali u murtaletti
**12.00pm** - Ħruq ta' murtali u murtaletti
**9.00pm** - Il-banda tas-*Soċjeta` Mużikali La Stella Levantina – Banda Santa Marija* (Ħ'Attard) se ddoqq sett ta' marċi mat-toroq: Kbira; Mosta; A Dürer; Rużell; Mdina; Żebbuġ; Santa Marija u lura Triq il-Kbira sa ħdejn l-kazin tal-istess Socjeta`.
**9.15pm** - Ħruq ta' murtali, murtaletti u kaxxa infernali

**L-Erbgħa 14 t'Awwissu, 2013**
***Lejlet l-Festa***
**9.30am** - Ħruq ta' murtali u murtaletti (Waqt it-*Te Deum*)
**12.00pm** - Ħruq ta' murtali u murtaletti
**6.30pm** - Translazzjoni Solenni tar-Relikwija tal-Madonna
Il-purċissjoni toħroġ mill-Knisja Parrokkjali bis-sehem tal-Fratelli, Abbatini u l-Kleru u tgħaddi mit-toroq: Kbira; San Duminku minn fejn tidħol għall-Kappella ta' Sant'Anna. Ir-relikwija tal-Madonna tittieħed proċessjonalment mill-kappella ta' Sant'Anna lura lejn il-Knisja Parrokkjali u tgħaddi mit-toroq: San Duminku u Mosta.
Matul l-purċissjoni bir-relikwija jsir Ħruq ta' murtali, murtaletti u kaxxa.
**8.00pm** - Il-banda tas-*Soċjeta` Mużikali La Stella Levantina – Banda Santa Marija* (Ħ'Attard) se ddoqq sett ta' marċi mit-Triq Sant' Anton; Kbira sa ħdejn Misraħ Tumas Dingli, fejn l-istess banda se tesegwixxi programm vokali u strumentali bis-sehem tal-Kor ta' Romina Vella u s-solisti Charles Vella Zarb u Marita Bezzina, kif ukoll l-kantanta Ritienne.
**11.15pm** - Ħruq ta' ġiġġifogu mit-Triq Tumas Dingli, wara l-Knisja Parrokkjali, Ħ'Attard.

**Il-Ħamis 15 t'Awwissu, 2013**
***Jum il-Festa***
**8.00am** - Ħruq ta' murtali u murtaletti.
**11.00am** - Il-banda tas-*Soċjeta` Mużikali La Stella Levantina – Banda Santa Marija* (Ħ'Attard) se ddoqq sett ta' marċi mat-toroq: Kbira; Pjazzetta; Mosta; San Duminku; Mitħna; Sant'Anton u Kbira sa ħdejn l-Każin tal-istess Soċjeta`.
**12.00pm** - Ħruq ta' murtali u murtaletti.
**6.30pm** - Il-banda tas-*Soċjeta` Filarmonica Maria Mater Gratiae* (Ħaż-Żabbar) iddoqq marċi mat-toroq: Kbira (ma' Mdina); Sant' Anton; Mitħna; San Duminku; Mosta; Pjazzetta u tispiċċa ħdejn il-Knisja Parrokkjali, minn fejn jitkompla programm minn fuq il-planċier.
**7.15pm** - Ħruġ tal-vara ta' Santa Marija mill-Knisja Parrokkjali
Il-purċissjoni toħroġ mill-Knisja Parrokkjali bis-sehem tal-Kleru, Abbatini u l-Fratelli u tgħaddi mit-toroq: Kbira, Sant' Anton; Mitħna, San Duminku; Mosta u lura għall-Knisja Parrokkjali. Mal-ħruġ tal-purcissjoni l-Banda *Soċjeta` Mużikali La Stella Levantina – Banda Santa Marija* tesegwixxi l-Innu l-Kbir *Iftaħ Qalbek* tal-Kav. G. Busuttil, taħt id-direzzjoni tas-Surmast Direttur Mro. Joseph Chircop, bis-sehem tal-Baritonu Pawlu Zammit u l-Kor tal-Parroċċa. Wara, l-istess banda takkumpanja l-purċissjoni qabel l-vara ta' Santa Marija u tesegwixxi sett ta' innijiet Marjani. Hekk kif l-purċissjoni tasal ħdejn l-uffiċċju tal-Kunsill Lokali, jingħad ir-rużarju u wara kull strofa jindaqq innu Marjan.
Matul l-purċissjoni l-Banda *Soċjeta` Filarmonika Maria Mater Gratiae* (Ħaż-Żabbar) tesegwixxi programm minn fuq il-planċier.
**10.15pm** -Il-vara ta' Santa Marija tasal ħdejn l-Knisja Parrokkjali minn fejn titkanta l-*Ave Maria* mis-Sinjura Alberta Carabott u wara l-Innu Popolari mill-banda *Soċjeta` Mużikali La Stella Levantina* – Banda Santa Marija, taħt id-direzzjoni tas-Surmast Direttur Mro. Joseph Chircop.
Mal-ħruġ, matul u mad-dħul tal-purċissjoni isir ħruq ta' salut, murtali, murtaletti u kaxxi infernali.
Ix-xogħol tan-nar, inkluż il-ġiġġifogu, ġie maħdum mis-Sur Emanuel Vella ta' *Santa Marija Fireworks Factory*, Mġarr. In-nar li jinħaraq nhar l-ewwel, it-tieni u l-aħħar tridu ġie miġbur mis-Sur George Cuschieri u sħabu f'isem is-*Soċjeta` La Stella Levantina*. In-nar li jinħaraq mal-ħruġ tal-vara min-niċċa, kif ukoll lejliet (inkluż il-ġiġġifogu) u nhar il-festa, imħallas mill-Parroċċa, kif ukoll mis-Sur Damjan Mallia. Waħda mill-irdieden tal-ġiġġifogu se tkun imħallsa minn individwu privat.

Ko-ordinament: Frank Zammit

L-isem: ______________________ Id-data: ______________ Il-klassi: _____________

# ‘IL-FESTI TA’ BARRA’

**A. Wieġeb dawn il-mistoqsijiet b’mod sħiħ.**

1. F’liema sena ġie miktub dan il-programm?

_______________________________________________________________

2. F’dan il-programm, f’liema ġurnata jiġi l-ewwel jum tat-tridu?

_______________________________________________________________

3. X’jisimha l-banda li se ddoqq sett ta’ marċi fit-tielet jum tat-tridu?

_______________________________________________________________

4. Taqbel li erbat ijiem qabel Jum il-festa jkun hemm tlett ijiem ta’ Tridu? Għaliex?

_______________________________________________________________

_______________________________________________________________

_______________________________________________________________

5. Taqbel li f’jum il-festa jkun hemm il-marċ ta’ filgħodu? Ikteb żewġ raġunijiet.

_______________________________________________________________

_______________________________________________________________

_______________________________________________________________





Illum il-Festa Tagħna! © Yurgen Sciberras 2022

6. Sib erba' kelmiet li huma marbutin mal-festa esterna:

a. ____________________________ b. _____________________________

ċ. ____________________________ d. _____________________________

7. Ikteb żewġ karatteristiċi biex tagħraf li dan huwa programm tal-festa esterna.

___________________________________________________________________________

___________________________________________________________________________

**B. It-Tisliba**




**Weqfin**

1. Kull filgħodu jkun ħruq ta' _______ u murtaletti (7)

2. Il-festa tibda bil-ħruġ tal-vara min- _______ (5)

4. L-għada tal-festa jissejjaħ il-jum tax- _______ (6)

**Mimdudin**

1. Dan il-programm huwa meħud mill-festi ta' barra ta' Santa _______ (6)

3. F'lejliet il-festa jkun hemm il-purċissjoni tat-translazzjoni li jieħdu sehem il-fratelli, _______ u l-kleru. (8)

**Nota: Programm tal-festa esterna**

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________



| IL-MISTOQSIJA | A | B | Total |
|---|---|---|---|
| IL-MARKI | 15 | 5 | 20 |
| IL-MARKI TAL-ISTUDENT/A | | | |

**Kumment tal-għalliem**

## *It-tielet lezzjoni: Mal-Kolp tal-Katuba*

**Il-ħila tal-lingwa:** Is-smigħ

**L-iskaluna:** 2.3.2 Huma jisimgħu jorganizzaw l-informazzjoni f'noti mentali

**Il-kisba:** K3 Nisma' test jew testi għal fehim fuq suġġetti, f'kuntesti jew sitwazzjonijiet differenti

**L-għanijiet:** Sa tmiem din il-lezzjoni l-istudenti se:

- Jsiru midħla tad-disa' taqsimiet tal-banda Maltija; u

- Jistħarrġu disa' kelmiet u t-tifsira tagħhom marbuta mal-istrumenti tal-banda.

**Ir-riżorsi:** Tablet, bord interattiv, il-kanzunetta 'Il-Banda ta' Indrì', preżentazzjoni, ċart, u leħħiet bl-ismijiet tal-istrumenti.

**Il-ftuħ:** Din il-lezzjoni se tibda b'logħba żgħira fuq it-tablet. L-istudenti se jintalbu jġibu magħhom tablet jew smart phone. L-għalliem se jibagħtilhom ħolqa fejn l-istudenti jridu jagħmlu jigsaw puzzle ta' stampa li turi l-briju tal-festa f'marċ ta' filgħodu. Din hija l-ħolqa għal din l-attività: https://im-a-puzzle.com/share/3f3cbd8b40cdce1.jpg. Din il-logħba se sservi biex l-għalliem jintroduċi s-suġġett tal-banda.

**L-ewwel pass:** Fuq il-bord interattiv l-istudenti se jaraw id-diska 'Il-Banda ta' Indrì' misjuba f'din il-ħolqa: https://www.youtube.com/watch?v=k_Fdj_ZiXqA

**It-tieni pass:** L-għalliem se jurihom ritratt ta' Indrì Borg, li kien l-ewwel wieħed li għaqqad forma ta' banda. Wara se juri u jaqra ftit punti fuq ħajtu.

**It-tielet pass:** L-għalliem se jistaqsi jekk hemmx xi ħadd mill-istudenti li jdoqq xi strument tal-banda u jekk jafux xi ismijiet tal-istrumenti:

1. Hawn xi ħadd li jitgħallem xi strument tal-banda?

2. Jekk iva, kemm ilek iddoqq? Ma' liema każin iddoqq?

3. Tafu xi ismijiet tal-istrumenti?

**Ir-raba' pass:** L-istudenti jinqasmu fi tliet gruppi u kull grupp irid jagħżel rappreżentant biex imur ħdejn l-għalliem. L-għalliem joħroġ ċart li fuqha jkun hemm disa' kolonni. Minbarra ċ-ċart, l-għalliem ikollu borża u fiha jkollu disa' stampi tal-istrumenti tal-banda, flimkien mal-istandard, u taħtu l-isem tal-istrument. Kull student irid jagħżel karta, jaqra l-isem tal-istrument u jipprova jaqta' f'liema post ikun waqt il-banda. Kull student se jkollu jagħmel żewġ strumenti.

**Il-ħames pass:** Jekk ikun hemm xi żball, l-għalliem jirranġa l-ordni tal-banda kif suppost tkun. Wara, l-għalliem jurihom strument strument, isemma' l-ħoss tiegħu u jagħtihom ftit informazzjoni fuq l-istrument. Eżempju:

- Il-klarinett huwa strument tal-injam. Għal banda, dan l-istrument jiffroma parti mill-kategorija tal-qasba u jaħdem biċ-ċwievet.

- L-awfonju huwa strument tar-ramm u b'differenza mill-istrumenti tal-qasba, l-awfonju għandu l-bukkin li minnu l-bandist irid jitfa' l-arja ħalli joħorġu n-noti. L-awfonju, bħalma huma t-trumbetti, l-alt horns u l-baxxi, jaħdem bil-valvi.

**Is-sitt pass:** L-istudenti se jaraw filmat fejn fih ikun hemm il-banda ddoqq xi marċi. Il-filmat jibda jintwera mill-ħin 19:20 sa 23:25. Din hija l-ħolqa:

https://www.youtube.com/watch?v=CEsxBv3xhDE

**L-għeluq:** L-għalliem jaqla' l-ismijiet minn fuq iċ-ċart u jerġa' jitlob lil kull grupp biex jibgħat rappreżentat ieħor. L-għalliem se jgħattilhom għajnejhom b'maktur differenti. Kull student irid jaqbad karta mill-borża, idur lejn sħabu u jistaqsi l-mistoqsijiet biex jippruvaw jaqtgħu l-isem tal-istrument. Il-grupp jista' jwieġeb biss permezz tal-kliem 'iva' jew 'le'. Wara li jaqtgħu l-isem tal-istrument, ineħħi l-maktur u jmur iwaħħlu fil-post it-tajjeb.

**Iddifferenzjar:** Lejn l-aħħar tal-lezzjoni tista' tingħata karta tan-noti biex l-istudenti jkollhom kopja tal-ismijiet tal-istrumenti tal-banda.

# Mal-kolp tal-katuba

YURGEN SCIBERRAS



# Indrì Borg



## Indrì Borg

- L-ewwel banda bdiet madwar is-sena 1860.
- Indrì Borg għaqqad l-ewwel banda f'Ħaż-Żebbuġ.
- Kien fiha ħmistax-il mużiċist u ħafna minnhom kienu jdoqqu strumenti tal-korda.
- Din il-banda kienet iddoqq f'okkażjonijiet speċjali bħal tiġijiet u festi tar-raħal.

L-informazzjoni meħuda minn din il-ħolqa: http://www.ilmiklem.com/banda-ta-indri/

# Il-partijiet tal-banda

## Tal-istandard



## Il-klarinetti



# It-trumbetti



# Il-kurni



## Il-perkussjoni



## L-Alt Horns



# L-Awfonji



# It-trumbuni



# Il-baxxi



# Iċ-ċart finali



**L-attività tal-jigsaw puzzle permezz tal-pjattaforma 'I'm a puzzle':**








Tal-istandard



Il-klarinetti



It-trumbetti



It-trumbuni



Il-kurni



Il-perkussjoni



Il-baxxi



L-alt horns



L-awfonji

## *Ir-raba' lezzjoni: 'Il-Festa tan-Nar' ta' Oliver Friggieri*

**Il-qasam tal-lingwa:** L-esperjenza letterarja

**L-iskaluna:** 7.3.6 Jieħdu l-inizjattiva biex jagħmlu xi mistoqsijiet dwar xi test letterarju li jkunu qraw

**Il-kisba:** K12 Napprezza l-funzjoni tat-tema/i f'testi letterarji

**L-għanijiet:** Sa tmiem din il-lezzjoni l-istudenti se:

- Jiksbu tagħrif bijografiku fuq Oliver Friggieri;

- Jagħrfu ħames kelmiet tekniċi li huwa marbuta mal-logħob tan-nar; u

- Jirreċtaw ix-xena li jkunu kitbu fil-klassi.

**Ir-riżorsi:** Il-bord interattiv, attività fuq learning apps, preżentazzjoni, is-silta 'Il-festa tan-nar', u karta tat-taħriġ.

**Il-ftuħ:** Fuq il-bord interattiv se jidhru xi episodji mill-ħajja ta' Oliveri Friggieri. Wara se jkollhom attività qasira fejn l-episodji mill-ħajja tal-awtur se jkunu mħawdin u l-istudenti jridu jirranġawhom skont l-ordni kronoloġika. Din l-attività se ssir minn din il-ħolqa: https://learningapps.org/watch?v=p2o9rv6z222

**L-ewwel pass:** L-għalliem se jqassam kopja tan-novella 'Il-festa tan-nar' u jaqra partijiet minn paġna 78 sa paġna 81. Fl-isfond se tintuża din il-mużika: https://www.youtube.com/watch?v=JZMmrb87Z0c

**It-tieni pass:** Se jintalab student wieħed jersaq lejn l-għalliem biex ipoġġi ħdejh fuq siġġu. L-istudent magħżul se jimmaġina li huwa l-protagonista tal-istorja u l-istudenti

l-oħra jridu jistaqsu l-mistoqsijiet lilu. B'dan il-mod, l-istudent ikun qed jagħti l-ħajja lill-karattru tal-istorja u kull tweġiba li jagħti trid tkun marbuta mal-karattru.

**It-tielet pass:** Se titqassmilhom l-ewwel karta tat-taħriġ fejn l-istudenti jridu jiktbu ħames mistoqsijiet lill-protagonista tal-istorja dwar in-nar tal-festa. Uħud mill-mistoqsijiet jistgħu jkunu:

1. Kemm taħsbu qabel il-festa biex tibdew tagħmlu n-nar?

2. X'jintuża biex isir murtal?

3. Liema tip ta' nar kont tieħu gost tagħmel?

**Ir-raba' pass:** Peress li din l-istorja tittratta l-logħob tan-nar, l-istudenti se jaraw preżentazzjoni fejn se jiksbu ħames kelmiet ġodda relatati man-nar tal-festa. Il-ħames kelmiet huma: Ballun jimxi, Beraq pront, Murtal bandieri, Murtal tal-kulur, u Sfiera.

**Il-ħames pass:** L-istudenti se jinqasmu fi tliet gruppi u se jintalbu jiktbu xena qasira meħuda min-novella li jkunu għadhom kif qraw. Kull grupp mistenni li juża minn tal-inqas kelma waħda mill-ħames kelmiet ġodda. Għal din l-attività se jkollhom seba' minuti.

**L-għeluq:** It-tliet gruppi se jintalbu jirreċtaw ix-xena qasira li jkunu kitbu.

**Ix-xogħol fil-klassi:** Jiktbu xena qasira u jirreċtawha.

**Iddifferenzjar:** Ix-xogħol għad-dar jista' jinbidel għal studenti li jinsabu fi spettru differenti. B'rabta mal-attivitajiet li se jsiru fil-klassi, l-attività fejn iridu jpoġġu fi kronoloġija l-ħajja tal-awtur tista' ma ssirx u fil-karta tat-taħriġ jista' jintalab mill-istudenti li jiktbu żewġ mistoqsijiet u mhux ħamsa.

# 'Il-festa tan-nar' Oliver Friggieri

Yurgen Sciberras



# Oliver Friggieri

- Friggieri twieled il-Furjana fis-27 ta' Marzu 1947.
- Studja s-seminarju u wara daħal jistudja fl-Università ta' Malta.
- Fl-1972 iżżewweġ lil Eileen Cassar u kellhom tifla li semmewha Sara.
- Friggieri kiteb bosta poeżiji, kotba ta' novelli u rumanzi.
- Fost in-novelli li ktieb insibu *'Il-festa tan-nar'* li tinsab fil-ktieb 'Stejjer għal qabel jidlam'.
- Fl-2016 ingħata l-midalja tad-deheb għal Ġieħ l-Akkademja tal-Malti.
- Friggieri miet fil-21 ta' Novembru 2020.





# 5 kelmiet marbutin mal-logħob tan-nar



# Ballun



# Beraq



# Murtal Bandieri



# Murtal tal-Kulur



# Sfiera



**L-attività li se ssir permezz tal-pjattaforma 'Learning apps':**






L-isem: ______________________ Id-data: ______________ Il-klassi: _____________



# Il-Festa tan-nar ta' Oliver Friggieri

# Il-Festa tan-Nar

## Oliver Friggieri



Immaġina li int dilettant tal-logħob tan-nar.
Ikteb ħames mistoqsijiet li tixtieq tistaqsi lill-protagonista tal-istorja dwar il-ħidma tal-logħob tan-nar.

1.

2.

3.

4.

5.

L-isem: ________________________ Id-data: _______________ Il-klassi: ______________

# Il-festa tan-nar

**A. Immaġina li int direttur/direttriċi tal-films u ġejt imqabbad biex tagħmel dan il-kapitlu ġo film. Agħżel parti mill-istorja u iktibha f'forma ta' skript.**

L-isem tax-xena ______________________



## *Il-ħames lezzjoni: Il-Liedna u l-Pavaljun*

**Il-qasam tal-lingwa:** Il-kultura

**L-iskaluna:** 8.2.4 Isiru midħla tal-għaqdiet u l-aġenziji li jaħdmu favur il-kultura Maltija

**L-għanijiet:** Sa tmiem din il-lezzjoni l-istudenti se:

- Jiddisinjaw pavaljun;
- Jikkreaw liedna; u
- Jirrikonoxxu seba' kelmiet tekniċi marbuta mal-pavaljuni.

**Ir-riżorsi:** Filmat, żewġ biċċiet drapp aħmar, żebgħa tad-drapp, markers, karti tal-liedna, imqass, leħħiet.

**Il-ftuħ:** Għal din il-lezzjoni, l-istudenti, flimkien mal-għalliem, se jmorru fi klassi oħra. Idealment imorru ġol-klassi tal-arti. Malli kulħadd isib postu fil-klassi tal-arti, l-istudenti se jaraw filmat meħud minn YouTube mtella' mill-kumitat festi esterni ta' Santa Venera. F'dan il-filmat l-istudenti se jaraw l-importanza tal-armar speċjalment dak tal-pavaljuni. Din hija l-ħolqa għall-filmat: https://www.youtube.com/watch?v=HMuVYBN93fA

**L-ewwel pass:** L-għalliem se jistaqsi lill-istudenti jekk hemmx xi wħud minnhom li jattendu fl-imħażen. L-istudenti se jsiru konxji li bis-saħħa ta' dan ix-xogħol volontarju, wieħed ikun jista' jgawdi l-armar tal-festa esterna. L-għalliem se jispjegalhom li anki fi żmien il-pandemija, għalkemm ma sarux festi, l-irħula xorta waħda ramaw it-toroq ewlenin.

**It-tieni pass:** L-istudenti se jaraw minuta minn filmat (0.10-1.14). F'din il-minuta l-istudenti se jkunu qegħdin jaraw l-armar tal-pavaljuni fit-toroq ta' Ħal Għaxaq. Din hija l-ħolqa għall-filmat: https://www.youtube.com/watch?v=DGFMcBVdSYk

**It-tielet pass:** L-istudenti se jaraw preżentazzjoni fejn se jiltaqgħu ma' seba' kelmiet tekniċi marbuta mal-armar tal-pavaljun. Il-kliem u l-istampi huma meħuda minn din il-ħolqa: https://www.ilmiklem.com/il-pavaljun-tal-festa/

**Ir-raba' pass:** L-istudenti se jintalbu jimmaġinaw li qegħdin f'maħżen tal-festa. L-għalliem se jaqsam il-klassi f'żewġ gruppi fejn grupp minnhom irid ifassal u joħloq pavaljun mill-istess drapp li tahom l-għalliem u grupp ieħor se joħloq liedna żgħira.

**Il-ħames pass:** L-għalliem se jqassam is-seba' kelmiet li tgħallmu b'rabta mal-pavaljun u l-istudenti jridu jwaħħlu l-leħħiet fil-post it-tajjeb. Il-grupp tal-liedna jrid iwaħħal il-leħħa mal-liedna wkoll.

**L-għeluq:** Wara li ż-żewġ gruppi jkunu lestew il-pavaljun u l-liedna se jintalbu joħduhom magħhom u jdendluhom fil-klassi.

**Ix-xogħol fil-klassi:** Iwaħħlu l-leħħiet fil-post it-tajjeb li tgħinhom jidentifikaw is-seba' kelmiet tekniċi marbuta mal-pavaljuni.

**Iddifferenzjar:** Din il-lezzjoni tista' tinqasam fi tnejn. Fl-ewwel lezzjoni, l-istudenti jikkreaw il-pavaljun u l-liedna, u fit-tieni lezzjoni l-għalliem jiffoka fuq il-kelmiet tekniċi marbuta mal-pavaljun.


Il-Liedna u l-Pavaljun
Yurgen Sciberras


buzzell
strinġitur
sopraporta/lasta
ċima
żubrun
disinn
kontrapavaljun
pendent/patalott
frenża
ġummiena
gallun
għidha bil-Malti
@ghidhabilmalti
facebook.com/ghidhabilmalti
@ghidhabilmalti

Liedna

Żubrun

Disinn

Pendent

Gallun

Frenża

Ġummiena

Kontraparaljun

Illum il-Festa Tagħna! © Yurgen Sciberras 2022

## *Is-sitt lezzjoni: Intervista għall-Ktieb tal-Festa*

**Il-ħila tal-lingwa:** Il-kitba

**L-iskaluna:** 4.2.4 Jimmanifestaw il-vuċi tagħhom fil-kitba

**Il-kisba:** K8 Ninqeda bil-kitba biex nilħaq funzjonijiet komunikattivi varji.

K9 Inħaddem Malti tajjeb biex nikteb ġeneri differenti għal udjenza bi skopijiet differenti.

**L-għanijiet:** Sa tmiem din il-lezzjoni l-istudenti se:

- Jesprimu l-ħsibijiet tagħhom fuq il-festa Maltija permezz ta' kitba ta' intervista fil-ktieb tal-festa; u

- Jidentifikaw il-partijiet differenti tat-trofew.

**Ir-riżorsi:** Karta tat-taħriġ u intervista rrekordjata

**Il-ftuħ:** L-istudenti se jisimgħu intervista bejn ġurnalista u żewġ persuni li jitkellmu fuq is-sehem taż-żgħażagħ u l-futur tal-festi. B'hekk, l-istudenti jieħdu idea ta' kif issir intervista u x'mistoqsijiet jintużaw. Din hija l-ħolqa tal-intervista: https://www.youtube.com/watch?v=IHTrKHkY--g

**L-ewwel pass:** L-għalliem se jistaqsi lill-istudenti jekk jiftakrux xi mistoqsijiet li ġew mistoqsija fl-intervista li semgħu. Wara li jiddiskutu wħud mill-mistoqsijiet, l-istudenti se jiġu mistoqsija x'tip ta' tweġiba bdiet tintuża għal kull mistoqsija. L-istudenti għandhom jaslu li t-tweġiba trid tkun marbuta mal-mistoqsija.

**It-tieni pass:** L-istudenti se jinqasmu f'erba' gruppi u kull student se jirċievi kopja ta' intervista li dehret fi programm tal-festa. L-għalliem se jispjega xi karatteristiċi li jkun

hemm f'intervista, fosthom it-titlu tal-intervista, fejn fih hemm l-isem ta' min qed jagħmel l-intervista u l-isem ta' min qed iwieġeb il-mistoqsijiet. F'dan il-punt, l-għalliem se jispjega kif għandha ssir il-mistoqsija.

**It-tielet pass:** L-għalliem se jitlob lill-istudenti biex idawru l-paġna fejn se jsibu ritratt tat-trofew u l-partijiet tiegħu bil-Malti.

**Ir-raba' pass:** L-istudenti se jirċievu l-karta tat-taħriġ. Fiha se jkun hemm spazju fejn l-istudenti jistgħu jiktbu l-mistoqsijiet tagħhom. F'dan il-pass, l-istudenti se jintalbu biex jaqraw it-tweġibiet li hemm fil-karta tat-taħriġ.

**Il-ħames pass:** Kull grupp jiddiskuti flimkien il-mistoqsijiet b'rabta mat-tweġiba li tahom l-għalliem u jiktbuhom fl-ispazju provdut. Il-mistoqsijiet iridu jkunu reletati mat-tweġiba.

**Is-sitt pass:** L-għalliem se jqabbad rappreżentat minn kull grupp biex jaqra l-mistoqsija li ħarġu biha fil-grupp. F'dan il-pass, jekk il-mistoqsijiet ma jkunux relevanti, se jintalbu biex jirranġawha.

**L-għeluq:** L-istudenti se jintalbu jmorru lura f'posthom u l-għalliem jispjegalhom ix-xogħol għad-dar. L-istudenti jridu jifformulaw sett ta' mistoqsijiet ġodda u fihom iridu jużaw minn tal-inqas tliet kelmiet marbutin mal-armar tat-trofew.

**Ix-xogħol fil-klassi:** Jifformulaw il-mistoqsijiet għall-intervista.

**Ix-xogħol għad-dar:** Jiktbu sett ta' mistoqsijiet oħra b'rabta mal-festi Maltin speċjalment l-armar tat-trofew.

**Iddifferenzjar:** Għal studenti b'abiltajiet differenti tista' ssir lezzjoni minn qabel fejn jiġi spjegat il-ġeneru tal-intervista.

L-isem: ______________________ Id-data: ______________ Il-klassi: _____________



# Intervista lil Anthony Vassallo (id-Djamant), ex-President tal-Għaqda tan-Nar

Kitba ta' Jesmond Grech

### *Tista' tgħidilna kif bdiet fik in-namra għall-ħruq tan-nar?*

**NINU**: Kont għadni abbati u miegħi kien hemm sieħbi Spiridione Buhagiar. Dan ta' spiss kien jgħidli biex immur miegħu ħalli nieħdu termos te lil missieru, Manuel Buhagiar, magħruf bħala tas-Silla. Dan kien ikun qiegħed fil-post tan-nar il-qadim jiġifieri fuq ta' Żmetta. Naturalment kienu jħajruni biex nagħtihom daqqa t'id fuq il-mehrież (fejn jintgħaġen il-porvli) imma jien kont ninsisti li kont għadni żgħir.

Imbagħad fl-1959 fis-Siġġiewi kellna okkażjoni speċjali għaliex inġabet l-istatwa ta' San Nikola wara li kienu indurawha. Din kienet milqugħa kif jixraq minn tarf ir-raħal sal-knisja. Sa dak in-nhar jien kont żagħżugħ u, għal din l-okkażjoni, tajthom daqqa t'id biex nonxru (indendel) il-musketterija fuq il-bjut. Il-kbar kienu jiġu warajna jaħarqu. Kien hemm musketterija tista' tgħid it-tul tat-triq kollha, dar iva u dar le. Jien ħadt gost b'din il-biċċa u, minn hemmhekk nibtet in-namra u bdejt ngħinhom ta' kull sena. Mill-familja tiegħi m'għandi lil ħadd dilettant tan-nar u naħseb li għalhekk ħriġt inħobbu għax bdejt nara li hemm kien il-post fejn niżviluppa l-karattru indipendenti tiegħi.



*Fl-1956 meta kont abbati*

### *Ix-xogħol tan-nar mhux wieħed li titgħallmu waħdek. Minn min tgħallimt din is-sengħa?*

**NINU:** F'dan il-perjodu jien kont nagħmel bil-galbu dak li jqabbduni n-nies tas-sengħa. Illum biex tingħatalek il-liċenzja trid tkun taf kollox minn qabel. Imma, f'dak iż-żmien wieħed kien jitgħallem fuq għajnejh billi josserva x'qed isir. Fir-raħal l-esperti ta' dak iż-żmien kienu l-aħwa Buhagiar (Leli, Grezzju u ħuhom li konna nsibuh bħala "Joli"). Kien hemm ukoll l-aħwa Micallef tal-Passiġġier (Ġanni u Ġamri). Nista' ngħid li kien minn dan il-gajj li tgħallimt u bdejt id-delizzju tiegħi sew. Kien jiġi miegħi wkoll sieħbi Manuel Saliba li sar dilettant ukoll.

Sa dak iż-żmien lanqas nistgħu ngħidu li konna għaqda għaliex, għalkemm kellna l-kamra, lanqas biss kellna kumitat. Sal-



*Fuq il-mehrież*



*Fil-post tan-nar il-qadim*

Illum il-Festa Tagħna! © Yurgen Sciberras 2022


Labarda
Bandalora
Fjammi
Skudett
Kolonna

L-isem: ______________________ Id-data: ______________ Il-klassi: _____________

# Intervista lil George Falzon

# President tal-Każin Santa Roża

Kitba ta' ___________________________



*Waħħal ritratt tiegħek*



1. ________________________________________________________________________?

**Il-President:** Jien ġej minn familja li ngħixu għal din il-ġimgħa tal-festa. Meta kont għadni żgħir jien dejjem kont niġri ma' missieri. Daqqa l-każin u daqqa l-knisja. L-għaxqa tiegħi kienet li meta jibda joqrob nofs ta' Awwissu, nibdew nippreparaw l-armar għall-festa ta' Santa Roża. Peress li f'dan ir-raħal mhux minn dejjem kien hawn dan il-każin, ħafna mill-armar kien propjetà tal-knisja allura konna nkunu aktar midħla tal-knisja. Fil-bidu, sakemm kelli dawk l-għaxar snin, kont ngħin lill-Kappillan, Fr. Peter, u lil Marju s-sagristan jarmaw l-armar tal-knisja. Kont ngħin ukoll fit-tindif tal-knisja peress li kont abbati f'din il-parroċċa. Allura wara l-quddiesa kont nibqa' hemm u ngħinhom fejn kien hemm bżonn. Imbagħad meta bdejt nitfarfar sew, kien infetaħ l-ewwel każin tal-banda, u bdejna nixtru ħafna armar ġdid. Jien, kif jistgħu jgħidulek sħabi tal-każin, ilni għal dawn l-aħħar għaxar snin nieħu ħsieb l-armar li jintrama quddiem il-knisja bħalma huma l-bandalori, is-sett tal-anġli, u t-trofej.

2. ________________________________________________________________________?

**Il-President:** Il-każin infetaħ meta jien kelli ħmistax-il sena. Il-proġett kien ilu għaddej jinħema s-snin imma ma kellhomx biżżejjed fondi. L-ewwel president kien missieri, Rożu l-Bużbieżu, li llum ma għadux magħna. Lili ħallieni meta kelli ħamsa u għoxrin sena. Almenu għandi l-unur li l-ħolma li kellu missieri raha sseħħ u kien parti mill-familja kbira li fetħu dal-każin. Kull darba li ngħaddi minn quddiem dik l-irħama u nara isem missieri fuqha nħoss ċertu sodisfazzjon. L-ewwel kumitat kien magħmul minn missieri bħala l-president, Anġlu tal-Qarnita kien il-Viċi President, Ġorġ Caruana li konna nsibuh bħala "Ġobna" kien is-Segretarju, u Fredu l-Marnaġ kien il-Kaxxier.

3. ______________________________________________________________?

**Il-President:** Jien komplejt fejn ħalla missieri u sirt it-tielet president ta' dan il-każin. U sa issa, għandi l-unur li jien l-aktar president li ilni mmexxi din is-soċjetà. Jien sirt president għoxrin sena ilu meta kelli erbgħin. Missieri, kif diġà għedtlek, dam għaxar snin, Raymond Mifsud dam ħmistax-il sena u jien ilni għoxrin sena. Nitlob 'l Alla li jagħtini aktar saħħa ħalli nkompli mmexxi dal-kumitat li hu tant għal qalbi.

4. ______________________________________________________________?

**Il-President:** Il-biża' tagħna hu li narmaw l-armar u jkollna nneħħuh ħabba x-xita. Il-festa tagħna, dejjem tkun imdendla bix-xita peress li ssir f'Settembru. L-aktar armar li fih ix-xogħol huwa t-trofew. Biex tarmah trid tkun tas-sengħa. Ħafna jaħsbu l-fjammi huma sempliċi biex tarmahom. Fil-verità ma humiex. L-iktar ħaġa importanti fit-trofew hi li l-kolonna tkun soda għax inkella tkun qisek bnejt binja fuq ir-ramel.



*Uħud mill-armar li jieħu ħsieb George Falzon*



## *Is-seba' lezzjoni: Programm Vokali u Strumentali*

**Il-ħila tal-lingwa:** It-taħdit

**L-iskaluna:** 1.3.6 Jużaw reġistru tekniku

**Il-kisba:** K2 Nitkellem b'korrettezza u preċiżjoni, skont il-kuntest u l-udjenza

**L-għanijiet:** Sa tmiem din il-lezzjoni l-istudenti se:

- Jisiltu tliet karatteristiċi marbuta mal-ġeneru tal-programm vokali u strumentali;

- Jiktbu d-diskors tal-preżentatur/preżentatriċi; u

- Jistħarrġu disa' kelmiet marbuta mal-pjanċier.

**Ir-riżorsi:** Preżentazzjoni, marċ brijuż, filmati u l-karti tat-taħriġ.

**Il-ftuħ:** L-istudenti, permezz tal-preżentazzjoni, se jaraw stampa ta' pjanċier bil-kliem tekniku marbut miegħu. L-istampa meħuda minn din il-ħolqa: http://www.ilmiklem.com/l-armar-ta-barra-fil-festi-religjuzi-maltin-terminologija-u-taghrif-iehor-iii/

**L-ewwel pass:** L-istudenti se jisimgħu l-marċ brijuż 'Fiesta' u wara li jisimgħuh, l-għalliem se jistaqsihom x'rabta hemm bejn id-daqq tal-marċi u l-pjanċier. L-istudenti għandhom jaslu għall-konklużjoni li l-banda ddoqq fuq il-pjanċier.

**It-tieni pass:** L-istudenti se jiġu mistoqsija jekk hawnx xi ħadd minnhom li ġieli daqq fuq pjanċier. Jekk ikun hemm bandist, l-għalliem se jistaqsih jekk ġieli semax bil-frażi 'Programm vokali u strumentali'. L-istudenti se jaraw ritratt ta' poster ta' dan it-tip ta' programm u se titqassmilhom karta li se sservi bħala mudell. Wara, l-għalliem janalizza dan il-ġeneru.

**It-tielet pass:** L-istudenti se jaraw nofs minuta (0.38-1.10) minn filmat biex jaraw preżentatur jippreżenta programm vokali u strumentali. Din hija l-ħolqa: https://www.youtube.com/watch?v=J6BK7SyKr3s

**Ir-raba' pass:** L-għalliem se jaqsam il-klassi fi tliet gruppi u se jintalbu jiktbu d-diskors taparsi huma se jippreżentaw programm vokali u strumentali. L-istudenti se jintalbu jimxu fuq il-mudell li tqassmilhom diġà. L-istudenti se jimplimentaw l-awtonomija billi jistabbilixxu f'liema każin se jsir il-programm, kif ukoll l-ismijiet tal-preżentaturi, il-kantanti u s-surmast.

**Il-ħames pass:** Kull grupp se jqabbad student/a biex jiġi jippreżenta. Il-kumplament tal-klassi jridu jitfgħu l-imwejjed fil-ġenb u joqogħdu bis-siġġu biss, b'differenza li jridu jiffurmaw pjanċier, taparsi huma l-bandisti.

**L-għeluq:** It-tliet studenti magħżula se jkollhom ċans kull wieħed biex jippreżentaw dak li kitbu fi gruppi.

**Ix-xogħol fil-klassi:** Fi gruppi jridu jiktbu d-diskors tal-preżentatur/preżentatriċi b'rabta mal-ġeneru tal-programm vokali u strumentali.

**Iddifferenzjar:** L-istudenti, bħala xogħol fil-klassi, jista' jkollhom id-differenza, li apparti li jkollhom il-mudell quddiemhom, jingħatalhom damma ta' kliem f'garżelli li jistgħu jagħmlu użu minnu waqt il-kitba tagħhom.


Programm Vokali
u Strumentali
Yurgen Sciberras


BRAZZ
LEGIJU
SOPRABANK
BANK
SOTTOBANK
PANEW
SKUDETT
PILASTRU
ORNAMENT
ORNAMENT
PJANĊIER


Programm Vokali u Strumentali
B'tifkira tat-33 Anniversarju
minn Jum ir-Rifondazzjoni tal-Banda tas-
Soċjetà Filarmonika Santa Marija tal-Mosta
taħt id-direzzjoni tas-Surmast Raymond Sciberras,
bis-sehem tal-kantanti Ritienne, Cherise Spiteri u Nathaniel Attard
Preżentazzjoni ta' Svetlana Muscat u Joe Chetcuti
Il-Ġimgħa, 9 ta' Awwissu 2019
fid-9:00 ta' filgħaxija fi Pjazza Rotunda, il-Mosta.

L-isem: ______________________ Id-data: ______________ Il-klassi: _____________



# Programm Vokali u Strumentali



*Għala qed isir il-programm?*

*L-isem tas-soċjetà*

*L-isem tas-surmast*

*L-isem tal-kantanti*

*L-isem tal-preżentatur/i*

*Id-data, il-ħin, u l-post tal-programm*

Illum il-Festa Tagħna! © Yurgen Sciberras 2022

## *It-tmien lezzjoni: L-Innijiet tal-Festa*

**Il-qasam tal-lingwa:** L-istorja tal-lingwa

**L-iskaluna:** 6.2.2 Iqabblu siltiet ta' Malti miktub minn żminijiet differenti

**Il-kisba:** K15 Napprezza l-poeżiji tal-poeta nazzjonali, Dun Karm Psaila

**L-għanijiet:** Sa tmiem din il-lezzjoni l-istudenti se:

- Jaqsmu innu tal-festa skont il-partijiet ewlenin tiegħu (it-titlu, l-istrofi, ir-ritornell); u

- Jqabblu l-frażijiet użati fl-innijiet tal-festa miktubin minn Dun Karm u Trevor Żahra

**Ir-riżorsi:** Żewġ filmati bl-innijiet tal-festa, awtobijografija ta' Dun Karm, preżentazzjoni, kopja tal-innu ta' Santa Marija ta' Ħ'Attard, karta tat-taħriġ, whiteboard, marker.

**Il-ftuħ:** L-istudenti se jisimgħu 'L-Innu lill-Patruna tal-Belt Beland' u se jiġu mistoqsija biex jaslu għall-konklużjoni li dak li semgħu jissejjaħ innu:

1. Ġieli smajtu din it-tip ta' mużika?

2. Fejn smajtuha?

3. Jekk hawn xi ħadd miż-Żejtun, għaraftu x'inhu dan?

4. Tafu meta jindaqqu dawn?

Din hija l-ħolqa tal-innu: https://www.youtube.com/watch?v=ALI76HYoWFg

**L-ewwel pass:** L-istudenti se jinqasmu fi gruppi u se tingħatalhom kopja tal-innu lil Santa Marija, Patruna ta' Ħ'Attard meħud minn programm tal-festa. L-istudenti se jintalbu biex jaqraw l-innu fis-skiet. Wara li jaqraw l-innu l-għalliem se jistaqsihom:

1. Minn fejn taħsbu li huwa meħud dan l-innu? Dan is-sors diġà ddiskutejnieh fil-lezzjonijiet ta’ qabel.

2. Taħsbu li min kiteb l-innu huwa bniedem magħruf?

3. Jekk le, għaliex taħsbu hekk? Jekk iva, min taħsbu li hu?

Minbarra l-mistoqsijiet, l-għalliem, biex jgħin lill-istudenti, se jurihom stampa ta’ Dun Karm Psaila u l-istudenti jridu jippruvaw jgħidu min hu.

**It-tieni pass:** L-għalliem se jintroduċilhom lil Dun Karm. Wara se jisimgħu awtobijografija qasira ta’ Dun Karm. Din hija l-ħolqa: https://www.youtube.com/watch?v=WuRtoHjcJSY

Qabel ma jisimgħu l-awtobijografija, l-għalliem se jgħidilhom sett ta’ mistoqsijiet li jridu jwieġbu wara li jaraw il-filmat:

1. X’kien jisimhom il-ġenituri ta’ Dun Karm?

2. Ta’ kemm-il sena sar qassis?

3. Kemm kellu żmien Dun Karm meta mietet ommu?

4. X’kien jaħdem missier Dun Karm?

5. Kemm dam jgħix fi Triq il-Fran?

6. X’poeżiji kiteb?

Wara li jisimgħu l-filmat, l-istudenti jridu jagħtuh it-tweġibiet tal-mistoqsijiet.

**It-tielet pass:** L-istudenti se jirċievu karta tat-taħriġ maqsuma f'żewġ tabelli. Fl-ewwel tabella l-istudenti jridu jiktbu li l-poeta tal-ewwel innu li semgħu huwa Dun Karm. Se jintalbu jerġgħu jħarsu sew lejn l-innu u fi gruppi jniżżlu tliet kelmiet jew espressjonijiet li permezz tagħhom Dun Karm qiegħed ifaħħar jew jitlob lill-Madonna. L-istudenti mistennija jniżżlu dan it-tip ta' kliem: sultana; rebbieħa, wiċċha jiddi; dawl ix-xemx il-libsa tagħha; omm u xebba; u bla tebgħa.

**Ir-raba' pass:** L-istudenti se jisimgħu innu ieħor. Din id-darba se jisimgħu innu miktub minn Trevor Żahra fl-2020. Dan se jwassal biex l-istudenti jqabblu l-lingwaġġ użat f'dan l-innu, mal-lingwaġġ li uża Dun Karm fl-innu ta' Santa Marija.

**Il-ħames pass:** L-istudenti se jerġgħu jintalbu jisimgħu l-innu ta' Trevor Żahra imma din id-darba jridu joqogħdu attenti għall-versi tal-innu għax fit-tieni tabella jridu jniżżlu tliet kelmiet fejn Trevor Żahra qiegħed ifaħħar jew jitlob lil Santa Katarina. L-istudenti mistennija jniżżlu dan it-tip ta' kliem:

> int l-egħżeż għalina; id-dawl agħtina; ħeġġeġ fina; int qlubija tal-għaġeb urejt; ibqa' magħna w ħarisna; mal-Mulej żommna lkoll magħqudin; u saħħaħ fina t-twemmin.

**Is-sitt pass:** L-għalliem se jqabbad student minn kull grupp biex jaqrawlu frażijiet minn dak li kitbu fil-karta. Il-kliem se jitniżżel fuq il-whiteboard.

**L-għeluq:** Permezz ta' organizzatur grafiku, l-istudenti se jaraw il-lingwaġġ użat miż-żewġ poeti ħdejn xulxin. L-istudenti se jirriflettu fuq il-lingwaġġ użat miż-żewġ poeti u jaraw jekk hemm xi xebh bejn iż-żewġ innijiet. B'dan il-mod, l-istudenti jkunu qegħdin iqabblu żewġ innijiet miktuba bil-Malti minn żminijiet differenti.

**Ix-xogħol fil-klassi:** Jiktbu l-kliem u frażijiet mitluba minnhom u jqabblu l-lingwaġġ użat.

**Iddifferenzjar:** L-għalliema jistgħu jiddeċiedu li jiffukaw fuq innu wieħed biss.





Dun



Karm

- X'kien jisimhom il-ġenituri ta' Dun Karm?
- Ta' kemm-il sena sar qassis?
- Kemm kellu żmien Dun Karm meta mietet ommu?
- X'kien jaħdem missier Dun Karm?
- Kemm dam jgħix fi Triq il-Fran?
- X'poeżiji kiteb?



# Innu lil Santa Marija Assunta,
## Patruna ta' Ħ'Attard



Iftaħ qalbek għall-hena tas-sema,
Ġens Nisrani li taf it-tiġrib,
Għax min jagħraf ma' Kristu jissallab,
Għandu rahan ta' ġieħ fis-salib.

Ħares lejha, s-Sultana tan-niket,
Li ma' Binha. l-Kalvarju sofriet.
Tielgħa s-sema, bħal Binha rebbieħa,
Qamet ħielsa mill-ħdan tal-imwiet.

Tielgħa s-sema, wiċċha jiddi,
Bħaż-żernieq ta' jum sabiħ;
Dawl ix-xemx il-libsa tagħha,
Fuq is-sħab b'sieqha tistrieħ.

Intom, Anġli, qaddejja tal-ġenna,
Inżlu, inżlu mill-ogħla smewwiet;
U mal-ilħna tal-arpi tal-fidda,
Ta' mħabbithom, semmgħuna l-ħlewwiet.

Is-Sultana li Alla ħatrilkok.
Ġejja fostkom, minn art il-bnedmin;
Omm u xebba, minn dejjem bla tebgħa,
L-akbar għaġeb li qatt raw is-snin.

Tielgħa s-Sema, wiċċha jiddi,
Bħaz-zernieq ta' jum sabiħ;
Dawl ix-xemx il-libsa tagħha,
Fuq is-sħab b'sieqha tistrieħ.

Illum il-Festa Tagħna! © Yurgen Sciberras 2022

L-isem: ______________________ Id-data: ______________ Il-klassi: _____________

## Innu lil Santa Marija Assunta

**Miktub minn** ____________________

| |
|---|
| 1. |
| 2. |
| 3. |



## Katarina d-dawl agħtina

**Miktub minn** ____________________

| |
|---|
| 1. |
| 2. |
| 3. |




OMM
U
XEBBA
BLA
TEBGĦA
DAWL IX-XEMX
IL-LIBSA TAGĦHA
DUN
KARM
WIĊĊHA
JIDDI
REBBIEĦA
SULTANA


IBQA' MAGĦNA W ĦARISNA
ĦEĠĠEĠ FINA
MAL-MULEJ ŻOMMNA LKOLL MAGĦQUDIN
TREVOR ŻAHRA
ID-DAWL AGĦTINA
SAĦĦAĦ FINA T-TWEMMIN
L-EGĦŻEŻ GĦALINA

## *Id-disa' lezzjoni: Il-Prepożizzjonijiet mal-Vara Titulari*

**Il-qasam tal-lingwa:** Il-grammatika

**L-iskaluna:** 5.1.9 Jidentifikaw il-prepożizzjonijiet

**L-għanijiet:** Sa tmiem din il-lezzjoni l-istudenti se:

- Janalizzaw il-forma tal-prepożizzjonijiet tal-Malti;
- Jirrikonoxxu l-funzjoni tal-prepożizzjonijiet tal-Malti; u
- Jiksbu tmien kelmiet tekniċi marbutin mal-partijiet tal-vara.

**Ir-riżorsi:** Preżentazzjoni u żewġ karti tat-taħriġ

**Il-ftuħ:** Permezz tas-silta *Iċ-ċajta ta' Darren,* l-għalliem ikun jista' jintroduċilhom il-prepożizzjonijiet. L-għalliem se jitlob wieħed mill-istudenti biex jaqra s-silta. Wara li jaqraw is-silta l-għalliem se jistaqsi xi mistoqsijiet biex ikun ċert li kulħadd fehem is-silta.

**L-ewwel pass:** L-istudenti se jaraw l-istess silta imma din id-darba se jaraw numru ta' kliem immarkat bil-grassett. Il-kliem immarkat se juri l-prepożizzjonijiet. L-għalliem se jgħidilhom li fil-lezzjoni tal-lum se jiffukaw fuq dan il-kliem.

**It-tieni pass:** L-għalliem se juri lill-istudenti tmien kelmiet. Erba' kelmiet minnhom se jkunu prepożizzjonijiet. Waqt li l-erba' kelmiet l-oħra huma aġġettivi. L-għalliem se jitlob lill-istudenti biex jikkategorizzaw il-kliem li qed jaraw f'żewġ gruppi. L-għalliem jikteb il-kliem fuq il-whiteboard.

**It-tielet pass:** Wara li l-istudenti jifirdu l-prepożizzjonijiet minn mal-aġġettivi, l-għalliem jitlob lill-istudenti jgħidulu li grupp minnhom huma aġġettivi. Għal dan il-pass, jekk ikun hemm bżonn, l-għalliem jagħtihom xi ftit għajnuna billi jgħidilhom:

1. Tini eżempju ta' sentenza fejn tuża l-kelma 'dejjaq' u ara x'inhu l-użu ta' dil-kelma?

2. Jekk qiegħda tiddeskrivi xi ħaġa x'ngħidulha li hi?

3. Qed tinduna li kważi dejjem qed tpoġġi nom qabel tuża kelma minn din il-kategorija?

**Ir-raba' pass:** Wara li jistabbilixxu li kategorija minnhom hija aġġettivi, l-għalliem iħassar din it-tabella u jħalli biss l-erba' kelmiet li qed juru prepożizzjonijiet. Uħud mill-istudenti se jitqabbdu jgħidu sentenza billi jużaw waħda minn dawk il-kelmiet li qed jaraw.

**Il-ħames pass:** L-għalliem juri lill-istudenti li dak il-grupp ta' kliem jissejħu prepożizzjonijiet. L-istudenti se jintalbu biex jagħtu t-tifsira ta' dawn il-prepożizzjonijiet billi jarawhom f'kuntest permezz tas-silta li ntużat fl-introduzzjoni. L-istudenti għandhom jaslu għall-konklużjoni li l-prepożizzjoni hija kelma li tfisser ir-relazzjoni bejn il-kelma jew kliem ta' warajha u partijiet oħra mis-sentenza.

**Is-sitt pass:** L-għalliem wara se jqassam l-ewwel karta tat-taħriġ lill-istudenti fejn se jkollhom spazju fejn jiktbu l-prepożizzjonijiet. L-istudenti se jintalbu jaħsbu f'aktar prepożizzjonijiet u jiktbuhom fuq il-karta. Uħud mill-prepożizzjonijiet diġà rawhom fil-ftuħ tal-lezzjoni. L-istudenti mistennija jiktbu dawn il-prepożizzjonijiet: fi, għal, ta', bi, ma', sa.

**Is-seba' pass:** L-istudenti se jiġu mgħarrfa li hemm prepożizzjonijiet bħal, sa, bi, fi u ma', jistgħu jitqassru. L-għalliem se jgħidilhom ukoll li l-prepożizzjonijiet jingħaqdu dejjem mal-artiklu.

**It-tmien pass:** L-istudenti se jirċievu t-tieni karta tat-taħriġ fejn se jkollhom ritratt ta' San Duminku tal-Belt Valletta, bil-kliem tekniku marbut mal-istatwa.

**L-għeluq:** L-għalliem jitlobhom biex idawru l-karta fejn hemm it-taħriġ u jispjegalhom ix-xogħol għad-dar.

**Ix-xogħol fil-klassi:** Karta tat-taħriġ fejn iniżżlu l-prepożizzjonjiet.

**Ix-xogħol għad-dar:** Karta tat-taħriġ fejn jiddeskrivu l-istatwa bl-użu tal-prepożizzjonijiet.

**Iddifferenzjar:** Ix-xogħol għad-dar jista' jkun differenti billi jkollhom silta li fiha jkun hemm il-prepożizzjonijiet. L-istudenti jkollhom jagħmlu linja taħt il-prepożizzjonijiet imbagħad iridu jagħżlu ħamsa minnhom u jiktbu sentenza bihom.

# Il-prepożizzjonijiet

Yurgen Sciberras

## Iċ-ċajta ta' Darren



Darren, il-barman tal-każin tal-banda, kellu l-ħsieb li jagħmel ċajta lil martu Sabrina. Kien il-Ġimgħa filgħodu, u Darren baqa' fis-sodda taparsi ma jiflaħx. Martu qaltlu biex jibqa' mistrieħ u telqet għax-xogħol. Malli sema' l-bieb jingħalaq, Darren ħareġ minn taħt il-friex u telaq fil-bitħa. Hemmhekk kien ħeba xkora bebbux taħt is-siġra tal-lumi. Wara mar fil-kċina, ħareġ borma mill-ewwel xkaffa, tefa' l-bebbux ġol-borma, tefgħalhom ħassa u ħalliehom hemm. Ix-xewqa ta' Darren kienet li Sabrina tisma' dawn il-ħsejjes u hu jgħidilha li x'aktarx għandhom il-ġrieden. B'hekk tkun tista' żżur lil ommha waqt li hu jkun jista' jsegwi l-finali tat-tazza tad-dinja fis-skiet bħal ħuh il-patri. Dan peress li bħalissa l-każin tal-banda jinsab magħluq għax għaddejjin bil-manutenzjoni u għalhekk ma jistax jaraha fil-każin!



# Iċ-ċajta ta' Darren

Darren, il-barman **tal**-każin **tal**-banda, kellu l-ħsieb li jagħmel ċajta **lil** martu Sabrina. Kien il-Ġimgħa filgħodu, u Darren baqa' **fis**-sodda taparsi ma jiflaħx. Martu qaltlu biex jibqa' mistrieħ u telqet **għax**-xogħol. Malli sema' l-bieb jingħalaq, Darren ħareġ **minn taħt** il-friex u telaq **fil**-bitħa. Hemmhekk kien ħeba xkora bebbux **taħt** is-siġra **tal**-lumi. **Wara** mar **fil**-kċina, ħareġ borma **mill**-ewwel xkaffa, tefa' l-bebbux **ġol**-borma, tefgħalhom ħassa u ħalliehom hemm. Ix-xewqa ta' Darren kienet li Sabrina tisma' dawn il-ħsejjes u hu jgħidilha li x'aktarx għandhom il-ġrieden. B'hekk tkun tista' żżur **lil** ommha waqt li hu jkun jista' jsegwi l-finali **tat**-tazza tad-dinja fis-skiet **bħal** ħuh il-patri. Dan peress li bħalissa l-każin **tal**-banda jinsab magħluq għax għaddejjin **bil**-manutenzjoni u għalhekk ma jistax jaraha **fil**-każin!

Għoli | Wara | Ferħan

Bejn | Imnikkta



Dejjaq | Ġo | Taħt

L-isem: ______________________ Id-data: ______________ Il-klassi: ___________

# IL-PREPOŻIZZJONIJIET

***F'din it-tabella ikteb aktar prepożizzjonijet:***

| | |
|---|---|
| Taħt | Ġo |
| Wara | Bejn |
| | |
| | |
| | |

Illum il-Festa Tagħna! © Yurgen Sciberras 2022

L-isem: ____________________ Id-data: __________________ Il-klassi: ______________



# L-istatwa ta' San Duminku (Il-Belt Valletta)

IL-FESTA TAR-RAĦAL

***F'mhux aktar minn 80 kelma, iddeskrivi l-istatwa ta' San Duminku billi tuża l-lista ta' prepożizzjonijiet li ktibt fil-klassi. Għandek l-ewwel żewġ sentenzi bħala eżempju.***

It-tarġa tal-istatwa tiġi **taħt** il-bankun. B'hekk, it-tarġa hija l-aktar parti soda għax fuqha jkun hemm il-piż tal-istatwa kollha.

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________





***L-għaxar lezzjoni: L-evalwar summattiv***

**Nota:** F'dan it-test l-istudenti ma jistgħux jużaw dizzjunarji, kotba jew karti oħra. Kull student għandu jagħmel dan it-test b'mod individwali u jrid jieħu lezzjoni sħiħa (40 minuta).

**Il-Malti** **It-tul: 40 minuta**

**L-Isem:_________________** **Il-Klassi:__________**

# IL-FESTI MALTIN

**L-ISTRUZZJONIJIET LILL-ISTUDENTI**

- Wieġeb il-mistoqsijiet skont kif mitlub.
- Ortografija, punteġġjatura, sintassi, ideat u preżentazzjoni tajbin jgħinuk biex tikseb riżultati aħjar.

**GĦALL-UŻU TAL-GĦALLIEMA:**

**L-ISKEMA TAL-MARKI**

| IL-MISTOQSIJA | A | B | Ċ | Total |
|---|---|---|---|---|
| IL-MARKI | 20 | 20 | 10 | 50 |
| IL-MARKI TAL-ISTUDENT/A | | | | |
| KUMMENTI | | | | |

**A. Aqra dan l-avviż**



**A. Wieġeb dawn il-mistoqsijiet b'mod sħiħ**

1. F'liema xahar ħareġ dan l-avviż?

______________________________________________

(marka)

2. Liema parroċċa f'Malta ħarġet dan l-avviż?

______________________________________________

(2 marki)

3. X'qiegħed iħeġġeġ lin-nies jagħmlu waqt li jkun għaddej Ġesù Sagramentat fit-toroq?

______________________________________________

______________________________________________

(4 marki)

4. Liema huma l-aħħar żewġ toroq li se tgħaddi minnhom il-purċissjoni bis-sagrament?

______________________________________________

(2 marki)

5. X'festa nkunu qed niċċelebraw fil-festa ta' *Corpus Christi*?

______________________________________________

(marka)

6. Il-festa ta' *Corpus Christi* tiġi ċċelebrata fil-parroċċi kollha ta' Malta u Għawdex. Taqbel li n-nies, għalkemm mhijiex il-festa titulari jew sekondarja, għandhom jarmaw it-twieqi, il-gallariji u l-bjut tagħhom? Għaliex?

(5 marki)

7. Dan l-avviż ħareġ fi żmien il-pandemija tal-Covid 19. F'dak iż-żmien ma tħallewx isiru pellegrinaġġi bl-istatwi titulari. F'Jannar tal-2022 tħabbar li wara sentejn se jerġgħu jibdew il-festi esterni. Għaliex huwa importanti li nerġgħu nibdew niċċelebraw il-festi kif nafuhom f'Malta? Agħti żewġ raġunijiet.

(5 marki)

**B. Aqra din is-silta qasira u wieġeb il-mistoqsijiet**

*"Tal-Iljun kienu fid-drawwa li l-Ħadd ta' wara l-festa tal-Patrun jorganizzaw xalata kbira. Sa mill-għada tal-festa kienu jibdew jinbiegħu l-biljetti bil-ħames xelini l-wieħed. It-tfal kienu jħallsu nofs prezz. Il-biljetti kienu jinħatfu bħall-pastizzi ħerġin sħan mill-forn."*

Silta meħuda mill-ktieb '*Il-Kappillan Jerġa' Jagħmilha'* ta' Tusè Costa

1. Il-festa esterna tinqasam f'seba' partijiet differenti. Għal liema parti qed tirreferi din is-silta?

________________________________________________________________

________________________________________________________________

(marka)

2. Ikteb il-kumplament tat-taqsimiet prinċipali tal-festa Maltija?

________________________________________________________________

________________________________________________________________

________________________________________________________________

(6 marki)

3. F'liema jum issir il-purċissjoni tat-translazzjoni?

________________________________________________________________

(2 marki)

4. ‘Tal-Iljun’ huwa laqam ta’ każin tal-banda. Ikteb erba’ strumenti li jkunu parti mill-banda.

(4 marki)

5. X’jismu dak il-post li fuqu jittellgħu l-kunċerti vokali u strumentali?

(1 marka)

6. Liema tip ta’ armar jinkludi fih iż-żubrun, il-gallun u l-frenża?

(2 marki)

7. Agħżel tip ta’ armar ieħor, differenti minn dak li tajt għal mistoqsija 6, u ikteb erba’ kelmiet tekniċi ma’ dak it-tip ta’ armar partikolari. Fir-risposta ikteb liema armar għażilt.

(4 marki)

**Ċ. Kitba qasira**

Immaġina li int parti mill-kumitat tal-każin tar-raħal tiegħek. F'mhux iktar minn **70 kelma**, ikteb fuq l-attività/attivitajiet prinċipali li għamiltu fil-festa ta' din is-sena biex inġabru l-fondi għall-każin. Din il-kitba se tidher fil-ktieb tal-festa tas-sena d-dieħla.

(10 marki)



**TMIEM**

| L-iskema tal-marki u t-tweġibiet għall-għalliema tat-test | |
|---|---|
| **Id-disa' sena** | **Il-Malti** |

| | **Il-Marka** |
|---|---|
| **Il-Fehim mis-Smigħ: Festi Solenni ta' Corpus Christi** **(*ma jitnaqqsux marki għal żbalji ortografiċi*)** | **20 marka** |

| **Taħriġ A:** | | |
|---|---|---|
| 1. | Ġunju | **marka** |
| 2. | Il-Parroċċa ta' San Ġużepp il-Kalkara | **żewġ marki** |
| 3. | Kulħadd huwa mħeġġeġ isellem lil Ġesù sagramentat minn quddiem daru. Biex jarmaw it-twieqi, gallariji u bjut minn fejn se tgħaddi l-purċissjoni. Ħadd ma jista' jakkumpanja l-purċissjoni fit-toroq. | **erba' marki** |
| 4. | Santu Rokku u San Leonardu | **żewġ marki** |
| 5. | Il-Ġisem ta' Kristu | **marka** |
| 6. | *Aċċetta tweġibiet varji u li jagħmlu sens. Il-marki qassamhom skont ir-raġunijiet validi li kapaċi joffru l-istudenti. Taċċettax tweġibiet li jwieġbu "Iva" jew "Le" biss. Taċċettax lanqas "għax hekk l-aħjar".* | **ħames marki** |
| 7. | *Aċċetta tweġibiet varji u li jagħmlu sens. Il-marki qassamhom skont ir-raġunijiet validi li kapaċi joffru l-istudenti. Taċċettax tweġibiet li jwieġbu "Iva" jew "Le" biss. Taċċettax lanqas "għax hekk l-aħjar".* | **ħames marki** |

| | Il-Marka |
|---|---|
| **Il-Kultura u l-Lessiku Festiv**<br>***(ma jitnaqqsux marki għal żbalji ortografiċi)*** | **20 marka** |

| **Taħriġ B:** | | |
|---|---|---|
| 1. | Ix-xalata | **marka** |
| 2. | Il-ħruġ tal-vara min-niċċa, l-ewwel jum tat-tridu, it-tieni jum tat-tridu, it-tielet jum tat-tridu, lejliet il-festa, u jum il-festa. | **sitt marki**<br>(*tingħata marka għal kull tweġiba tajba)* |
| 3. | F'lejliet il-festa | **żewġ marki** |
| 4. | Il-klarinetti, it-trumbetti, il-kurni, il-perkussjoni, l-alt horns, l-awfonji, it-trumbuni, jew il-baxxi.<br>(*Aċċetta erba' tweġibiet minn dawn. Taċċettax il-verżjoni Ingliża ħlief għall-alt horns)* | **erba' marki** |
| 5. | Il-pjanċier | **marka** |
| 6. | Il-pavaljun | **żewġ marki** |
| 7. | **It-trofew/It-trofew nazzjonali**: labarda, skudett, bandalora, fjammi, jew kolonna.<br>**Il-pjanċier**: leġiju, brazz, panew, skudett, ornament, pilastru, soprabank, bank, jew sottobank.<br>**L-istatwa**: raġġiera, statwa, puttin, pedestall, bradella, bankun, intaġġi, jew tarġa.<br>(*Aċċetta waħda minn dawn it-tweġibiet. Importanti li fir-risposta jiktbu liema armar għażlu. Jekk dak naqqas nofs marka. Taċċettax kliem marbut mal-logħob tan-nar, mal-pavaljun jew strumenti tal-banda.)* | **erba' marki** |

| | Il-Marka |
|---|---|
| **Kitba qasira**<br>***(jitnaqqsu marki għal żbalji ortografiċi)*** | **10 marki** |

| **Taħriġ Ċ:** | | |
|---|---|---|
| | *Aċċetta tweġibiet varji u li jagħmlu sens. Il-marki se jitqassmu skont it-tabella ta' taħt. Dawk l-istudenti li jagħmlu użu minn xi kliem tekniku marbut mal-festi Maltin għandhom jingħataw aktar marki minn oħrajn. L-importanti li l-kliem jintuża fil-kuntest it-tajjeb.* | **10 marki** |
| | **L-ideat:** 3 marki<br>**Il-punteġġjatura u sintassi:** 2 marki<br>**L-ortografija:** 3 marki<br>**L-espressjoni u lessiku:** 2 marki | |